# KAPITOLU II

# POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTA' KOMUNI

## SEZZJONI 1

## DISPOSIZZJONIJIET KOMUNI

### ARTIKOLU III-294

**1. Fil-kuntest tal-prinċipji u l-miri ta' l-azzjoni esterna, l-Unjoni għandha tiddefinixxi u timplimenta politika estera u ta' sigurta' komuni li tkopri l-oqsma kollha ta' politika estera u ta' sigurta'.**

**<u>Politika Barranija u ta' Sigurta' Komuni mill-Unjoni</u>**

L-ewwel ma rridu ngħidu huwa li anki hawnhekk it-tradutturi jew tradituri ta' l-ilsien Malti daħħlu kelma barranija minflok dik Maltija, għaliex bil-Malti ma ngħidux "**estera**", imma "**barranija**"

Dan l-Artiklu bid-diversi subartikoli tiegħu, huwa mill-aktar jaħarqu fl-implikazzjonijiet tiegħu. Innutaw li hija l-Unjoni Ewropea li tgħid x'inhija u timplimenta l-politika barranija u ta' sigurta' komuni.

Innutaw ukoll li din il-politika tkopri l-oqsma kollha ta' politika barranija u ta' sigurta' komuni, u għalhekk ma jibqa' l-ebda qasam ta' din il-politika f'idejn l-Istati Membri.

Fi kliem ieħor, l-Unjoni Ewropea tista' tiddeċiedi li tagħmel bojkott jew tieħu xi azzjoni militari kontra xi pajjiż jew pajjiżi, u hawnhekk irridu niftakru fl-armata ta' l-Unjoni Ewropea bil-mijiet ta' ajruplani u bastimenti tal-gwerra.

Waqt li aktar 'il quddiem naraw li deċiżjoni bħal din, jiġifieri b'implikazzjonijiet ta' difiża jew militari tkun tinħtieġ qbil unanimu, taħsbu li ċ-ċkejkna Malta, jew aħjar il-mexxejja tagħha, m'humiex sejrin jiġu pperswaduti, biex ma ngħidux mhedda, li jivvotaw favur din id-deċiżjoni?

Tinsewx kemm hemm Stati Membri tan-NATO u huma avventurużi fl-indħil fl-affarijiet interni ta' pajjiżi oħra, anki militarment, li bil-politika at' difiża kokmuni kull Stat Membru huwa marbut li jiddefendihom.

U għalfejn għandna nidħlu bejn il-basla u qoxritha, meta niftakru li l-qawl Malti jgħid li "**min jidħol bejn il-basla w qoxritha jibqa' b'riħitha**"?

Ma kellniex biżżejjed imwiet ta' ħutna Maltin fi gwerer li daħħalna fihom ħaddieħor?

**<u>L-Istati Membri Marbuta Għal Kollox</u>**

**2. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw il-politika estera u ta' sigurta' komuni attivament u mingħajr riservi fi spirtu ta' lealta' u solidarjeta' reċiproka.**

**L-Istati Membri għandhom jaħdmu flimkien biex itejjbu u jiżviluppaw is-solidarjeta' politika reċiproka tagħhom. Għandhom iżommu lura minn kull azzjoni li hi kuntrarja għall-interessi ta' l-Unjoni jew li x'aktarx tkun ta' impediment għall-effikaċja tagħha bħala forza koeżiva f'relazzjonijiet internazzjonali.**

**Il-Kunsill u l-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni għandhom jassiguraw li dawn il-prinċipji huma mħarsa.**

Innutaw kif it-tieni subartikolu qiegħed jorbot lill-Istati Membri li jridu bilfors jappoġġaw il-politika barranija u ta' sigurta' komuni attivament, jiġifieri mhux sempliċiment ma jikkumentawx fuqha, imma li jagħmlu fil-fatt dak kollu li tkun iddeċidiet l-Unjoni Ewropea, anki jekk ma jkunux jaqblu miegħu.

Innutaw li jingħad li "**L-Istati Membri għandhom jappoġġaw il-politika estera u ta' sigurta' komuni attivament u mingħajr riservi.**"

Fi kliem ieħor, billi jieħdu sehem fl-azzjonijiet u mhux biss ma jieħduhiex kontrihom jew ma jagħmlu xejn.

Dan iridu jagħmluh "**mingħajr riservi"** u '**fi spirtu ta' lealta' u solidarjeta' reċiproka'**, jiġifieri lejn xulxin u lejn l-Unjoni Ewropea.

Fi kliem ieħor, minkejja dak li tgħid il-Kostituzzjoni ta' Malta u minkejja li Malta hija newtrali, xorta waħda trid bilfors tappoġġa l-politika barranija u ta' sigurta' komuni ta' l-Unjoni Ewropea tkun xi tkun dik il-politika.

Tinsewx li jekk tgħaddi din il-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, il-Kostituzzjoni ta' Malta ma tiġix tiswa ħaqq il-karta li hija miktuba fuqha, għaliex il-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea jkollha l-primat, jiġifieri tiġi l-ewwel u jgħodd dak li tgħid hija u mhux dak li tgħid il-Kostituzzjoni ta' Malta.

Mhux biss, imma nnutaw kif l-Istati Membri ma jistgħux jieħdu xi azzjoni li titqies li hija kuntrarja għall-interessi ta' l-Unjoni Ewropea jew li b'xi mod tfixkel l-effettivita' ta' l-Unjoni Ewropea bħala forza magħquda f'relazzjonijiet internazzjonali.

Biex nieħdu eżempju, minkejja li Malta tista' ma tkunx taqbel mal-politika barranija ta' l-Unjoni Ewropea, jew xi pajjiż barrani li l-Unjoni Ewropea tkun qiegħda tappoġġja, Malta trid bilfors tappoġġa d-deċiżjoni ta' l-Unjoni Ewropea, u jekk tqum kwistjoni fil-Ġnus Magħquda dwar id-deċiżjoni ta' l-Unjoni Ewropea, Malta trid bilfors tivvota favur id-deċiżjoni.

Mhux biss ikollu jsir hekk, imma l-Kunsill tal-Ministri u l-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni Ewropea qegħdin jingħataw il-jedd u s-setgħa li jaraw li jkun hemm konformita' ma dawn il-prinċipji, jiġifieri li jagħmlu dak kollu meħtieġ biex l-Istati Membri jimxu skond ma tkun iddeċiediet l-Unjoni Ewropea.

Qegħdin taraw kemm l-Istati Membri jibqgħu ħielsa li jiddeċiedu l-politika barranija u ta' sigurta' skond ma jkun jaqbel lilhom u liċ-ċittadini tagħhom kif għandu jedd u

setgħa kull **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran**, imma jkollhom jobdu bilfors dak li tkun ordnat l-Unjoni Ewropea?

**L-Unjoni Tmexxi l-Politika Barranija u ta' Sigurta' Komuni**

**3. L-Unjoni għandha tmexxi l-politika estera u ta' sigurta' komuni billi:**

**a) tiddefinixxi l-linji gwida ġenerali;**

**b) tadotta deċiżjonijiet Ewropej li jiddefinixxu:**
**i) l-azzjonijiet li jridu jittieħdu mill-Unjoni;**
**ii) il-posizzjonijiet li jridu jittieħdu mill-Unjoni;**
**iii) l-arrangamenti għall-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet Ewropej previsti fil-punti (i) u (ii);**

**ċ) issaħħah il-koperazzjoni sistematika bejn l-Istati Membri fit-tmexxija tal-politika.**

Fi kliem ieħor, dan is-subartikolu qiegħed jagħti l-jedd u s-setgħa lill-Unjoni Ewropea li tagħmel dak kollu li trid fl-oqsma tal-politika barranija u ta' sigurta' komuni, u tieħu kull azzjoni li jkun jidrilha bl-Istati Membri jridu jagħmlu bilfors dak li tkun iddeċidiet l-Unjoni Ewropea, kemm jekk ikunu jaqblu u kemm jekk le.

Innutaw li m'hemm xejn li jillimita l-azzjonijiet li l-Unjoni Ewropea tista' tieħu, speċjalment dwar is-sigurta' komuni, u għalhekk l-Unjoni Ewropea tista' tieħu anki azzjonijiet militari u l-miżuri kollha li jidrilhom il-mexxejja tagħha biex iwettquhom.

Dan ifisser li jekk il-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea jiddeċiedu li jinħtieġ li Malta tintuża bħala bażi militari biex jitwettqu l-operazzjonijiet militari tagħha, il-gvern Malti jkollu joqgħod għal dik id-deċiżjoni.

Kif għedna aktar qabel, minkejja li l-Kostituzzjoni ta' Malta tkun tordna mod u minkejja li Malta hija Stat newtrali, Malta mhux biss ma tkun tista' tagħmel xejn kontra dak li tiddeċiedi l-Unjoni Ewropea, imma trid bilfors taċċetta u ssostni l-pożizzjoni u d-deċiżjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

Tridu li noqgħodu għal dan id-diktat tal-barrani arroganti ta' l-Unjoni Ewropea u l-periklu li daħħluna fih?

Jekk le, triq waħda għandna.

Nitilqu mill-aktar fis kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu.

**ARTIKOLU III-295**

**1. Il-Kunsill Ewropew għandu jiddefinixxi l-linji gwida ġenerali għall-politika estera u ta' sigurta' komuni, inklużi dawk għal kwistjonijiet b'implikazzjonijiet għad-difiża.**

**Jekk żviluppi internazzjonali jeħtieġu hekk, il-President tal-Kunsill Ewropew għandu jsejjah laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew sabiex jiddefinixxi l-linji strateġiċi tal-politika ta' l-Unjoni quddiem biex jieħdu in kunsiderazzjoni l-iżviluppi.**

**2. Il-Kunsill għandu jadotta d-deċiżjonijiet Ewropej neċessarji għad-definizjoni u l-implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurta' komuni fuq bazi tal-linji gwida ġenerali u l-linji strateġiċi definiti mill-Kunsill Ewropew.**

**<u>L-Unjoni Tiddeċiedi u l-Istati Membri Jobdu</u>**

Artikolu li qiegħed kollox f'idejn il-Kunsill Ewropew biex jagħmel dak kollu li jidhirlu fl-oqsma tal-politika barranija u ta' sigurta' komuni, u nnutaw, inklużi dawk b'implikazzjonijiet ta' difiża. Hawnhekk ma rridux ninsew li l-Gvern diġa' daħħal lil Malta fl-Aġenzija tad-Difiża ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan sar bi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta bħal ma kienet saret ukoll bi ksur tal-Kostituzzjoni s-sħubija ta' Malta fil-Partnership for Peace li hija organizzazzjoni tan-NATO, għaliex Malta ma tistax tkun membru f'xi organizzazzjoni militari.

Il-fatt li l-Gvern qiegħed jikser il-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-fatt li l-barrani ta' l-Unjoni Ewropea u tan-NATO kienu jafu x'tgħid il-Kostituzzjoni ta' Malta u minkejja dan ħajjru u aċċettaw l-applikazzjonijiet tal-Gvern Malti, juri kemm il-barrani dejjem kien lest li jkażbar l-aqwa liġi ta' kull Stat, jiġifieri l-Kostituzzjoni.

Madankollu m'għandniex għalfejn niskantaw, għaliex jekk għandek il-Gvern tal-pajjiż lest li jkażbar il-Kostituzzjoni ta' pajjiżu, kif tista' tistenna li l-barrani għandu jħarisha u ma jħarisx l-interessi militari tiegħu?

Barra minn hekk, bl-iskuża ta' "**kwistjonijiet b'implikazzjonijiet għad-difiża"**, l-Unjoni Ewropea tista' tordna li barra li l-portijiet u l-ajruport jintużaw mill-forzi militari tagħha, tista tordna wkoll li f'Malta jiġu stallati sistemi ta'missili biex jitħares it-territorju tagħha, u tinsewx li aħna qegħdin fuq il-fruntiera u għalhekk sistema bħal din tkun l-ewwel tarka biex tilqa' għal xi attakk kontra l-Unjoni Ewropea.

Dan huwa l-periklu li daħħluna fih il-**ĠUDIET** tal-poplu Malti u l-**QUISLINGS** li ma jixirqilhomx jissejħa Maltin li lesti jmexxi skond kif jordnalhom il-barrani ta' l-Unjoni Ewropea minn Brussell.

## ARTIKOLU III-296

**1. Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, li għandu jippresjedi l-Kunsill ta' l-Affarijiet Barranin, għandu jikkontribwixxi permezz tal-proposti tiegħu għall-preparazzjoni tal-politika estera u ta' sigurta' komuni u għandu jassigura l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet Ewropej adottati mill-Kunsill Ewropew u mill-Kunsill.**

**2. Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin għandu jirrappreżenta lill-Unjoni f'materji li għandhom x'jaqsmu mal-politika estera u ta' sigurta' komuni.**

**Għandu jmexxi djalogu politiku ma’ partijiet terzi għan-nom ta’ l-Unjoni u għandu jesprimi l-posizzjoni ta’ l-Unjoni f’organizzazzjonijiet internazzjonali u f’konferenzi internazzjonali.**

**3. Fit-twettiq tal-mandat tiegħu, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta’ l-Unjoni għandu jiġi mgħejjun minn Servizz Ewropew ta’ Azzjoni Esterna. Dan is-servizz għandu jaħdem f’koperazzjoni mas-servizzi diplomatici ta’ l-Istati Membri u ghandu jinkludi ufficjali mid-dipartimenti rilevanti tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u tal-Kummissjoni kif ukoll persunal issekondat mis-servizzi diplomatiċi nazzjonali ta’ l-Istati Membri. L-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew ta’ Azzjoni Esterna għandu jiġi stabbilit b’deċiżjoni Ewropea tal-Kunsill. Il-Kunsill għandu jaġixxi fuq proposta mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta’ l-Unjoni wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew u wara li jikseb l-approvazzjoni tal-Kummissjoni.**

**<u>Żewġ Affarijiet Importanti</u>**

Dan l-Artikolu juri żewġ affarijiet importanti.

L-ewwel waħda hija li l-Unjoni Ewropea sejra tkun rappreżentata mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin tagħha f’organizzazzjonijiet u f’konferenzi internazzjonali.

Dan ifisser li l-Unjoni Ewropea tkun qiegħda taġixxi bħala Stat, kif fil-fatt diġa’ hija, jiġifieri Stat Federali, li jekk tgħaddi din il-Kostituzzjoni tkun biss il-konferma tat-twaqqif ta’ l-Istat Federali ta’ l-Unjoni Ewropea.

Ifisser ukoll li minkejja li jista’ jkun għad hemm il-Ministri ta’ l-Affarijiet Barranin ta’ l-Istati Membri preżenti, huma jridu bilfors jivvutaw skond ma tkun iddeċiediet l-Unjoni Ewropea.

B’hekk aktar hemm ċans li jsir dak li tkun iddeċiediet l-Unjoni Ewropea f’dawn l-organizzazzjonijiet u konferenzi internazzjonali għaliex ikollha wkoll il-vot ta’ l-Istati Membri.

Huwa għalhekk biss li l-Unjoni Ewropea tista’ tħalli lill-Ministri ta’ l-Affarijiet Barranin ta’ l-Istati Membri li jieħdu sehem, u għal xejn aktar.

L-affari l-oħra mportanti li toħroġ minn dan l-Artikolu hija li l-Ministru għall-Affarijiet Barranin għandu jkun mgħejun jew mgħejuna mis-Servizz Ewropew ta’ Azzjoni Esterna.

Fi kliem ieħor, sejjer jitwaqqaf servizz dwar l-affarijiet barranin ta’ l-Unjoni Ewropa li jfisser aktar postijiet għal tal-qalba u iżjed piżijiet ta’ taxxi fuq iċ-ċittadini ta’ l-Istati Membri, inklużi aħna sakemm nibqgħu membri.

Mhux biss, imma nnutaw ukoll li dan is-servizz mhux biss irid jaħdem fil-qrib mas-servizzi diplomatiċi ta’ l-Istati Membri, imma s-servizzi diplomatiċi ta’ l-Istati membri jkollhom jagħtuh is-servizz tagħhom bilfors.

Naturalment, mhux biss ikollhom iħallsu għal dan is-servizz iċ-ċittadini ta' dawk l-Istati Membri, imma saħansitra jkollu wkoll **"persunal issekondat mis-servizzi diplomatiċi nazzjonali ta' l-Istati Membri**."

Ta' subgħajhom f'ħalqhom il-mexxejja federalisti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea!

Mhux biss ikollhom in-nies tagħhom fis-servizz diplomatiku ta' l-Unjoni Ewropea, imma jridu wkoll jintbagħtu magħhom nies mis-servizzi diplomatiċi ta' l-Istati Membri.

Qegħdin taraw x'arroganza u kif wiċċ il-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea huwa mingħajr l-iċken qatra żejt u agħar mill-għatba tal-Klistanija?

## ARTIKOLU III-297

**1. Meta s-sitwazzjoni internazzjonali teħtieġ azzjoni operattiva mill-Unjoni, il-Kunsill għandu jadotta d-deċiżjonijiet Ewropej neċessarji. Dawn id-deċiżjonijiet għandhom jistabbilixxu l-miri, l-kamp ta' l-applikazzjoni, il-mezzi li għandhom ikunu disponibbli għall-Unjoni, jekk neċessarju t-tul ta' żmien, u l-kondizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' l-azzjoni.**

**Jekk ikun hemm bidla fiċ-ċirkostanzi li jkollha effett sostanzjali fuq kwistjoni soġġetta għal deċiżjoni Ewropea, l-Kunsill għandu jirrevedi l-prinċipju u l-miri ta' dik id-deċiżjoni u jadotta d-deċiżjonijiet Ewropej neċessarji.**

**<u>Azzjoni Operattiva mill-Unjoni</u>**

Dan is-subartikolu qiegħed jagħti jedd u setgħa lill-Kunsill tal-Ministri ta' l-Unjoni Ewropea li jekk ikun meħtieġ jieħu deċiżjoni Ewropea biex tittieħed azzjoni operattiva, jiġifieri mhux bil-kliem imma bil-fatti, billi, bħala eżempju, tibgħat suldati u l-armata tagħha fejn ikun meħtieġ.

Hawnhekk irridu nfakkru li l-Istati Membri huma marbuta, bħal dejjem, bid-deċiżjonjiet meħuda mill-Unjoni Ewropea, u jkollhom bilfors jagħmlu dak kollu li jiġu ordnati jagħmlu mil-Unjoni Ewropea, inkluż li jipprovdu l-mezzi kollha li jkunu ordnati jipprovdu.

Jekk imbagħad ikun hemm tibdil fis-sitwazzjoni, u dan jista' jkun kemm għall-aħjar kif ukoll għall-agħar, il-Kunsill tal-Ministri jkun jista' jerġa' jara s-sitwazzjoni u jieħu d-deċiżjonijiet li jkun jidhirlu.

Mhux biss, imma nnutaw ukoll li s-subartikolu li jmiss jorbot lill-Istati Membri li jridu jimxu bilfors ma' dak kollu li jkun iddeċieda l-Kunsill tal-Ministri, kemm fil-pożizzjoni li jieħdu, kif ukoll fl-imġiba ta' l-azzjonijiet tagħhom.

**Deċiżjonijiet Ewropej Jorbtu lill-Istati Membri**

**2. Id-deċiżjonijiet Ewropej msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jorbtu lill-Istati Membri fil-posizzjonijiet li jadottaw u fil-ġestjoni ta' l-azzjoni tagħhom.**

**3. Kull darba li jkun hemm pjan li tittieħed posizzjoni nazzjonali jew azzjoni nazzjonali skond id-deċiżjoni Ewropea, kif previst fil-paragrafu 1, għandu jingħata tagħrif mill-Istat Membru konċernat fi żmien biżżejjed li jippermetti, jekk ikun neċessarju, li jsiru konsultazzjonijiet minn qabel fil-Kunsill. L-obbligu li tkun provduta informazzjoni minn qabel m'għandux japplika għall-miżuri li huma sempliċiment trasposizzjoni nazzjonali ta' din id-deċiżjonijiet.**

Fi kliem ieħor, jekk xi Stat Membru jkun sejjer jieħu xi pożizzjoni jew azzjoni minħabba deċiżjoni Ewropea f'dan il-qasam, jiġifieri kif ikun ordnat jagħmel, huwa għandu jinforma lill-Kunsill tal-Ministri u jkun hemm żmien biżżejjed biex jiddiskutu bejniethom qabel ma tiġi fis-seħħ il-pożizzjoni jew tittieħed l-azzjoni u, jekk ikun meħtieġ, l-Istat Membru jibdel il-pożizzjoni jew l-azzjoni skond ma jiġi deċiż mill-Kunsill.

Kif tistgħu tinnutaw, anki fejn l-Istati Membri jkunu sejrin jieħdu xi pożizzjoni jew xi azzjoni wara deċiżjoni Ewropea, xorta waħda ma jistgħux jagħmlu li jridu, imma jridu jikkonsultaw u joqgħodu għal dak kollu li jiddeċiedi l-Kunsill.

**Miżuri b'Urġenza**

**4. F'każ ta' bżonn imperattiv ikkawżat mill-iżvilupp ta' sitwazzjoni u fin-nuqqas ta' reviżjoni tad-deċiżjoni prevista fil-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jieħdu l-miżuri neċessarji bħala kwistjoni ta' urġenza, billi jitqiesu l-miri ġenerali ta' dik id-deċiżjoni. L-Istat Membru konċernat għandu jinforma lill-Kunsill immedjatament b'kull miżura ta' dan it-tip.**

Li qiegħed jingħad huwa li jekk tinqala xi ħaġa li ma tistax tistenna minħabba bidliet fis-sitwazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa urġenti u jinfurmaw minnufih lill-Kunsill tal-Ministri.

Waqt li dan jidher bħala xi ħaġa li qiegħda titħalla f'idejn l-Istati Membri, din tista' twassal biex Stati Membri avventurużi militarment ikomplu jikkomplikaw is-sitwazzjoni mhux biss għalihom, imma anki għall-Istati Membri l-oħra b'xi azzjoni militari li jieħdu.

Jekk Stat Membru jkun ħa azzjoni militari li biha jdaħħal Stati Membri oħra u jikbru l-kumplikazzjonijiet, u li wara jirriżulta li dik l-azzjoni kisret xi liġi internazzjonali, kull min ikun ħa sehem jista' jkun espost mhux biss għal attakki ta' tpattija imma anki biex jagħmel tajjeb għad-danni.

**Diffikultajiet Maġġuri**

**5. Jekk ikun hemm diffikultajiet maġġuri fl-implimentazzjoni ta' deċiżjoni Ewropea kif previsti f'dan l-Artikolu, Stat Membru għandu jirreferihom lill-Kunsill li għandu jiddiskutihom u jfittex soluzzjonijiet xierqa. Dawn is-**

**soluzzjonijiet m'għandhomx ikunu kontra l-miri ta' l-azzjoni prevista fil-paragrafu 1 jew inaqqsu l-effikaċja tagħha.**

Fi kliem ieħor, jekk Stat Membru jkollu diffikultajiet kbar biex jagħmel dak li tordna deċiżjoni Ewropea, li jista' jagħmel huwa li jgħid lill-Kunsill tal-Ministri biex isib soluzzjoni għalihom. Imma nnutaw li dawn is-soluzzjonijiet ma jistgħux ikunu kontra l-miri ta' l-azzjoni jew itellfu l-effikaċja tagħha.

Fil-każ ta' Malta, dan ifisser li minkejja dak li tgħid il-Kostituzzjoni tagħna dwar in-newtralita', jekk l-Unjoni Ewropea tiddeċiedi li tagħmel azzjonijiet militari kontra xi pajjiż ieħor, Malta xorta waħda ma tistax tmur kontra dik id-deċiżjoni, waqt li anki s-soluzzjoni, jekk tinstab soluzzjoni, ma tistax tkun kontra l-miri ta' l-azzjoni jew ittellef l-effikaċja tagħha.

Fuq kollox, tinsewx li jekk tgħaddi din il-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, din tkun fuq il-Kostituzzjoni ta' Malta u dak li tgħid il-Kostituzzjoni ta' Malta ma jkun jiswa xejn għaliex tkun tgħodd il-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea li taħtha jkunu qed jittieħdu dawk l-azzjonijiet.

Dak huwa li tfisser is-sħubija fl-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea. Li jkollok toqgħod għal dak kollu li jiddeċiedi l-barrani arroganti ta' l-Unjoni Ewropea li l-**QUISLINGS** Maltin ikunu jridu jobdu b'għajnejhom magħluqa.

## ARTIKOLU III-298

**Il-Kunsill għandu jadotta deċiżjonijiet Ewropej li għandhom jiddefinixxu l-posizzjoni ta' l-Unjoni fuq kwistjoni partikolari ta' natura ġeografika jew tematika. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-politika nazzjonali tagħhom tkun konformi mal-posizzjonijiet ta' l-Unjoni.**

**<u>Deċiżjonijiet Ewropej Jorbtu l-Istati Membri</u>**

Fi kliem ieħor, biex nieħdu eżempju, jekk il-Kunsill jiddeċiedi li l-Unjoni Ewropea taqbel li l-fruntieri ta' l-Israel għandhom ikunu skond kif jiddeċiedi l-Gvern Israelit, l-Istati Membri jridu jimxu ma dik id-deċiżjoni anki jekk ma jkunux jaqblu, u l-politika tagħhom trid tkun bħal ma tkun iddeċiediet l-Unjoni Ewropea.

Din hija konferma oħra li l-Istati Membri ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea m'għadhomx ħielsa u ma jistgħux jiddeċiedu skond kif ikun jaqblilhom jew jaraw li jkun ġust, imma jridu jimxu bilfors ma' dak li jkun iddeċieda l-Kunsill tal-Ministri.

## ARTIKOLU III-299

**1. Kull Stat Membru, l-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, jew dak il-Ministru bl-appoġġ tal-Kummissjoni, jistgħu jirreferu kwalunkwe kwistjoni li tirrelata mal-politika estera u ta' sigurta' komuni lill-Kunsill u jistgħu jissottomettulu inizjattivi jew proposti skond il-każ.**

**2. F'każijiet li jeħtieġu deċiżjoni rapida, l-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, fuq mozzjoni tiegħu stess jew fuq talba ta' Stat Membru, għandu jsejjaħ laqgħa straordinarja tal-Kunsill fi żmien tmienja u erbgħin siegħa jew, f'emergenza, f'perijodu iqsar.**

## Laqgħa Straordinarja tal-Kunsill

L-ewwel nett, minflok il-kelma "**rapida"**, bil-Malti tajjeb ngħidu "**malajr**", jiġifieri mingħajr telf ta' żmien.

Hawnhekk naraw Artikolu li sejjer iwassal biex dawk l-Istati Membri li huma avventurużi, speċjalment militarment, jippruvaw iwasslu lill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea biex jiddeċiedi favur politika militari jew ta' konfrontazzjoni ma pajjiżi oħra.

Ħadd ma jiskanta li dan isir, speċjalment meta naraw kif ċerti Stati Membri malajr daħlu bi sħab fil-gwerra ta' l-Iraq, liema gwerra issa anki s-Segretarju Ġenerali tal-Ġnus Magħquda qal li kienet gwerra illegali. M'hemm għalfejn nqogħodu nelaboraw dwar l-implikazzjoni li jistgħu jirriżultaw.

Innutaw ukoll kif il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni Ewropea jista' jsejjaħ laqgħa fi żmien tmienja u erbgħin siegħa jew anki anqas jekk ikun meħtieġ, jekk iqis li hemm sitwazzjoni ta' emerġenza.

Kif jista' l-Parlament Malti, biex nieħdu eżempju, jingħata tagħrif biex jieħu pożizzjoni fuq il-kwistjoni, meta l-laqgħa tista' tissejjaħ f'inqas min tmienja u erbgħin siegħa u jkun wara l-laqgħa li jista' jkollu t-tagħrif meħtieġ?

## ARTIKOLU III-300

**1. Id-deċiżjonijiet Ewropej previsti f'dan il-Kapitolu għandhom jiġu adottati mill-Kunsill li jaġixxi b'mod unanimu.**

**Kwalunkwe membru tal-Kunsill li jastjeni mill-vot jista' jikkwalifika l-astensjoni tiegħu billi jagħmel dikjarazzjoni formali. F'dak il-każ, m'għandux ikun obbligat li japplika d-deċiżjoni Ewropea, imma għandu jaċċetta li d-deċiżjoni torbot lill-Unjoni. Fi spirtu ta' solidarjeta' reċiproka, l-Istat Membru konċernat għandu jastjeni milli jieħu kull azzjoni li x'aktarx tidħol f'kunflitt ma' jew timpedixxi azzjoni ta' l-Unjoni bbażata fuq dik id-deċiżjoni u l-Istati Membri l-oħra għandhom jirrispettaw il-posizzjoni tiegħu. Jekk il-membri tal-Kunsill li jikkwalifikaw l-astensjoni tagħhom b'dan il-mod jirrappreżentaw mill-inqas terz ta' l-Istati Membri li jinkludu mill-inqas terz tal-popolazzjoni ta' l-Unjoni, id-deċiżjoni m'għandhiex tiġi adottata.**

## Jistgħu Jastjenu

Innutaw kif għalkemm il-membri tal-Kunsill jew ir-rappreżentanti tagħhom ikunu preżenti, huma jistgħu jastjenu, imma dan ma jfissirx li d-deċiżjoni ma tistax tittieħed.

F'dan il-każ, dak l-Istat mhuwiex marbut li japplika d-deċiżjoni tal-Kunsill, u l-Istati Membri l-oħra jridu jirrispettaw id-deċiżjoni tiegħu, imma fl-istess ħin, huwa ma jkunx jista' jagħmel xi ħaġa li aktarx tkun kontra jew tfixkel l-azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea.

Madankollu, taħsbu li l-mexxejja Maltin li wrew li tant huma lagħaqa tal-barrani ta' l-Unjoni Ewropea u oħrajn tant li ħadu wkoll sehem fit-tfassil ta' din il-Kostituzzjoni sejrin xi darba jastjenu w jagħmlu d-dikjarazzjoni msemmija u ma jkomplux jumiljaw u jdaħħlu fil-periklu lill-poplu Malti billi jaċċettaw kull deċiżjoni meħuda mill-barrani arroganti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea?

Imma jekk taħsbu li d-deċiżjonijiet dejjem sejrin jittieħdu unanimament, stennew u taraw kif is-subartikolu li jmiss jipprovdi biex dawn jittieħdu wkoll b'maġġoranza kwalifikata.

Ħaġa li trid tiġi nnutata wkoll hija li jekk terz ta' l-Istati Membri li jkunu jirrappreżentaw mill-inqas terz tal-popolazzjoni ma jaqblux, id-deċiżjoni ma tiġix adottata.

Dan ifisser li waqt li l-Istati Membri l-kbar faċilment ma jħallux issir xi ħaġa li jkunu jaqblu magħha l-kumplament għaliex l-Istati Membri l-kbar faċilment ikollhom ukoll terz tal-popolazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, l-Istati ż-żgħar qatt ma jistgħu jagħmlu l-istess, għaliex jew qatt jew ikun diffiċli ħafna biex huma jkollhom terz tal-popolazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea.

Qegħdin taraw kif l-affarijiet jinħadmu biex l-Istati Membri l-kbar u l-aktar avventurużi militarment dejjem jibqgħu jiddominaw id-deċiżjonijiet li jittieħdu fl-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea?

<u>**Maġġoranza Kwalifikata**</u>

**2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata:**

**a) meta jadotta deċiżjonijiet Ewropej li jiddefinixxu azzjoni jew posizzjoni ta' l-Unjoni fuq bażi ta' deċiżjoni Ewropea tal-Kunsill Ewropew dwar l-interessi u l-miri strateġiċi ta' l-Unjoni, kif prevista fl-Artikolu III-293(1);**

**b) meta jadotta deċiżjoni Ewropea li tiddefinixxi azzjoni jew posizzjoni ta' l-Unjoni, fuq proposta li l-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni jkun ressaqlu wara talba speċifika lilu mill-Kunsill Ewropew li ssir fuq inizjattiva ta' dan stess jew fuq dik tal-Ministru;**

**ċ) meta jadotta deċiżjoni Ewropea li timplimenta deċiżjoni Ewropea li tiddefinixxi xi azzjoni jew posizzjoni tal-Unjoni;**

**d) meta jadotta deċiżjoni Ewropea li tikkonċerna l-ħatra ta' rappreżentant speċjali skond l-Artikolu III-302.**

**Jekk membru tal-Kunsill jiddikjara li, għal raġunijiet importanti u dikjarati ta' politika nazzjonali, bi ħsiebu jopponi l-adozzjoni ta' deċiżjoni Ewropea li għandha tiġi adottata b'maġġoranza kwalifikata, m'għandux jittieħed vot. Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, f'konsultazzjoni mill-qrib ma' l-Istat Membru involut, ifittex soluzzjoni aċċettabbli għal dan ta' l-aħħar. Jekk hu ma jirnexxielux, il-Kunsill jista' waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jitlob li l-kwistjoni titressaq quddiem il-Kunsill Ewropew għal deċiżjoni Ewropea b'mod unanimu.**

Dawn huma waqtiet fejn il-Kunsill tal-Ministri jista' jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata minflok unanimament.

Innutaw kif dejjem huma l-interessi u l-miri strateġiċi ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea li jitħarsu, u mhux dawk ta' l-Istati Membri ndividwali.

Innutaw li waqt li jekk Stat Membru jistqarr li għal raġunijiet vitali u mistqarra ta' politika nazzjonali huwa jopponi li d-deċiżjoni tittieħed b'maġġoranza, jekk il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ma jirnexxilux isib soluzzjoni, il-Kunsill xorta waħda jieħu deċiżjoni b'maġġoranza kwalifikata, jitlob li l-kwistjoni tmur għand il-Kunsill Ewropew biex jiddeċiedi b'mod unanimu.

Taħsbu li b'xi mod dak l-Istat Membru, jew aħjar il-Kap ta' Stat jew Gvern tiegħu għaliex hawnhekk qegħdin nitkellmu fuq il-Kunsill Ewropew, ma jiġix b'xi mod ipperswadut, biex ma ngħidux mhedded, biex jibdel il-pożizzjoni tiegħu u jaqbel ma l-oħrajn?

**<u>Jibdlu l-Maġġoranza</u>**

**3. Skond l-Artikolu I-40(7) il-Kunsill Ewropew jista' b'mod unanimu jadotta deċiżjoni Ewropea li tistipula li l-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fil-każijiet barra minn dawk previsti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.**

Innutaw il-Kunsill Ewropew qiegħed jingħata l-jedd u s-setgħa ikun biex ikun jista' effettivament jemenda din il-Kostituzzjoni billi jagħti l-jedd u s-setgħa lill-Kunsill tal-Ministri li jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata minflok unanimanent f'każi oħra barra dawk imsemmija fil-paragrafu 2.

Dan waqt li issa qiegħed jintalab il-qbil ta' l-Istati Membri permezz tal-Parlamenti Nazzjonali, u fejn il-membri parlamentari m'humiex arroganti, taċ-ċittadini tagħhom permezz ta' referendum.

Qegħdin taraw kif l-Unjoni Ewropea tieħu jeddijiet b'mod li jekk ma toqgħodx attent ma tindunax u taqbel magħha, u jekk wara tqajjem kwistjoni tinduna li hija setgħet tagħmel hekk jekk inti teżamina bir-reqqa dak li tkun intlabt li taqbel miegħu?

**<u>Eċċezzjonijiet</u>**

**4. Il-Paragrafi 2 u 3 m'għandhomx japplikaw għal deċiżjonijiet li jkollhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża.**

Din hija eċċezzjoni li għamilna referenzi għaliha fl-Artikoli III-294, fejn għedna li f'każi b'implikazzjonijiet militari u ta' difiża d-deċiżjonijiet iridu jittieħdu unanimament u staqsejna jekk iċ-ċkejkna Malta tiġix ipperswaduta biex tivvota favur.

Waqt li suppost li l-affarijiet isiru unanimament, kulħadd jaf kif issir pressjoni, speċjalment anki fuq Stati Membri żgħar, biex ibiddlu l-pożizzjoni tagħhom u jsiru jaqblu mal-maġġoranza. Huwa għalhekk li l-fatt li jingħad li dawn l-affarijiet iridu jsiru unanimament lilna ma jimpressjonanhiex.

## ARTIKOLU III-301

**1. Meta l-Kunsill Ewropew jew il-Kunsill ikun iddefinixxa approċċ komuni ta' l-Unjoni fis-sens ta' l-Artikolu I-48(5), il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni u l-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Istati Membri għandhom jikkordinaw l-attivitajiet tagħhom fil-Kunsill.**

**2. Il-missjonijiet diplomatiċi ta' l-Istati Membri u d-delegazzjonijiet ta' l-Unjoni f'pajjiżi terzi u f'organizzazzjonijiet internazzjonali għandhom jikkoperaw u għandhom jikkontribwixxu għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' l-approċċ komuni previst fil-paragrafu 1.**

<u>**Posizzjoni Komuni**</u>

Hawnhekk nerġgħu nfakkru li l-kelma approċċ ma teżistix fl-ilsien Malti, u vvintawha biss it-tradutturi jew tradituri ta' l-ilsien Malti li tħallsu l-eluf ta' liri biex qalbu l-Kostituzzjoni u dokumenti oħra.

Aktar kienet toqgħod il-pożizzjoni komuni, għaliex il-Kunsill ikun iddeċieda kif l-Istati Membri għandhom jidħlu għal dik il-biċċa xogħol, jew fi kliem ieħor il-pożizzjoni komuni tagħhom dwarha.

Fi kliem ieħor, l-awtoritajet kollha msemmija jridu jaħdmu flimkien biex jagħtu sehemhom ħalli jkollhom pożizzjoni komuni f'organizzazzjonijiet internazzjonali, u wara li jkollhom din il-pożizzjoni komuni, kollha jridu jsostnuha f'pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

Innutaw li dan ma jsirx biss mill-mexxejja ta' l-Istati Membri f'pajjiżi terzi u organizzazzjonijet internazzjonali, imma anki mill-missjonijiet diplomatiċi tagħhom, jiġifieri l-ambaxxati u l-ambaxxaturi tagħhom.

Innutaw ukoll kif anki jissemmew il-missjonijiet diplomatiċi ta' l-Unjoni Ewropea. Fi kliem ieħor, l-Unjoni Ewropea stess qiegħda tingħata l-jedd u ss-etgħa li jkollha l-anmbaxxati tagħha mill-istess Kostituzzjoni.

Ftakru li huwa **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** li normalment ikollu rappreżentanza tiegħu f'pajjiżi oħra u organizzazzjonijiet internazzjonali.

Għaldaqstant ma jibqa' l-ebda dubju li l-Unjoni Ewroepa diġa' hija Stat federali għaliex diġa' għandna rappreżentanza fi Stati oħra u l-Kostituzzjoni hija l-aħħar pass u konferma ta' l-Unjoni Ewropea bħala Stat Federali u l-Istati Uniti ta' Ewropa.

Hawnhekk nerġgħu nfakkru li minkejja dak li tgħid il-Kostituzzjoni tagħna, xorta waħda nkunu rridu nsostnu dak li tkun iddeċiediet l-Unjoni Ewropea minkejja li jista' ma jkunx skond il-Kostituzzjoni tagħna u forsi anki kontriha, u anki jekk ma nkunux naqblu miegħu u ma jkunx jaqblilna.

## ARTIKOLU III-302

**Il-Kunsill jista' jaħtar, fuq inizjattiva tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, rappreżentant speċjali b'mandat fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' politika partikolari. Ir-rappreżentant speċjali għandu jwettaq il-mandat tiegħu taħt l-awtorita' tal-Ministru.**

### Rappreżentant Speċjali

Artikolu ieħor li jagħti l-jedd u s-setgħa lill-Kunsill ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea biex jinħatar rappreżentant tal-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin dwar kwistjonijiet ta' politika partikolari.

Dan ifisser li lanqas il-Kunsill li niftakru li fih ikun hemm rappreżentanti ta' l-Istati Membri, minkejja li huma jridu jaħdmu fl-interess ta' l-Unjoni Ewropea, ma jibqa' jinnegozja, imma jkun ir-rappreżentant speċjali li jinħatar, innutaw, fuq l-inizjattiva tal-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni Ewropea.

Qegħdin taraw kif l-Unjoni Ewropea sejra tkun tista' tnaqqas is-sehem tal-Kunsill billi permezz tal-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin tagħha tagħmel ir-rakkomandazzjoni meħtieġa lill-Kunsill?

## ARTIKOLU III-303

**L-Unjoni tista' tikkonkludi ftehim ma' Stat wieħed jew aktar jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali f'oqsma koperti b'dan il-Kapitolu.**

### Ftehim mill-Unjoni

Hawnhekk għandha Artikolu li mhux biss jagħti jedd u setgħa lill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea li tagħmel ftehim ma' xi Stat ieħor jew aktar, imma anki ma' organzzazzjonijiet internazzjonali fl-oqsma li jaqgħu taħt dan il-Kapitlu.

Tinsewx li jekk tmorru ftit Artikoli lura taraw li dan il-Kapitlu jittratta kemm dwar il-politika barranija komuni, kemm dwar is-sigurta' komuni, u kemm dwar id-difiża komuni.

Ma' liema Stat jew Stati, u ma' liema organizzazzjoni jew organizzazzjonijiet bi ħsiebha tagħmel ftehim l-Unjoni Ewropea?

Liema organizzazzjoni titqies mill-Unjoni Ewropea li hija internazzjonali, għaliex imkien ma hawn xi kriterji għandhom jintużaw mill-Unjoni Ewropea dwar kif organizzazzjoni titqies li hija internazzjonali.

Ejja għal mument inqisu biss il-Ġnus Magħquda minħabba li m'hemmx dubju li din hija organizzazzjoni internazzjonali.

Dan ifisser li l-Unjoni Ewropea qiegħda tingħata l-jedd u s-setgħa li tagħmel kull ftehim li jidrilha fl-oqsma li jaqgħu taħt dan il-kapitlu, jiġifieri l-politika barranija, is-sigurta' komuni u d-difiża komuni.

Tinsewx li dak li tagħmel l-Unjoni Ewropea jorbot lill-Istati Membri, anki jekk bħal Malta jkunu Stati newtrali u dak li tkun ftehmet l-Unjoni Ewropea jkun kontra l-Kostituzzjoni tagħhom u lanqas huma ma jkunu jaqblu miegħu.

X'jiġri jekk l-Unjoni Ewropea tagħmel ftehim ta' difiża reċiproka, jiġifieri li jgħinu lil xulxin, ma' xi Stat, ngħidu aħna **l-Istati Uniti ta' l-Amerika** jew Stati li jidħlu fi gwerra u konsegwenza ta' hekk l-Unjoni Ewropea jkollha tidħol ukoll fil-gwerra?

Taħsbux li dan ma jistax jiġri, għaliex irridu niftakru kif ħafna Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea huma membri fin-**NATO** kif hija wkoll **l-Istati Uniti ta' l-Amerika**, u tinsewx li skond it-Trattat tan-**NATO**, attakk fuq membru jitqies li huwa attakk fuq il-membri kollha.

Tinsewx ukoll li l-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea qiegħda torbot lill-Istati Membri kollha li jgħinu lil xulxin skond id-difiża komuni, kif ukoll jekk xi Stat Membru jsofri attakk terroristiku.

Ftakru li hemm Stati Membri li ndaħlu fl-Afganistan u fil-gwerra ta' l-Iraq u f'avventuri militari f'pajjiżi oħra li diġa' kellhom attakki terroristiċi fuqhom, u ftakru wkoll kemm Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea huma avventuriżi militarment u kemm iħobbu jindaħlu fl-affarijiet interni ta' pajjiżi oħra.

Qegħdin taraw kemm Artikolu ta' anqas minn żewġ linji jista' jikkawża affarijiet u konsegwenzi li trid toqgħod taħseb sewwa biex tinduna bihom?

Qegħdin taraw f'hiex tista' twassalna s-sħubija ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea jekk ma nfittxux nitilqu minnha l-lejla qabel għadha kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu minkejja t-tradiment tal-**ĠUDIET** u l-**QUISLINGS** li lesti jmexxu lil Malta u lilna kif jordnalhom il-barranin ta' l-Unjoni Ewropea minn Brussell?

## ARTIKOLU III-304

**1. Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni għandu jikkonsulta mal-Parlament Ewropew u jinfurmah skond l-Artikolu I-40(8) u l-Artikolu I-41(8). Hu għandu jassigura li l-opinjonijiet tal-Parlament Ewropew jiġu kkunsidrati kif dovut. Rappreżentanti speċjali jistgħu jkunu involuti fl-għotja ta' informazzjoni lill-Parlament Ewropew.**

**2. Il-Parlament Ewropew jista' jistaqsi mistoqsijiet lill-Kunsill u lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni jew jagħmel rakkomandazzjonijiet lilhom. Darbtejn fis-sena għandu jżomm dibattitu dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurta' komuni, inkluża l-politika ta' sigurta' u ta' difiża komuni.**

<u>**Konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew**</u>

Innutaw kif il-Parlament Ewropew jista' jagħti biss opinjonijiet u jagħmel biss rakkomandazzjonijiet fl-oqsma tal-politika barranija, ta' sigurta' komuni u ta' difiża komuni.

Innutaw ukoll kif jingħad li l-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni Ewroepa għandu jagħti kunsiderazzjonijiet xierqa lill-opinjonijiet tal-Parlament, imma dan ma jfissirx li l-opinjonijiet tal-Parlament iridu b'xi mod jiġu aċċettati, kif lanqas ma jingħad kif jitqies li l-opinjonijiet ikunu ingħataw kunsiderazzjoni xierqa u minn min.

Tinsewx li opinjoni hija biss opinjoni, il-Parlament jagħti biss opinjoni, u ħadd ma huwa obbigat li jaċċetta opinjoni ta' ħaddieħor minkejja li jista' jqisa u jistudjaha. Dik hija s-saħħa li għandu l-Parlament Ewropew.

Tinsewx ukoll li d-dibattitu li għandu jagħmel darbtejn fis-sena huwa dwar il-progress li jkun qiegħed isir fl-implimentazzjoni tal-politika msemmija, jiġifieri biex jara li kemm jista' jkun timxi 'l quddiem, biex kemm jista' jkun kollox ikun l-istess fl-Istati Membri ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

Taħsbu li r-rappreżentanti f'ċerti istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea, speċjalment fejn ikun hemm rappreżentant wieħed bħal ma jkun hemm fil-Kunsill Ewropew, ikunu jistgħu jirreżisti l-pressjoni li ssir, biex ma ngħidux mod ieħor? Tinsewx li skond ma jingħad, kull bniedem għandu l-prezz tiegħu.

**ARTIKOLU III-305**

**1. L-Istati Membri għandhom jikkordinaw l-azzjoni tagħhom f'organizzazzjonijiet internazzjonali u f'konferenzi internazzjonali. Għandhom jiddefendu l-posizzjonijiet ta' l-Unjoni f'dawn il-laqgħat. Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni għandu jorganizza din il-kordinazzjoni.**

**F'organizzazzjonijiet internazzjonali u konferenzi internazzjonali li fihom ma jipparteċipawx l-Istati Membri kollha, dawk li jieħdu sehem għandhom jiddefendu l-posizzjonijiet ta' l-Unjoni.**

<u>**Kordinazzjoni ta' l-Azzjoni ta' l-Istati Membri**</u>

Innutaw il-kontradizzjoni li tista' tinqala jekk Malta newtrali li temmen fis-sliem u l-paċi tkun qiegħda tieħu sehem f'xi organizzazzjoni jew konferenza internazzjonali u tkun trid tiddefendi l-pożizzjoni ta' l-Unjoni Ewropea li tkun iddeċiediet li għandhom jittieħdu azzjonijiet militari kontra xi pajjiż.

Immaġinaw il-kontradizzjoni li tista' tinqala jekk Malta newtrali li temmen fis-sliem u l-paċi u li kull pajjiż għandu l-jedd għall-**Indipendenza u l-Ħelsien** tiegħu, u tkun f'organizzazzjoni jew konferenza internazzjonali fejn trid tiddefendi l-pożizzjoni ta' l-Unjoni Ewropea li ma tkunx taqbel li xi pajjiż partikolari jingħata l-Indipendenza u l-Ħelsien tiegħu.

Tgħidux li dan ma jistax ikun, għaliex ġewwa Korsika li hija maħkuma minn Franza hemm moviment li ilu s-snin jaħdem kontra s-settlers Franċiżi li marru hemmhekk u l-moviment irid l-**Indipendenza u l-Ħelsien** minn taħt Franza. Bħal Korsika hemm pajjiżi u territorji oħra li huma maħkuma mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

Hemm ħafna kwistjonijiet oħra li jistgħu jinqalgħu, bħall-kwistjoni bejn iċ-Ċina u Tajwan, il-kwistjoni tal-gżejjer Ġappuniżi li jinsabu taħt ir-Russja, il-kwistjoni ta' pajjiżi oħra li jridu l-**Indipendenza u l-Ħelsien** tagħhom u li minkejja li Malta tista' ma tkunx taqbel mal-pożizzjoni ta' l-Unjoni Ewropea xorta waħda tkun marbuta li tiddefendi l-pożizzjoni ta' l-Unjoni Ewropea.

Innutaw kif il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni Ewropea għandu jorganizza din il-kordinazzjoni.

Dan ifisser li l-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin jagħti ordnijiet lill-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin jew lir-rappreżentanti oħra ta' l-Istati Membri kif għandhom jivvutaw u kif għandhom jiddefendu l-pożizzjoni ta' l-Unjoni Ewropea.

Hija jew le Stat Federali l-Unjoni Ewropea meta mhux biss għandha l-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin, imma dan anki jorganizza, u ovvjament jordna, lir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri kif jiddefendu l-pożizzjoni ta' l-Unjoni Ewropea?

Tridu li nibqgħu f'dawn il-ħniżrijiet fejn barrani li ma jkollu l-ebvda vot ta' ċittadin Malti jordna lir-rappreżentanti tagħna kif jiddefendu l-pożizzjoni ta' l-Unjoni Ewropea minkejja li din tista' tkun kontra l-interessi u l-prinċipji tagħna?

Aħsbu sewwa fuq dawn l-affarijiet u fuq affarijiet li tistgħu taħsbu fuqhom, u taraw kif mhux biss ma jaqblilniex li tiġi approvata din il-Kostituzzjoni, imma kemm jaqblilna li nitilqu l-lejla qabel għadha mis-sħubija u l-ħtif illegali tagħna mill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu.

## <u>L-Istati Membri Jridu Jinfurmaw</u>

**2. Skond l-Artikolu I-16(2), l-Istati Membri rappreżentati f'organizzazzjonijiet internazzjonali jew konferenzi internazzjonali li fihom ma jipparteċipawx l-Istati Membri kollha għandhom iżommu lil ta' l-aħħar, kif ukoll lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, infurmati b'kull kwistjoni ta' interess komuni.**

Kif tista' ma tistenniex ordni bħal din jekk mhux l-Istati Membri jkunu qegħdin jieħdu sehem u jekk l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea jkun irid jara li dak li jkun ordna jkun qiegħed jiġi obdut kollu?

X'inhija kwistjoni ta' interess komuni? Min se jiddeċiedi jekk hijiex kwistjoni ta' interess komuni?

## Jiddefendu l-Posizzjoni u l-Interessi ta' l-Unjoni

**L-Istati Membri li huma wkoll membri tal-Kunsill tas-Sigurta' tan-Nazzjonijiet Uniti għandhom jikkonċertaw u jżommu lill-Istati Membri l-oħra u lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni infurmati għal kollox. L-Istati Membri li huma membri tal-Kunsill tas-Sigurta' għandhom, fl-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet tagħhom jiddefendu l-posizzjonijiet u l-interessi ta' l-Unjoni, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tagħhom taħt il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.**

Innutaw kif minbarra li jżommu lill-Istati Membri l-oħra u lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni Ewropea nfurmati u jikkunċertaw magħhom, huma marbuta li jiddefendu l-pożizzjoni u l-interessi ta' l-Unjoni, u mhux tagħhom jew ta' Stati Membri oħra.

Dan irid isir anki jekk huma ma jkunux jaqblu mal-pożizzjoni ta' l-Unjoni, u tinsewx li numru ta' membri tal-Kunsill tas-Sigurta' tal-Ġnus Magħquda jinbidlu, u għalhekk Malta tista' tiġi f'pożizzjoni li tkun trid tiddefendi l-pożizzjoni ta' l-Unjoni Ewropea minkejja li ma tkunx taqbel magħha jew saħansitra tkun kontra l-Kostituzzjoni tagħna.

Tinsewx li jekk tgħaddi din il-Kostituzzjoni, il-Kostituzzjoni ta' Malta ma tkun tiswa xejn, għaliex il-Kostituzzjoni tkun fuq u aqwa mill-Kostituzzjoni ta' Malta.

Dawn huma l-affarijiet li qablu fuqhom ir-rappreżentanti Maltin li marru Brussell biex ifasslu din il-Kostituzzjoni li l-Unjoni Ewropea trid tagħmel.

Jekk ma qablux jitkellmu ħalli l-poplu Malti jkun jaf min ma qabilx magħhom.

## Jistiednu l-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin

**Meta l-Unjoni tkun iddefiniet posizzjoni dwar tema li hi fuq l-agenda tal-Kunsill tas-Sigurta' tan-Nazzjonijiet Uniti, dawk l-Istati Membri li huma membri tal-Kunsill tas-Sigurta' għandhom jitolbu li l-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni jkun mistieden jippreżenta l-posizzjoni ta' l-Unjoni.**

Hawnhekk għandna eżempju ieħor ta' kemm l-Unjoni Ewropea saret Stat Federali u qiegħda titlob li l-Ministru għall-Affarijiet Barranin tagħha jieħu sehem fid-dibattiti fil-Ġnus Magħquda.

Fl-istess waqt, dan juri kemm l-istess Unjoni Ewropea lanqas tafda lill-Istati Membri tagħha u r-rappreżentanti tagħhom, għaliex jekk tassew temmen li dawn sejrin jippreżentaw u jiddefendu l-pożizzjoni tagħha, ma jkunx hemm għalfejn il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni Ewropea jippreżenta l-pożizzjoni tagħha, mhux hekk?

Madankollu, dan qiegħed isir biex l-Unjoni Ewropea tibda bil-mod il-mod tidħol minflok l-Istati Membri tagħha anki fil-Ġnus Magħquda, aħseb u ara f'organizzazzjonijiet oħra.

Qegħdin taraw kif l-Unjoni Ewropea mhux biss qiegħda taġixxi bħala Stat federali, imma qiegħda tippjana biex tingħata għarfien internazzjonali bħala organizzazzjoni jew aħjar Stat Federali differenti, sparat u distint mill-Istati Membri tiegħu li għandu wkoll personalita' legali?

## ARTIKOLU III-306

**Il-missjonijiet diplomatiċi u konsulari ta' l-Istati Membri u d-delegazzjonijiet ta' l-Unjoni f'pajjiżi terzi u f'konferenzi internazzjonali, u r-rappreżentanzi tagħhom għal organizzazzjonijiet internazzjonali, għandhom jikkoperaw biex jiguraw li jiġu rispettati u implimentati d-deċiżjonijiet Ewropej li jiddefinixxu l-posizzjonijiet u l-azzjonijiet ta' l-Unjoni adottati taħt dan il-Kapitolu. Għandhom isaħħu l-koperazzjoni billi jiskambjaw informazzjoni u jwettqu stimi konġunti.**

**Għandhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tad-dritt taċ-ċittadini Ewropej li jkollhom protezzjoni fit-territorju ta' pajjiżi terzi kif previst fl-Artikolu I-10(2)(ċ) u l-miżuri adottati skond l-Artikolu III-127.**

**<u>Iridu Jiddefendu lill-Unjoni</u>**

L-ewwel nett niġbdu l-attenzjoni tagħkom li bil-Malti tajjeb ngħidu "**jibdlu**" mhux "**jiskambjaw**", u "**jagħtu sehemhom**", mhux "**jikkontribwixxu**". Din bħal meta nisimgħu fuq il-mezzi tax-xandir u anki naqraw fil-gazzeti li xi ħadd "**żvela**", meta għandna l-kelma Maltija "**kixef**".

Innutaw kif kull organizzazjoni jew istituzzjoni ta' l-Istati Membri, inklużi s-servizzi diplomatiċi, huma marbuta biex jikkoperaw ħalli d-deċiżjonijiet, il-pożizzjonijet u l-azzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea taħt dan il-Kapitlu, jiġifieri dwar il-politika barranija, is-sigurta' komuni u d-difiża komuni jiġu rispettati u mplimentati, anki jekk dawn ikunu kontra l-Kostituzzjoni ta' xi Stat Membru jew xi Stat Membru ma jkunx jaqbel magħhom.

Xejn ħlief diktat mill-mexxejja arroganti federalisti ta' Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea fuq l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom.

Il-fatt li ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri jkollhom ħarsien meta jkunu f'pajjiżi terzi huwa tajjeb, imma kull Stat normalment jagħmel arranġament ma xi Stat li jkollu rappreżentanza f'pajjiż terz biex iħares liċ-ċittadini tiegħu, u ma kienx hemm għalfejn tiġi l-Unjoni Ewropea tgħid biex isir hekk.

## ARTIKOLU III-307

**1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu III-344, Kumitat ta' Politika u ta' Sigurta' għandu jsegwi s-sitwazzjoni internazzjonali fl-oqsma koperti mill-politika estera u ta' sigurta' komuni u jikkontribwixxi għad-definizzjoni ta' politika billi jagħti opinjonijiet lill-Kunsill fuq it-talba ta' dan ta' l-aħħar, jew tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, jew fuq l-inizjattiva tiegħu**

**stess. Għandu wkoll jagħmel kontroll ta' l-implimentazzjoni ta' politika miftiehma, mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni.**

Kumitat ieħor li mhux biss ikun ta' spejjeż u piż fuq iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, imma li huwa istituzzjoni oħra ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea biex jagħti pariri fuq il-politika msemmija u m'hemmx dubju għaliex jingħad fl-istess subartikolu, li jgħasses fuq l-Istati Membri biex jara li jkunu qegħdin jobdu u jimxu ma dak kollu li tkun iddeċiediet l-Unjoni Ewropea.

Kienu jgħidu għall-Unjoni Sovjetika li kienet dittatorjat!

Mela l-Unjoni Ewropea x'inhi li ħlief diktat, Kummissjoni u kumitati jgħassu u jispjunaw fuq l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom m'għandhiex?

**<u>Kontroll Politiku mill-Kumitat</u>**

**2. Fil-kamp ta' l-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu, l-Kumitat ta' Politika u ta' Sigurta' għandu jeżerċita, taħt ir-responsabbilta' tal-Kunsill u tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika ta' l-operazzjonijiet ta' immaniġġjar ta' kriżi previsti fl-Artikolu III-309.**

**Il-Kunsill tal-Ministri jista' jawtorizza l-Kumitat, għall-iskop u għat-tul ta' operazzjoni ta' immaniġġjar ta' kriżi, kif determinat mill-Kunsill tal-Ministri, biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti li jikkonċernaw il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika ta' l-operazzjoni.**

Innutaw kif minkejja li jkunu l-Istati Membri li jkollhom jagħtu sehemhom u dak kollu meħtieġ, forsi anki jkollhom is-suldati tagħhom jieħdu sehem fl-azzjonijiet ta' sigurta', ikun il-Kumitat tal-Politka u ta' Sigurta' taħt il-kontoll tal-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni Ewropea li jeżerċita' kontroll fuq kollox, fosthom l-operazzjonijiet ta' immaniġġjar tal-kriżi.

Mhux biss, imma l-Kunsill tal-Ministri qiegħed jingħata l-jedd u s-setgħa biex jawtorizza lill-Kumitat imsemmi biex jieħu dawk id-deċiżjonijiet kollha dwar il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika ta' l-operazzjoni.

Fi kliem ieħor, jiddeċiedi u jordna dak kollu li għandhom jagħmlu l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom u jeżerċita' l-kontroll politiku skond id-direzzjoni strateġika li jkun iddeċieda.

Jista' jibqa' xi dubju li l-Kostituzzjoni sejra tkun il-konferma u l-aħħar pass fil-mixja ta' l-Unjoni Ewropea biex issir Stat Federali Ewropew?

Jista' jibqa' xi dubju li l-Istati Membri tilfu u jkunu qegħdin jitilfu kull jedd u setgħa li skond il-liġi internazzjonali huma tagħhom u li dejjem qegħdin jittieħdu mill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea?

Dan ifisser biss li l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea lanqas biss jibqalhom jedd li jissejħu Stati, għaliex Stat ikun pajjiż li jkun **Indipendenti, Ħieles u Sovran** li jkun jista' jeżerċita' l-jeddijiet kollha mogħtija lilu mil-liġi internazzjonali kif fissirna fid-daħla ta' dan il-ktieb.

**ARTIKOLU III-308**

**L-implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurta' komuni m'għandhiex tolqot l-applikazzjoni tal-proċeduri u l-firxa tal-poteri ta' l-istituzzjonijiet stabbiliti bil-Kostituzzjoni għall-eżerċizzju tal-kompetenzi ta' l-Unjoni previsti fl-Artikolu I-13 sa I-15 u l-Artikolu I-17.**

**Bl-istess mod, l-implimentazzjoni tal-politika prevista f'dawk l-Artikoli m'għandhiex tolqot l-applikazzjoni tal-proċeduri u l-firxa tal-poteri ta' l-istituzzjonijiet stabbiliti bil-Kostituzzjoni għall-eżerċizzju tal-kompetenzi ta' l-Unjoni taħt dan il-Kapitolu.**

**<u>Implimentazzjoni</u>**

Fi kliem ieħor, l-implimentazzjoni tal-politika barranija u ta' sigurta' komuni m'għandhiex tolqot il-jeddijiet u s-setgħat l-oħra kollha ta' kull istituzzjoni ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea mogħtija minn din il-Kostituzzjoni.

Il-bqija, tolqot kemm tolqot il-jeddijiet u s-setgħat ta' l-Istati Membri ma jiġri xejn għaliex il-mexxejja arroganti, imperjalisti, kolonjalisti l-Unjoni Ewropea li għandhom wiċċhom mingħajr qatra żejt u agħar mill-għatba tal-Klistanija jinteressahom biss li jilħqu l-għanijiet tagħhom li jagħmlu lill-Unjoni Ewropea bħala Stat Federali u bħala l-Istati Uniti ta' l-Unjoni Ewropea.

Tridu li nibqgħu taħt dan il-madmad kolonjali li qiegħed ifarrakna u se jkompli jfarrakna aktar 'il quddiem?

Tridu li nibqgħu taħt il-ħakma illegali ta' l-Unjoni Ewropea li daħħluna fiha il-**ĠUDIET** tal-poplu Malti u l-**QUISLINGS** li lesti jmexxu lil Malta u lilna skond ma jordnalhom il-barrani ta' l-Unjoni Ewropea minn Brussell?

Jekk le triq waħda għandna.

Dik li jitilqu l-lejla qabel għada kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu.

## SEZZJONI 2

## POLITIKA TA' SIGURTA' U TA' DIFIŻA KOMUNI

## ARTIKOLU III-309

**1. Il-kompiti previsti fl-Artikolu I-41(1), li matulhom l-Unjoni tista' tuża mezzi ċivili u militari, għandhom jinkludu operazzjonijiet konġunti ta' diżarm, kompiti umanitarji u ta' salvataġġ, kompiti ta' għoti ta' pariri u ta' assistenza fi kwistjonijiet militari, kompiti ta' prevenzjoni ta' kunflitti u taż-żamma tal-paċi, kompiti ta' forzi ta' kumbattiment fl-immaniġġjar ta' kriżi, inklużi l-missjonijiet għall-istabbiliment tal-paċi u għall-istabbilizzazzjoni wara l-kunflitt. Dawn il-kompiti kollha jistgħu jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra t-terrorizmu, inkluż l-appoġġ għal pajjiżi terzi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu fit-territorji tagħhom.**

<u>**Użu ta' Mezzi Ċivili u Militari**</u>

Dan huwa Artikolu dwar l-**avventuri militari** li tista' tidħol fihom l-Unjoni Ewropea u magħha ddaħħal lill-Istati membri u ċ-ċittadini tagħhom, inkluż lilna. Ftakru li kull Stat Membru huwa marbut li jrid jgħin lill-Istati Membri l-oħra.

Innutaw kif l-Unjoni Ewropea qiegħda tingħata l-jedd u s-setgħa li tuża l-mezzi **militari u ċivili**, **jiġifieri anki s-suldati u l-apparat kollu meħtieġ**, biex tagħmel dak kollu li jingħad f'dan is-subartiklu.

Innutaw kif l-Unjoni Ewropea tista' tagħti pariri u għajnuna fi kwistjonijiet militari. U jekk dawn il-pariri jkunu lil Stat li pajjiżi u forsi anki Stati Membri jkunu jqisu li jkun qiegħed jikser il-jeddijiet fundamentali tal-bniedem jew ikollu gvern pulċinell f'idejn l-Unjoni Ewropea biex ma nsemmux lil ħaddieħor?

Innutaw kif dawn jinkludu **operazzjonijiet għad-diżarm**, jiġifieri biex jieħdu l-armi mingħand nies jew suldati li jkunu fi ġlied bejniethom dwar kwistjonjiiet nazzjonali, li jfisser indħil fl-affarijiet interni ta' pajjiżi oħra.

Innutaw ukoll kif l-Unjoni Ewropea tindaħal ukoll biex ma tħallix li jsir ġlied jew twaqqaf il-ġlied, li jinkludi forza ta' kumbattiment, jiġifieri ta' ġlied, li jfisser li dawk kollha li jieħdu sehem ikunu esposti li **jinqatlu**, kif ukoll **joqtlu**.

Innutaw kif l-Unjoni Ewropea permezz tal-forzi militari u ċivili tagħha tindaħal biex tgħin u tagħti "**l-appoġġ għal pajjiżi terzi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu fit-territorji tagħhom".**

U jekk dawk li jissejħu terroristi mill-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi li tkun qiegħda tgħin ikunu **Ġellieda għall-Ħelsien** ta' pajjiżhom kif għandhom kull jedd li jagħmlu biex jeħilsu mill-ħakma kolonjali?

Tinsewx li l-**Ġellieda għall-Ħelsien** jissejħu terroristi minn dak l-Istat li ma jkunx irid jagħti l-**Indipendenza u l-Ħelsien** lil dak il-pajjiż li jkun qiegħed jiġġieled għall-**Indipendenza u l-Ħelsien** tiegħu, waqt li għal dak il-pajjiż u ċ-ċittadini tiegħu jkunu **ġellieda u martri għall-Indipendenza u l-Ħelsien ta' pajjiżhom**.

Tistgħu timmaġinaw jekk dawk iċ-ċittadini ta' xi pajjiż li l-Unjoni Ewropea tindaħal fih u fl-affarijiet interni tiegħu, speċjalment militarment, jekk humiex sejrin jibqgħu idejhom fuq żaqqhom u b'xi mod jew jirritaljaw minnufih jew ipattuhielha aktar tard meta jiġihom iċ-ċans?

Jista' xi ħadd ma jindunax li dan l-indħil kollu mill-Unjoni Ewropea mhux biss sejjer jesponi liċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, speċjalment dawk li jkunu qegħdin jieħdu sehem fl-operazzjonijiet militari, għal kull tpattija u attakki terroristiċi fl-Istati Membri?

Irridu li aħna u uliedna nibqgħu f'dan il-periklu minħabba s-sħubija fl-Unjoni Ewropea kollu tort ta' l-avventuri militari ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha li nfakkru li l-maġġoranza tagħhom huma membri ta' l-organizzazzjoni militari **NATO** immexxija mill-**Istati Uniti ta' l-Amerika** u mhux darba jew tnejn kienu mdaħħla f'avventuri militari biex ma nsemmux gwerer kbar?

<u>**Kordinazzjoni ta' l-Aspetti Ċivili u Militari**</u>

**2. Il-Kunsill għandu jadotta deċiżjonijiet Ewropej li għandhom x'jaqsmu mal-kompiti previsti fil-paragrafu 1, li jiddefinixxu l-miri u l-kamp ta' l-applikazzjoni u l-kondizzjonijiet ġenerali għall-implimentazzjoni tagħhom. Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, waqt li jaġixxi taħt l-awtorità tal-Kunsill u f'kuntatt mill-qrib u kostanti mal-Kumitat ta' Politika u ta' Sigurta' għandu jassigura kordinazzjoni ta' l-aspetti ċivili u militari ta' dawn il-kompiti.**

Innutaw kif ikun il-Kunsill li jadotta deċiżjonijiet Ewropej biex jagħmel il-miri u dak kollu li għandu jsir biex jiġi mplimentati, waqt li l-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni Ewropea jara u jikkordina l-aspetti militari u ċivili.

Kollox deċiż mill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea waqt li l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom jobdu, iħallsu, u jħallu ħajjithom skond ma jkunu ordnaw l-istituzzjonijiet ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

Imma l-aktar ħaġa li rridu niġbdu l-attenzjoni tagħkom għaliha hija li dan is-subartiklu qiegħed jagħti s-setgħa lill-Kunsill li jaddotta deċiżjonijiet, jgħid x'inhuma l-miri li għandhom jintlaħqu u kif għandhom isiru, kif ukoll jassigura l-kordinazzjoni ta' l-aspetti ċivili u militari tagħhom.

Fi kliem ieħor, il-Kunsill ikun qiegħed jingħata awtorita' sħiħa jew liberta' biex juża l-ġudizzju tiegħu kif għandu jimxi fil-kwistjonijiet li jkollu quddiemu.

Dan ifisser li jekk din il-Kostituzzjoni tiġi approvata, il-Kunsill ikun qiegħed jingħata jedd u setgħa li jagħmel dak li jrid anki dwar operazzjonijiet militari li jistgħu jdaħħlu lill-Istati Membri fi gwerra kontra pajjiżi oħra.

Tridu li nibqgħu membri ta' l-Unjoni Ewropea meta din is-sħubija tista' twassal biex aħna u uliedna niġu f'sitwazzjoni ta' gwerra minħabba l-avventuri militari ta' l-Unjoni Ewropea bil-periklu kollu li din iġġib magħha?

## ARTIKOLU III-310

**1. Fil-qafas tad-deċiżjonijiet Ewropej adottati skond l-Artikolu III-309, il-Kunsill jista' jafda l-implimentazzjoni ta' kompitu lil grupp ta' Stati Membri li għandhom r-rieda meħtieġa u l-ħila neċessarja għal dan il-kompitu. Dawk l-Istati Membri f'assoċjazzjoni mal-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni għandhom jiftiehmu bejniethom dwar l-amministrazzjoni tal-kompitu.**

**Grupp ta' Stati Membri**

Tajjeb li tinnutaw kif qiegħed jingħad li ċerti Stati Membri jistgħu jiġu fdati biex jimplimentaw dak li tkun iddeċiediet l-Unjoni Ewropea, għaliex mhux l-Istati Membri kollha għandhom il-mezzi militari biex jagħmlu l-operazzjonijiet meħtieġa.

Barra minn hekk, innutaw li jingħad li dawk l-Istati Membri "**għandhom r-rieda meħtieġa u l-ħila neċessarja għal dan il-kompitu".**

Fi kliem ieħor u jekk inħallu l-ħila barra, din hija ammissjoni mill-aktar ċara mill-Unjoni Ewropea li mhux l-Istati Membri kollha jista' jkollhom ir-rieda li jagħmlu dak li tkun ordnat l-Unjoni Ewropea.

Madankollu, ftakru li kull Stat Membru jrid jiddefendi Stat Membru ieħor li jsofri attakk terroristiku, liema attakk jista' faċilment iseħħ minħabba l-indħil ta' dak l-Istat fl-affarijiet interni ta' pajjiż ieħor, kemm jekk dak l-indħil ikun sar fuq inizjattiva ta' dak l-Istat Membru nnifsu u kemm jekk ikun sar fuq inizjattiva ta' l-Unjoni Ewropea.

Tinsewx ukoll li jekk Stat Membru ieħor jgħin lil dak l-Istat li jiġi attakkat, anki dak l-Istat jista' jisfa fil-mira ta' attakki terroristiċi minn dawk li jkunu jridu jpattuha lil min ikun indaħal fl-affarijiet interni tagħhom.

Il-gwerra ta' l-Iraq fejn Spanja ġiet attakkata bħala tpattiji minħabba li bagħtet it-truppi tagħha fl-Iraq, kif sar ukoll lil pajjiżi oħra, għandu jiftaħ għajnejn il-poplu Malti għal dak li qegħdin nesponu ruħna għalih bis-sħubija fl-Unjoni Ewropea u bil-bastimenti militari tagħha u tan-**NATO** fil-portijiet tagħna.

**Iżommu lill-Kunsill Regolarment Infurmat**

**2. L-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kompitu għandhom iżommu lill-Kunsill regolarment infurmat bil-progress fuq inizjattiva tagħhom stess jew fuq it-talba ta' Stat Membru ieħor. Dawk l-Istati għandhom jinfurmaw lill-Kunsill immedjatament jekk it-twettiq tal-kompitu jkollu konsegwenzi maġġuri jew jeħtieġ emenda tal-mira, tal-kamp ta' l-applikazzjoni u tal-kondizzjonijiet stabbiliti għall-kompitu fid-deċiżjonijiet Ewropej previsti fil-paragrafu 1. F'każijiet bħal dawn, il-Kunsill għandu jadotta d-deċiżjonijiet Ewropej neċessarji.**

M'hemmx dubju li l-Kunsill jibqa' jiġi nfurmat kif ikunu qegħdin jiżviluppaw l-affarijiet, imma tant hemm Stati Membri li huma avventurużi militarment u jieħdu inizjattivi militari, li l-istess Unjoni Ewropea daħħlet dan il-provvediment biex tkun ċerta li tinżamm infurmata b'dak li jkun qiegħed jiġri.

Innutaw ukoll kif jekk it-twettieq ta' l-azzjonijiet ikollu konsegwenzi maġġuri, il-mira u l-kundizzjonijiet ta' l-operazzjonijiet jistgħu jiġu emendati permezz ta' deċiżjonijiet Ewropej mill-Kunsill biex ikun jista' jingħata kont tat-tibdil fiċ-ċirkostanzi.

Dan juri wkoll li dak li għall-bidu jkun inħaseb li sejra tkun xi operazzjoni faċli, tista' tiżviluppa f'operazzjoni ħafna akbar b'konsegwenzi serji ħafna, tant li jkun meħtieġ intervent akbar u aktar involviment ta' forzi oħra bil-konsegwenza mhux biss ta' aktar periklu, imma li s-sitwazzjoni taħrab minn idejn dawk li jkunu qegħdin imexxuha.

Innutaw li jingħad li "**F'każijiet bħal dawn, il-Kunsill għandu jadotta d-deċiżjonijiet Ewropej neċessarji.**"

Tinsewx li d-deċiżjonijiet imsemmija jorbtu lill-Istati Membri kollha, u għalhekk kull deċiżjoni li jieħu tkun skond din il-Kostituzzjoni li jekk tiġi approvata tkun fuq u aqwa mill-Kostituzzjoni ta' Malta.

Hemm għalfejn ngħidu kemm tkun tiswa l-klawsola tan-newtralita' u n-non allinjament li nsibu fil-Kostituzzjoni ta' Malta?

Hemm għalfejn nelaboraw aktar?

## ARTIKOLU III-311

**1. L-Aġenzija fil-qasam ta' l-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' difiża, tar-riċerka, ta' l-akkwist u ta' l-armamenti (l-Aġenzija tad-Difiża Ewropea) stabbilita bl-Artikolu I-41(3) u soġġetta għall-awtorità tal-Kunsill, għandha bħala l-kompitu tagħha li:**

**a) tikkontribwixxi għall-identifikazzjoni tal-miri ta' kapaċita' militari ta' l-Istati Membri u l-valutazzjoni ta' l-osservanza ta' l-impenni ta' kapaċita' mogħtija mill-Istati Membri;**

**<u>Aġenzija Għall-Armamenti</u>**

Fi kliem ieħor, tara x'kapaċitajiet militari għandhom l-Istati Membri u kemm ikunu mxew ma l-ordnijiet li jkunu ingħataw dwar xi operazzjonijiet militari li jkunu daħlu jew iddaħħlu fihom.

**<u>Xogħol l-Aġenzija</u>**

**b) tippromwovi l-armonizzazzjoni ta' bżonnijiet operazzjonali u l-adozzjoni ta' metodi ta' akkwist li huma effettivi u kompatibbli;**

Fi kliem ieħor, tara li jekk jista' jkun l-armamenti ta' l-Istati Membri jkunu kemm jista' jkun l-istess, bħala eżempju, l-iskrataċ ta' l-armi jkunu kollha l-istess biex b'hekk ma jkunx hemm problemi jekk xi Stat jonqsulu, imma jkun jista' jkompli bl-operazzjonijiet billi jingħata skrataċ minn Stati Membri oħra.

L-istess jgħodd għall-mezzi ta' trasport, komunikazzjonijiet, provvisti oħra, u dak kollu meħtieġ biex isiru operazzjonijiet militari.

Innutaw ukoll li din l-Awtorita' għandha tara li anki l-metodi ta' akkwist huma effettivi, jiġifieri mhux ikunu jiddependu fuq xi pajjiż barrani li jista' jew ma jkollux kapaċita biżżejjed biex jagħtihom dak kollu meħtieġ fi żmien qasir jew ikun jista' jieqaf milli jibgħat il-provvisti għaliex ma jkunx jaqbel ma' l-operazzjonijiet li tkun qiegħda tieħu l-Unjoni Ewropea.

## Kapaċitajiet Militari

**ċ) tipproponi proġetti multilaterali sabiex jiġu sodisfatti l-miri f'termini ta' kapaċitajiet militari, u tassigura kordinazzjoni tal-programmi implimentati mill-Istati Membri u l-amministrazzjoni ta' programmi speċifiċi ta' koperazzjoni;**

Fi kliem ieħor, tipproponi, jew aħjar tordna, proġetti bejn l-Istati Membri biex tkun ċerta li l-Istati Membri jkollhom il-kapaċita' biex jintlaħqu l-miri militari tagħha u anki tassigura li l-Istati Membri jikkordinaw il-programmi militari u ta' kordinazzjoni tagħhom.

## Riċerka

**d) issostni riċerka dwar it-teknologija tad-difiża, u tikkordina u tippjana attivitajiet ta' riċerka konġunta u l-istudju ta' soluzzjonijiet tekniċi li jissodisfaw bżonnijiet operattivi futuri;**

L-ewwel nett innutaw kif jingħad li din l-Awtorita' għandha ssostni r-riċerka, jew bil-Malti tiftix, dwar it-teknoloġija tad-difiża.

Għalfejn u minn min qiegħda tibża l-Unjoni Ewropea?

Jew bi ħsiebha tindaħal fl-affarijiet interni ta' pajjiżi oħra u tibża li ċ-ċittadini tagħhom jirritaljaw u jpattuha lill-Istati Membri li jkunu ndaħlu?

Innutaw ukoll kif jingħad li għandha tikkordina u tippjana attivita' ta' riċerka konġunta, jew, fi kliem ieħor, bejn u flimkien ma l-Istati Membri. Mhux biss, imma wkoll studju ta' soluzzjonijiet tekniċi li jissodisfaw bżonnijiet operattivi futuri.

Fi kliem ieħor, ma taħsibx biss għalissa, imma anki dak li tkun tinħtieġ f'operazzjonijiet, naturalment militari, li jista' jkollha fil-futur.

X'operazzjonijiet jista' jkollha fil-futur jekk mhux li tindaħal fl-affarijiet interni ta' pajjiżi oħra jew fi gwerer li ma jġibux ħlief imwiet, qerda u tifrik ta' familji u pajjiżi?

## L-Effettivita' ta' l-Infieq Militari

**e) tikkontribwixxi għall-identifikazzjoni u, jekk neċessarju, l-implimentazzjoni ta' kull miżura utli għat-tisħiħ tal-bażi industrijali u teknoloġika tas-settur tad-difiża u għat-titjib ta' l-effettività ta' l-infiq militari.**

Innutaw kif mhux biss tidentifika, imma timplimenta kull miżura meħtieġa biex tissaħħaħ il-bażi industrijali u teknoloġika tas-settur tad-difiża u għat-titjib ta' l-effettivita' ta' l-infiq militari.

Fi kliem ieħor, issaħħaħ l-industrija ta' l-armamenti u t-teknoloġija tas-settur tad-difiża biex tiżviluppa aktar armamenti qerrieda ħalli jekk ikollha ħtieġa tużahom kontra min ikun qiegħed jirritalja kontriha minħabba xi operazzjonijiet li tkun għamlet kontrihom.

Aħjar tara kif tħalli lill-Istati Membri jsaħħu l-industriji ġenerali tagħhom milli ssaħħaħ l-industrija ta' l-armamenti għaliex bir-regolamenti stupidi tagħha kollha qed jitilfu l-kompetittivita' tagħhom u miljuni ta' ħaddiema fl-Istati Membri kollha qegħdin jitilfu xogħolhom u ħobżhom u ħobż il-familji tagħhom.

Biex inkomplu b'mod ġenerali fuq dan l-Artikolu, l-aġenzija Ewropea ta' Armamenti, Riċerka u Kapaċitajiet Militari żgur li m'hijiex xi aġenzija li taħdem għall-paċi, imma aġenzija li kif jingħad f'dan l-Artiklu, tara kif jistgħu jiġi żviluppati l-armamenti tal-qerda u tikkordina l-iżviluppi tagħhom mill-Istati Membri.

Din hija l-istess Aġenzija tad-Difiża li l-Gvern Malti daħħalna fiha minkejja li dan jikser il-Kostituzzjoni ta' Malta għaliex din hija organizzazzjonijiet militari ta' l-Unjoni Ewropea bħal ma hija l-forza militari ta' l-Unjoni Ewropea.

Innutaw kif l-Unjoni Ewropea m'hijiex qiegħda tgħid f'dan l-Artikolu li għandha tiżviluppa l-industrija ċivili tagħha, jiġifieri li tagħmel affarijiet meħtieġa għall-ħajja jew kumdita', imma l-industrija u t-teknoloġija tas-settur tad-difiża biex jitjieb u jsir aktar effettiv l-infieq militari.

Ara dan is-settur ta' l-Industrija l-Unjoni Ewropea tgħinu kemm tista', imma s-settur industrjali ċivili tagħmillu l-ostakli kollha u ma tħallix lill-Istati Membri jgħinu lill-industriji tagħhom, għaliex fil-każ tagħhom japplika l-prinċipju mingħajr ruħ u l-Alla falz ta' l-Unjoni Ewropea, jiġifieri l-prinċipju tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan.

**<u>Jiġu Stabbiliti Gruppi Speċifiċi</u>**

**2. L-Aġenzija tad-Difiża Ewropea għandha tkun miftuħa għall-Istati Membri kollha li jixtiequ jkunu parti minnha. Il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tiddefinixxi l-istatut, is-sede u r-regoli operattivi ta' l-Aġenzija. Dik id-deċiżjoni għandha tieħu in kunsiderazzjoni l-livell ta' parteċipazzjoni effettiva fl-attivitajiet ta' l-Aġenzija. Għandhom jiġu stabbiliti fl-Aġenzija gruppi speċifiċi li jinkludu Stati Membri involuti fi proġetti konġunti. L-Aġenzija għandha twettaq il-kompiti tagħha flimkien mal-Kummissjoni meta neċessarju.**

Apparti dak li jingħad dwar l-istatut, is-sede u r-regoli operattivi ta' l-Aġenzija tad-Difiża Ewropea, innutaw li jingħad li din "**Għandha tkun miftuħa għall-Istati Membri kollha li jixtiequ jkunu parti minnha.**"

Fil-każ ta' Malta, kien il-Gvern Malti li ddeċieda li għandu jdaħħal lil Malta fiha kontra l-Kostituzzjoni tagħna, jew kienet l-Unjoni Ewropea li sfurzat lill-Gvern Malti biex tkun tista' tuża lill-Malta bħala bażi militari tagħha kif qiegħed isir bil-bastimenti tal-gwerra deħlin u ħerġin mill-portijiet tagħna li għamluhom latrina tagħhom?

Innutaw ukoll kif l-istatut, is-sede, jiġifieri fejn ikunu l-uffiċini ta’ din l-Aġenzija, kif ukoll ir-regoli ta’ kif taħdem jiġu adottati b’maġġoranza kwalifikata, li jfisser li anki f’dawn l-affarijiet il-jedd tal-veto ta’ l-Istati Membri spiċċa u tar mar-riħ.

**ARTIKOLU III-312**

**1. Dawk l-Istati Membri li jixtiequ jieħdu sehem fil-koperazzjoni strutturata permanenti prevista l-Artikolu I-41(6), li jissodisfaw il-kriterji u li taw l-impenji tagħhom dwar il-kapaċitajiet militari previsti fil-Protokoll dwar il-koperazzjoni strutturata permanenti għandhom jinnotifikaw l-intenzjoni tagħhom lill-Kunsill u lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta’ l-Unjoni.**

**2. Fi żmien tliet xhur min-notifika prevista fil-paragrafu 1, l-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tistabbilixxi koperazzjoni strutturata permanenti, u li tiddetermina l-lista ta’ l-Istati Membri parteċipanti. Il-Kunsill għandu jaġixxi b’maġġoranza kwalifikata wara li jikkonsulta lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta’ l-Unjoni.**

**3. Kull Stat Membri li, aktar tard, jixtieq jieħu sehem fil-koperazzjoni strutturata permanenti għandu jinnotifika l-intenzjoni tiegħu lill-Kunsill u lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta’ l-Unjoni.**

**Il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tikkonferma l-parteċipazzjoni ta’ l-Istat Membru konċernat li jissodisfa l-kriterji u ta’ l-impenji previsti fl-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-koperazzjoni strutturata permanenti. Il-Kunsill għandu jaġixxi b’maġġoranza kwalifikata wara li jikkonsulta l-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta’ l-Unjoni. Il-Membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw lill-Istati Membri parteċipanti biss jistgħu jivvutaw.**

**Maġġoranza kwalifikata għandha tkun definita bħala li hija ugwali għal mill-inqas 55% tal-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw lill-Istati Membri parteċipanti, li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta’ dawn l-Istati.**

**Minoranza li timblokka għandha tinkludi mill-inqas in-numru minimu ta’ membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw iktar minn 35% tal-popolazzjoni ta’ l-Istati Membri parteċipanti, u membru ieħor, u fin-nuqqas ta' dan, il-maġġoranza kwalifikata tkun meqjusa li nkisbet.**

**4. Jekk Stat Membru parteċipant ma jibqax jissodisfa l-kriterji jew ma jkunx jista’ jibqa’ jwettaq l-impenji, previsti fl-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-koperazzjoni strutturata permanenti, il-Kunsill jista’ jadotta deċiżjoni Ewropea li tissospendi l-parteċipazzjoni ta’ l-Istat Membru konċernat.**

**Il-Kunsill għandu jaġixxi b’maġġoranza kwalifikata. Il-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw lill-Istati Membri parteċipanti, bl-eċċezzjoni ta’ l-Istat Membru konċernat, biss jistgħu jivvutaw.**

**Maġġoranza kwalifikata għandha tkun definita bħala li hija ugwali għal mill-inqas 55% tal-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw lill-Istati Membri parteċipanti, li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta' dawn l-Istati.**

**Minoranza li timblokka għandha tinkludi mill-inqas in-numru minimu ta' membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw iktar minn 35% tal-popolazzjoni ta' l-Istati Membri parteċipanti, u membru ieħor, u fin-nuqqas ta' dan, il-maġġoranza kwalifikata tkun meqjusa li nkisbet.**

**5. Kull Stat Membru parteċipant li jixtieq jirtira mill-koperazzjoni strutturata permanenti għandu jgħarraf l-intenzjoni tiegħu lill-Kunsill, li għandu jinnota li l-Istat Membru in kwistjoni waqaf milli jipparteċipa.**

**6. Id-deċiżjonijiet Ewropej u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill fil-qafas ta' koperazzjoni strutturata permanenti, bl-eċċezzjoni ta' dawk stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 5, għandhom jiġu adottati b'mod unanimu. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, l-unanimita' għandha tkun magħmula biss mill-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri li jipparteċipaw.**

**<u>Maġġoranza u Minoranza</u>**

Artikolu twil mhux ħażin li jgħid dak li għandu jsir biex Stati Membri jidħlu fis-sistema ta' koperazzjoi msaħħa. Imma l-aktar li jrid jiġi nnutat huwa kif l-unanimita' spiċċat, u li b'hekk il-jedd tal-veto ta' l-Istati Membri spiċċa anki f'dan il-qasam.

Fi kliem ieħor, jekk ikun hemm il-maġġoranza skond ma jingħad f'dan l-Artikolu, u minkejja li jkun hemm Stat jew Stati li ma jkunux jaqblu, dak li tgħid il-maġġoranza jsir u l-ebda Stat Membru ma jwaqqaf xi ħaġa.

Innutaw kif l-Istati l-kbar li hemm ħafna minnhom li jħobbu jidħlu fl-aventuri militari faċli ħafna għalihom li jkollhom maġġoranza ta' membri tal-Kunsill speċjalment jekk ikun hemm theddid, anki sottili, lil Stati Membri żgħar, u faċli ħafna wkoll li jkollhom il-maġġoranza meħtieġa tal-popolazzjoni.

Min-naħa l-oħra, anki jekk l-Istati Membri ż-żgħar jingħaqdu huwa diffiċli ħafna għalihom li jkollhom kemm in-numru tal-membri fil-Kunsill flimkien mal-persentaġġ meħtieġ tal-popolazzjoni biex ikunu jistgħu jwaqqfu xi ħaġa.

Min-naħa l-oħra, bl-istess mod u faċilita', anzi akbar, l-Istati Membri kbar avventurużi militarment jistgħu jwaqqfu xi ħaġa li ma jkunux jaqblu magħha għaliex huwa faċli ħafna aktar għalihom li jkollhom kemm in-numru ta' membri fil-Kunsill kif ukoll il-persentaġġ meħtieġ biex iwaqqfu xi ħaġa li ma jkunux jaqblu magħha.

Qegħdin taraw kemm l-Istati Membri fl-Unjoni Ewropea huma stmati kollha l-istess u kemm kollha għandhom l-istess saħħa kif kienu jgħidulkom il-**ĠUDIET** u l-**QUISLINGS** li ma jixirqilhomx jissejħu Maltin u li jekk Malta tkun trid twaqqaf xi ħaġa tkun tista'?

Il-fatt li Stat Membru jista' jieqaf mill-koperazzjoni strutturata permanenti ma jfisser xejn għaliex xorta waħda jkun qiegħed jgħin lill-kumplament ta' l-Istati Membri u l-Unjoni Ewropea fl-azzjonijiet kollha li tkun qiegħda tieħu permezz tat-taxxi mħallsa miċ-ċittadini tiegħu.

Dawn huma l-ħniżrijiet li wieħed isib f'din il-Kostituzzjoni li trid li jkollha l-Unjoni Ewropea u li r-rappreżentanti Maltin li marru fi Brussell biex fasslu din il-Kostituzzjoni qablu magħhom. Jekk ma qablux jgħidu ħalli l-poplu Malti jkun jaf.

Innutaw ukoll li kollox u kullimkien huwa militari għaliex ħafna mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea huma militarment avventurużi kif ukoll huma membri fl-organizzazzjoni militari **NATO**.

Xi jridu biex jidħlu f'xi avventura militari u jdaħħluna magħhom intortament bħal ma daħħluna qabel il-kolonjalisti li kellna?

L-aktar jekk ikun hawn il-bastimenti tagħhom u tan-**NATO** fil-portijiet tagħna meta' tinqala xi tilwima, kif qiegħed ikollna ta' spiss bi ksur tal-Kostituzzjoni tagħna u min jiġi attakat jaħseb, u jista' jew aktarx ikun ukoll, li l-attakk ikun ġie kordinat minn bastimenti fil-portijiet tgħana.

## Għodda ta' Jasar lill-Istati Uniti ta' l-Amerika

Tajjeb li jingħad li Jean-Pierre Chevènement, ex-Ministru ta' l-Intern u Difiża Franċiż f'intervista[1] lill-Gazzetta Le Figaro qal li huwa kien tassew imbeżża[2] mill-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea li hija ekonomikament liberali żżejjed u li fil-qasam tal-politika barranija u ta' sigurta' komuni kienet għodda ta "**jasar lill-Istati Uniti ta' l-Amerika**".[3]

Huwa kompla jgħid li jittama li din il-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea ma tgħaddix għaliex bil-politika ta' difiża u sigurta' komuni tagħha hija biss servili għall-Istati Uniti ta' l-Amerika u li twaqqaf kull politika ta' difiża awtonoma. Dan minħabba li d-difiża komuni kollha trid tkun kompatibbli, jiġifieri taqbel, mal-politika ta' sigurta' misjuba fl-istruttura tan-**NATO**.[4]

Huwa rrepeta t-tama tiegħu li l-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea ma tiġix approvata miċ-ċittadini Franċiżi fir-referendum tas-sena d-dieħla, u qal li jinsab ċert li xi wħud minn fost il-25 pajjiżi kkonċernati ma japprovawhiex. "**Jiena nittama li Franza tkun waħda minnhom**", qal is-Sur Chevènement.[5]

---

[1] Kif irrapurtat fl-Euobserver.com tal-25 ta' Awissu 2004
[2] "truly frightened" by the new European Constitution.
[3] In an interview with Le Figaro, Jean-Pierre Chevènement, who is a socialist and former interior and defence minister of France, condemned the text for being too economically liberal and in the area of common foreign and security policy of being a tool of "vassalisation to the US". **Jiġifieri li l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea jkunu lsiera ta' l-Istati Uniti.**
[4] All common defence will have to be "compatible with the security policy contained within the framework of NATO",
[5] He repeated his hope that the Constitution will be turned down by French citizens in next year's referendum by saying that he was certain that among the 25 countries concerned, some will reject the text. "I hope France is one of them", said Mr Chevènement.

Huwa kompla jgħid li "**Franza hija marġinalizzata, Ewropa ta' 25 awtomatikament tfisser li maġġoranza ta' gvernijiet l-aktar servili għall-Istati Uniti. Franza issa għandha Kummissarju wieħed minn 25. Ma jistax jiġi miċħud li f'din il-Kummissjoni, il-liberali u l-atlantiċisti jagħmlu l-parti l-kbira**."[6]

Mela jekk Franza li hija Stat Membru kbir hija marġinalizzata, kemm aktar hija u sejra tkun aktar marġinalizzata ċ-ċkejkna Malta?

Din m'hijiex l-opinjoni tas-Sur Chevènement biss, għaliex is-soċjalisti Franċiżi huma maqsuma u għad iridu jiddeċiedu jekk bħala partit jaqblux mal-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea għaliex hemm ħafna kontriha.

Imma l-aktar li jinteressana huwa x'sejjer jiġri hawn Malta. Sejrin il-Membri Parlamentari tagħna jiksru l-Ġurament li ħadu li jkunu tassew fidili u leali lejn il-Poplu u r-Repubblika ta' Malta u l-Kostituzzjoni tagħha?

Biex infakkrukom, dan huwa l-**Ġurament** li jieħdu l-Membri Parlamentari. **Jien …. solennement naħlef/niddikjara li nkun tassew fidili u leali lejn il-Poplu u r-Repubblika ta' Malta <u>u l-Kostituzzjoni tagħha</u>. (Hekk Alla jgħini).**

Sejjer il-President ta' Malta jikser ukoll il-Ġurament li ħa quddiem il-poplu kollu li jħares il-Kostituzzjoni ta' Malta mill-aħjar li jista' għaliex huwa meqjus bħala l-gwardjan tal-Kostituzzjoni? Infakkrukom li dan huwa l-**Ġurament** li ħa l-President ta' Malta.

**Jiena ….. solennement naħlef/niddikjara li naqdi fedelment il-kariga ta' President (li naqdi fedelment il-funzjonijiet tal-President) ta' Malta, <u>u li, skond l-aħjar ħila tiegħi nikkonserva, inħares u niddefendi l-Kostituzzjoni ta' Malta</u>. (Hekk Alla jgħini).**

Min ma jżommx kelmtu ma tistax tafdaħ, aħseb u ara kemm tista' tafda lil min jikser il-Ġurament li jkun ħa quddiem il-poplu kollu.

Kull min jikser il-Ġurament ta' fedelta' lejn il-Kostituzzjoni ta' Malta m'huwiex biss ħati quddiem Alla, imma huwa **ĠUDA** u jistħoqqlu l-akbar stmerrija u li jiġi mżeblaħ u mkażbar mill-poplu kollu li huwa jkun ħalef pubblikament li jkun fidil u leali lejgħ u lejn l-aqwa liġi tiegħu.

X'tgħidilna l-Knisja dwar dan il-ksur ta' ġurament minn dawk li suppost jagħtu l-eżempju lill-bqija tal-poplu Malti?

[6] "France is marginalized. A Europe of 25 automatically means a majority for governments most subservient to the United States".
"France has only one commissioner now out of 25. It is undeniable that in this commission, the liberals and the Atlanticists make up the lion's share".

## SEZZJONI 3

## DISPOSIZZJONIJIET FINANZJARJI

## ARTIKOLU III-313

**1. L-ispiża amminstrattiva li l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu tinvolvi għall-istituzzjonijiet għandha tkun addebitata lill-budget ta' l-Unjoni.**

**2. L-ispiża operattiva li tinħoloq mill-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu għandha wkoll tiġi addebitata lill-budget ta' l-Unjoni, ħlief għal dik l-ispiża li tinħoloq minn operazzjonijiet li jkollhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża u każijiet fejn il-Kunsill jiddeċiedi mod ieħor.**

**F'każijiet fejn l-ispiża ma tkunx addebitata lill-budget ta' l-Unjoni għandha tkun ir-responsabbiltà ta' l-Istati Membri skond l-iskala tal-prodott gross nazzjonali, sakemm il-Kunsill ma jiddeċidiex mod ieħor. Għall-ispiża li tinħoloq minn operazzjonijiet li jkollhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża, l-Istati Membri li r-rappreżentanti tagħhom fil-Kunsill ikunu għamlu dikjarazzjoni formali taħt l-Artikolu III-300(1), it-tieni subparagrafu, m'għandhomx ikunu obbligati jikkontribwixxu għall-finanzjament tagħha.**

<u>**L-Ispiża Jħallasha Kulħadd**</u>

Waħda mill-affarijiet li tridu tinnutaw hija li waqt li jingħad li l-ispiża amministrattiva toħroġ mill-budget ta' l-Unjoni Ewropea, l-ispiża militari titħallas mill-Istati Membri li jieħdu sehem fiha u l-Istati Membri li jkunu għamlu d-dikjarazzjoni msemmija ma jkunux obbligati li joħorġu sehemhom.

Madankollu, innutaw li l-Kunsill tal-Ministri qiegħed jingħata wkoll jedd u setgħa li jiddeċiedi li spiża oħra barra dik militari u ta' difiża tista' ma titħallasx mill-budget ta' l-Unjoni Ewropea imma mill-Istati Membri.

Dan ifisser li Malta xorta waħda tista' tiġi ordnata tħallas għall-ispejjeż ta' din l-Aġenzija minkejja li dan huwa kontra l-kostituzzjoni ta' Malta għaliex din hija Aġenzija jew organizzazzjoni militari ta' l-Unjon Ewropea.

Is-sehem ta' Malta, u għalhekk dak li jitħallas mit-taxxi tagħna, jkun bi proporzjon mal-Prodott Gross Nazzjonali. Dan ifisser li jekk insibu ż-żejt jew gass, il-Prodott Gross Nazzjonali jitla ħafna u jkollna nħallsu ħafna aktar.

Innutaw ukoll li fejn l-ispiża m'hijiex mitluba li titħallas mill-budget ta' l-Unjoni Ewropea, trid titħallas mill-Istati Membri, dejjem jekk il-Kunsill tal-Ministri ma jiddeċiedix mod ieħor.

Anki l-fatt li l-ispiża amministrattiva, jiġifieri biex taħdem normalment l-Aġenzija, titħallas mill-budget ta' l-Unjoni Ewropea jfisser li anki kieku l-Gvern ma daħħalniex bħala membri f'din l-Aġenzija, aħna xorta waħda nkunu qegħdin noħorġu sehemna għaliha.

Dan ukoll ifisser li aħna qegħdin niġu esposti għal attakki ta’ tpattija jekk l-Unjoni Ewropea permezz ta’ din l-Aġenzija tattakka xi pajjiż ieħor jew tidaħal fl-affarijiet interni tiegħu.

## Deċiżjoni Ewropea għall-Iffinanzjar Urġenti

**3. Il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tistabbilixxi l-proċeduri speċifiċi sabiex jiggarantixxi aċċess ta' malajr għal approprjazzjonijiet fil-budget ta’ l-Unjoni għal finanzjament urgenti ta’ inizjattivi fil-qafas tal-politika estera u ta’ sigurta’ komuni, u b’mod partikolari għal attivitajiet preparatorji għall-kompiti kif previsti fl-Artikolu I-41(1) u l-Artikolu III-309. Hu għandu jaġixxi wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew.**

**Attivitajiet preparatorji għal kompiti kif previsti fl-Artikoli I-41(1) u l-Artikolu III-309 li mhumiex addebitati għall-budget ta’ l-Unjoni għandhom jiġu ffinanzjati minn fond ta’ dotazzjoni magħmul mill-kontribuzzjonijiet ta’ l-Istati Membri.**

**Il-Kunsill għandu jadotta, b’maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta’ l-Unjoni, deċiżjonijiet Ewropej li jistabbilixxu:**

**a) il-proċeduri għall-istabbiliment u l-finanzjament tal-fond ta’ dotazzjoni, b’mod partikolari l-ammonti allokati lill-fond;**

**b) il-proċeduri għall-amministrazzjoni tal-fond ta’ dotazzjoni;**

**ċ) il-proċeduri tal-kontroll finanzjarju.**

**Meta l-kompitu, kif ippjanat skond l-Artikoli I-41(1) u l-Artikolu III-309, ma jistax jiġi addebitat lill-budget ta’ l-Unjoni, il-Kunsill għandu jawtorizza lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta’ l-Unjoni biex juża l-fond. Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta’ l-Unjoni għandu jirrapporta lill-Kunsill bl-eżekuzzjoni ta’ dan il-mandat.**

L-ewwel ma jrid jingħad huwa li l-Artikolu I-41 jitkellem dwar **“Disposizzjonijiet speċifiċi li jirrelataw għall-politika estera u ta’ sigurta’ komuni”.** Tajjeb ukoll li nfakkru x’jgħid l-ewwel subartikolu tiegħu. Dan jgħid li,

**1. Il-politika ta’ sigurta’ u ta’ difiża komuni għandha tkun parti integrali tal-politika estera u ta’ sigurta’ komuni. Għandha tipprovdi lill-Unjoni b’kapaċita’ operattiva billi tagħmel użu minn riżorsi ċivili u militari. L-Unjoni tista’ tużahom f’missjonijiet barra l-Unjoni għaż-żamma tal-paċi, għall-prevenzjoni ta’ konflitti u biex tissaħħaħ is-sigurta’ internazzjonali skond il-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. Dawn il-kompiti għandhom jitwettqu billi jintużaw il-kapaċitajiet provduti mill-Istati Membri.**

Infakkrukom biss li meta jkunu qiegħdin jintużaw ir-riżorsi militari jfisser li faċli ħafna li jsir ġlied u faċli ħafna li jkun hemm attakki ta’ tpattija kif rajna jiġru f’pajjiżi li ndaħlu fl-Afganistan, Iraq u pajjiżi oħra.

Biex nerġgħu lura għall-Artikolu li konna qegħdin naraw, innutaw kif minkejja dak li ingħad fis-subartikolu ta' qabel, issa fis-subartikolu 3 ta' l-Artikolu li qegħdin naraw, jiġifieri III-313, qiegħed jingħad li jekk tinqala' xi ħaġa urġenti ta' politika barranija u ta' sigurta' komuni, il-Kunsill tal-Ministri qiegħed jingħata jedd u setgħa li jadotta deċiżjoni Ewropea biex il-ħlasijiet isiru mill-Unjoni Ewropea.

Dan iġib fix-xejn kull dikjarazzjoni li jkunu għamlu xi Stati Membri, għaliex anki Malta b'hekk tkun qiegħda toħroġ sehemha biex ikunu jistgħu jsiru l-operazzjonijiet militari u ta' difiża kontra pajjiż ieħor bi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta għaliex tkun ħadet sehem billi tkun ħarġet sehemha għall-finanzi ta' l-Unjoni Ewropea.

Issa bi ftit jew ħafna, għal ftit żmien jew le, Malta xorta waħda tkun ħadet sehem fl-iffinanzjar tal-gwerra ta' l-Unjoni Ewropea, jekk ma jkunux intbagħtu wkoll is-suldati tagħna.

Għandna raġun ngħidu li Malta tista' tiddaħħal fi gwerra bħal ma ddaħħlet drabi oħra intortament għaliex min jiġi attakkat mill-Unjoni Ewropea jqis ukoll li Malta mhux biss hija Stat Membru, imma qiegħda tagħti sehemha billi anki toħroġ l-ispejjeż għall-gwerra?

Tajjeb li nistaqsu wkoll jekk humiex l-Istati Membri li jieħdu sehem fl-operazzjonijiet imsemmija jew jekk humiex sejrin ikunu l-Istati Membri kollha li jagħtu jew ikollhom jagħtu sehemhom għall-**"fond ta' dotazzjoni",** qishom qegħdin jagħtu d-dota lil-Unjoni Ewropea biex isiru l-attivitajiet preparatorji f'dawn l-oqsma.

Fi kliem ieħor, jidher li l-Istati Membri kollha se jkollhom joħorġu sehemhom għall-dan il-fond, għaliex ma jingħadx li huma dawk l-Istati Membri li jkunu qegħdin jieħdu sehem fil-politika barranija u ta' sigurta' komuni li joħorġu sehemhom.

Qegħdin niġbdu l-attenzjoni għal dawn l-affarijiet għaliex sejjer ikun il-Kunsill tal-Ministri b'maġġoranza kwalifikata u mhux unanimament, li fuq proposta tal-Ministru ta' l-Affarijiet Barranihn ta' l-Unjoni Ewropea li jiddeċiedi l-proċeduri għat-twaqqif u l-finanzjament ta' dan il-fond u kif jitħallsu lura, kif ukoll kif jiġi amministrat u kkontrollat.

Għaldaqstant, il-Kunsill tal-Ministri mhux marbut li jaqta' barra xi Stat Membru milli joħroġ sehemhu għall-fond tal-bidu biex ikunu jistgħu jitħejjew l-affarijiet kollha meħtieġa minkejja li dak l-Istat Membru jista' jkun pajjiż newtrali bħal Malta jew ma jkunx irid jieħu sehem fl-aventuri militari ta' l-Unjoni Ewropea.

Fil-fatt, kif jingħad fl-aħħar paragrafu wara s-subinċiż (ċ),
**"Meta l-kompitu, kif ippjanat skond l-Artikoli I-41(1) u l-Artikolu III-309, ma jistax jiġi addebitat lill-budget ta' l-Unjoni, il-Kunsill għandu jawtorizza lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni biex juża l-fond."**

L-Artikolu I-41(1) għamilna kopja tiegħu aktar 'il fuq biex ma jkollkomx għalfejn toqgħodu tqallbu biex tmorru tfittxuh.

Minnu tindunaw kemm dan il-fond tal-bidu jista' jintuża għal affarijiet militari u xi avventura li tista' tidħol fiha l-Unjoni Ewropea u ddaħħal lilna magħha minkejja li għandna l-klawsola tan-newtralita' u non-allinjament fil-Kostituzzjoni tagħna.

Għalhekk, b'mod jew ieħor aħna xorta waħda nkunu qegħdin noħorġu sehemna għall-avventuri militari ta' l-Unjoni Ewropea u nesponu ruħna għall-attakki ta' tpattija li jista' jagħmel min tkun indaħlet fl-affarijiet tiegħu l-Unjoni Ewropea.

L-unika triq biex neħilsu minn das-saram kollu huwa li nfittxu nitilqu mill-Unjoni Ewropea kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu.

## KAPITOLU III

## POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

### ARTIKOLU III-314

**Permezz ta' l-istabbiliment ta' unjoni doganali skond l-Artikolu III-151, l-Unjoni għandha tikkontribwixxi, fl-interess komuni, għall-iżvilupp armonjuż tal-kummerċ dinji, għall-abolizzjoni progressiva ta' restrizzjonijiet fuq il-kummerċ internazzjonali u fuq l-investiment barrani dirett, kif ukoll għat-tnaqqis fl-ostakoli doganali u oħrajn.**

**Unjoni Doganali**

Il-kummenti tagħna huma li l-Unjoni Ewropea tippriedka mod imbagħad tagħmel ieħor, għaliex waqt li dawn l-affarijiet tinfurzahom fuq l-Istati Membri u ma tridx restrizzjonijiet fuq il-prodotti tagħha, fl-istess waqt tagħmel dazji u levies fuq affarijet impurtati minn pajjiżi li m'humex membri tagħha.

Il-qawl Malti jgħid li "**Il-kelma tqanqal, imma l-eżempju jkaxkar**", imma l-eżempju li tagħti l-Unjoni Ewropea huwa l-kontra ta' dak li tippriedka, għaliex sewwa wkoll jgħidu il-qwiel l-oħra li "**Bejn kliem u fatti hemm baħar jikkumbatti**", u li "Il-Qaħba milli jkollha tagħtik".

Tista' temmen dak li jippriedkaw il-mexxjja ta' l-Unjoni Ewropea meta jagħmlu l-kontra ta' dak li jippriedkaw?

### ARTIKOLU III-315

**1. Il-politika kummerċjali komuni għandha tkun ibbażata fuq prinċipji uniformi, partikolarment fir-rigward ta' bidliet fir-rati tariffarji, il-konklużjoni ta' ftehim dwar tariffi u dawk kummerċjali rigward il-kummerċ ta' prodotti u ta' servizzi, u l-aspetti kummerċjali tal-proprjeta' intellettwali, l-investiment barrani dirett, il-kisba ta' l-uniformita' fil-miżuri ta' liberalizzazzjoni, il politika dwar l-esportazzjoni kif ukoll il-miżuri għall-protezzjoni tal-kummerċ bħal dawk li għandhom jittieħdu fil-każ ta' dumping jew sussidji. Il-politika kummerċjali komuni għandha titmexxa fil-kuntest tal-prinċipji u l-miri ta' l-azzjoni esterna ta' l-Unjoni.**

**Politika Kummerċjali Komuni**

L-ewwelnett innutaw kif kollox jingħad li jrid jiġi liberalizzat, jiġifieri f'kollox jidħol l-Alla falz tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan ta' l-Unjoni Ewropea. Madankollu, kif jingħad, "**bejn kliem u fatti hemm baħar jikkumbatti**".

Hawn ta' min jistaqsi jekk il-fatt li l-Unjoni Ewropea tagħti sussidji lill-prodotturi biex b'hekk huma jkunu jistgħu jbiegħu l-prodotti tagħhom, speċjalment barra mill-Unjoni Ewropea, bi prezz irħas milli kieku ma jingħatawx sussidju jfissirx li l-prodotti

jkunu qegħdin jiġi "**mormija**", bl-Ingliż "**dumped**", fis-swieq barranin, bi prezz anqas milli jkunu tassew jiswew?

Għalfejn l-Unjoni Ewropea tagħti sussidji kbar lill-prodotturi taz-zokkor tagħha u minkejja dan, il-prezz huwa ħafna aktar għoli milli dak misjub fis-swieq internazzjonali, iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri jkollhom iħallsu prezz għoli ħafna, u jekk l-Istat Membri jimpurtaw iz-zokkor mhux mill-Unjoni Ewropea jkollhom iħallsu dazju u levies biex xorta waħda l-prezz taz-zokkor jiġi għoli ħafna.

Għalfejn l-Unjoni Ewropea tagħti sussidju jekk jiġi esportat, bħal ma jingħataw prodotti oħra, biex b'hekk il-pajjiżi tat-tielet dinja jibqgħu bil-prodotti ma wiċċhom minħabba li ma jistgħux jikkompetu għaliex il-gvernijiet m'għandhomx flus biex jagħtuhom sussidju?

Ara lilna ma ħallitniex inkomplu nagħtu sussidju li konna nagħtu lill-bdiewa tagħna jew sejjer ikollna inneħħuh fi ftit żmien, imbagħad kellna ndaħħlu dazji u levies fuq prodotti mixtrijin barra mill-Unjoni Ewropea biex jitħarsu l-bdiewa tagħha li jkabbru prodotti li l-bdiewa Maltin u Għawdxin ma jkabbrux.

Tinsewx ukoll li d-dazju u l-levies imorru għall-Unjoni Ewropea, għaliex kif kien qal bejn wieħed u ieħor xi ħadd, tad-dwana issa jridu joqgħodu għassa għall-interessi ta' l-Unjoni Ewropea u mhux aktar għall-interessi tal-Gvern Malti, minkejja li jħallashom il-Gvern Malti jew aħjar aħna ċ-ċittadini Maltin u Għawdxin mit-taxxi tagħna.

Ara l-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea jekk jidrilhom li xi prodott mixtri minn pajjiż ieħor ikun issussidjat u b'hekk ikun qiegħed jinxtara bi prezz anqas milli jiġi biex jinħadem, malajr timponi fuqu dazji msejħa dazji kontra r-rimi, bl-Ingliż anti-dumping duty, imma li tissussidja l-prodotti tagħha għall-esportazzjoni fis-swieq internazzjonali, dak ma jimpurtax. Dik hija l-ipokrezija ta' l-Unjoni Ewropea.

## <u>Miżuri b'Liġi Ewropea</u>

**Il-liġi Ewropea għandha tistabbilixxi l-miżuri li jiddefinixxu l-qafas għall-implementazzjoni tal-politika kummerċjali komuni.**

Innutaw kif kollox isir b'liġijiet Ewropej biex xejn ma jsir mill-Istati Membri imma mill-istituzzjonijiet ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea. Dan ifisser li l-ebda Stat Membru jew Stati Membri bejniethom ma jistgħu jagħmlu politika kummerċjali differenti minn dik ordnata mill-Unjoni Ewropea, imma jkollhom jobdu bilfors minkejja li ma jkunx jaqblilhom, kif kellna nagħmlu aħna malli sirna membri.

M'hijiex din jewwilla impożizzjoni minn Stat Federali fuq l-Istati Membri tiegħu?

M'hijiex l-Unjoni Ewropea qiegħda taġixxi eżattament bħal ma jaġixxi Stat Federali?

Innutaw ukoll kif l-Unjoni Ewropea tista' tilħaq kull ftehim dwar tariffi u kummerċjali f'dawk l-oqsma msemmija, liema jeddijiet huma l-jeddijiet ta' kull **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran.**

Għandna raġun ngħidu li din il-Kostituzzjoni hija l-aħħar jew wieħed mill-aħħar passi fit-twaqqif uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea bħala Stat Federali Ewropew, jew aħjar, l-Istati Uniti ta' l-Ewropa?

<u>**Ftehim ma' Pajjiżi Terzi**</u>

**3. Fejn ikun meħtieġ li jiġu negozjati u konklużi ftehim ma' pajjiż terz wieħed jew aktar jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, l-Artikolu III-325 għandu japplika bla ħsara għad-disposizzjonijiet speċjali ta' dan l-Artikolu.**

**Il-Kummissjoni għandha tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill, li għandu jawtorizzaha biex tiftaħ in-negozjati meħtieġa. Il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom ikunu responsabbli biex jassiguraw li l-ftehim negozjat huwa kompatibbli mal-politika u r-regoli interni ta' l-Unjoni.**

**Il-Kummissjoni għandha tmexxi dawn in-negozjati b'konsultazzjoni ma' kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill biex jgħin lill-Kummissjoni f'dan ix-xogħol u fil-qafas tad-direttivi li l-Kunsill jista' jindirizza lilha. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta regolarment lill-kumitat speċjali u lill-Parlament Ewropew dwar il-progress tan-negozjati.**

Innutaw kif l-istituzzjonijiet ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea jħokku dahar xulxin biex jaħdmu fl-interessi ta' l-Unjoni Ewropea li mhux bilfors ikunu l-istess interessi ta' l-Istati Membri.

Il-Kummissjoni tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill tal-Ministri, li għandu jawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ in-negozjati meħtieġa. Innutaw li jingħad li l-Kunsill "**għandu**", u mhux "**jista'**".

Mela l-fatt li l-Kummissjoni "**tagħmel rakkomandazzjoni**" lill-Kunsill hija biss bżar fl-għajnejn, għaliex il-Kunsill qiegħed jiġi marbut li jrid jagħti l-kunsens tiegħu lill-Kummissjoni.

Jekk niġu għan-negozjati, negozjati jfissru li dawk li jkunu qegħdin jinnegozjaw jew jiftehemu għaliex ikollhom l-istess fehmiet, jew jekk ma jkollhomx l-istess fehmiet, kulħadd iċedu xi ħaġa jekk iridu jiftehemu.

Fi kiem ieħor, jintlaħaq kompromess bejn il-fehmiet tat-tnejn jew aktar li jkunu qegħdin jinnegozjaw.

Imma nnutaw li l-Unjoni Ewropea mhux negozjati tkun trid tagħmel, imma timponi l-politika tagħha, għaliex jingħad ċar u tond li l-Kunsill tal-Ministri u l-Kummissjoni għandhom ikunu risponsabbli biex jiżguraw li l-ftehim negozjat ikun jaqbel mal-politika u r-regoli interni ta' l-Unjoni Ewropea. Dik imposizzjoni, mhux negozjati.

Osservazzjoni oħra li rridu nagħmlu hija li jekk kif jingħad ikun meħtieġ li jinħoloq kumitat speċjali biex jgħin lill-Kummissjoni, dan ifisser li dawn in-nies tal-kumitat speċjali ma jeżistux fl-istruttura tal-Kummissjoni u għalhekk il-Kummissjoni m'għandhiex dawk in-nies esperti f'dak il-qasam.

Hawnhekk ta' min jistaqsi kif, jekk il-Kummissjoni m'għandhiex dawn in-nies esperti, normalment u regolarment toħroġ regolamenti dwar kull qasam, inkluż il-qasam tal-politika kummerċjali?

**<u>Id-Diversita' Kuturali u Lngwistika Preġudikata</u>**

**4. Għan-negozjati u l-konklużjoni tal-ftehim previst fil-paragrafu 3, il-Kunsill għandu jagixxi b'maġġoranza kwalifikata.**

**Għan-negozjati u l-konklużjoni ta' ftehim fl-oqsma tal-kummerċ f'servizzi u l-aspetti kummerċjali tal-proprjeta' intellettwali, kif ukoll l-investiment barrani dirett, il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu fejn ftehim bħal dan jinkludi disposizzjonijiet li għalihom l-unanimita' hi meħtieġa għall-adozzjoni ta' regoli nterni.**

**Il-Kunsill għandu wkoll jaġixxi b'mod unanimu għan-negozjati u għall-konklużjoni ta' ftehim:**

**a) fil-qasam ta' kummerċ f'servizzi kulturali u awdjovizivi, fejn hemm ir-riskju li dan il-ftehim jippreġudika d-diversita' kulturali u lingwistika;**

**b) fil-qasam ta' kummerċ f'servizzi soċjali, ta' l-edukazzjoni u tas-saħħa, fejn hemm ir-riskju li dan il-ftehim jikkawża disturb serju għall-organizzazzjoni nazzjonali ta' dawn is-servizzi u jippreġudika r-responsabbilta' ta' l-Istati Membri biex joffruhom.**

Jekk ikun hemm riskju li l-ftehim ikun sejjer jippreġudika d-diversita' kulturali u lingwistika, jew jikkawża disturb serju għall-organizzazzjoni nazzjonali tas-servizzi tas-servizzi soċjal, edukazzjoni u saħħa tant li jista' jippreġudika r-risponsabbilta' ta' l-Istati Membri li jipprovduhom, jista' qatt ikun hemm il-qbil unanimu?

Kif tista' l-Unjoni Ewropea titwemmen li hija trid tħares id-diversita' lingwistika u kulturali ta' l-Istati Membri tagħha meta f'dan l-Artikolu qiegħed jingħad li l-ftehim li tista' tilħaq l-Unjoni Ewropea jista' "**fil-qasam ta' kummerċ f'servizzi kulturali u awdjovizivi, fejn hemm ir-riskju li dan il-ftehim jippreġudika d-diversita' kulturali u lingwistika"**, minkejja li jingħad li dan għandu jgħaddi b'mod unanimu?

X'jiswa li jingħad li l-qbil irid ikun unanimu "**fil-qasam ta' kummerċ f'servizzi soċjali, ta' l-edukazzjoni u tas-saħħa, fejn hemm ir-riskju li dan il-ftehim jikkawża disturb serju għall-organizzazzjoni nazzjonali ta' dawn is-servizzi u jippreġudika r-responsabbilta' ta' l-Istati Membri biex joffruhom."**

Jista' qatt Stat Membru jaċċetta li jsiru dawn l-affarijiet jekk ma jkunx hemm il-mexxejja tiegħu mhedda jew mixtrija biex jaqblu mal-kumplament u b'hekk il-ftehim isib qbil unanimu?

Jista jkun hawn min jistaqsi li jekk ikun hemm dawn ir-riskji, għalfejn għandu jiġi negozjat dan il-ftehim? Imma li tridu tiftakru biss huwa li għall-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea is-suq ħieles mingħajr l-ebda xkiel huwa l-Alla falz tagħhom.

**<u>Disturb Serju fil-Kummerċ tas-Servizzi</u>**
**<u>Soċjali, Edukazzjoni u Saħħa</u>**

Irridu niġbdu l-attenzjoni tagħkom għal parti minn dan l-artikolu li għandha mportanza kbira li għall-ewwel wieħed jista' ma jagħtix kasha. Innutaw subartikolu (**b**) jgħid li l-unanimita' hija meħtieġa wkoll,

**fil-qasam ta' kummerċ f'servizzi soċjali, ta' l-edukazzjoni u tas-saħħa, fejn hemm ir-riskju li dan il-ftehim <u>jikkawża disturb serju</u> għall-organizzazzjoni nazzjonali ta' dawn is-servizzi u jippreġudika r-responsabbilta' ta' l-Istati Membri biex joffruhom.**

Aħna ngħidu li qiegħed jingħad hekk għaliex l-Unjoni Ewropea trid tipprivatizza s-servizzi soċjali kollha, inklużi l-pensjonijiet li l-Unjoni Ewropea tirdhom li jkunu tal-privat u li trid tgħolli l-eta' ta' l-irtirar għal 65 sena u anki aktar.

Trid li servizzi soċjali, bħal ma huma l-isptarijiet u l-kura tas-saħħa jiġu privatizzati ħlief, forsi, għall-aktar affarijiet bażiċi, għaliex temmen u trid li kollox jiġi privitazzat u jekk jista' jkun kollox ikun bil-ħlas u xejn ma jkun b'xejn.

Ma dawk jidħlu wkoll l-assigurazzjonijiet privati, bħal ma huma wkoll assigurazzjoni privata għas-saħħa, jekk persuna tiġi mingħajr xogħol, u servizzi soċjali oħra.

Qegħdin ngħidu hekk għaliex jekk tħarsu sewwa tindunaw li qiegħed jingħad "**fil-qasam ta' kummerċ f'servizzi soċjali, ta' l-edukazzjoni u tas-saħħa**."

Dan ma jħalli l-ebda dubju li l-Unjoni Ewropea trid li kollox ikun kummerċjalizzat anki f'dawn l-oqsma, u għalhekk jidher bl-aktar mod ċar li għall-Unjoni Ewropea l-aqwa Alla falz tagħha huwa s-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan u li xejn ma jkun b'xejn biex igawdu l-ispekulaturi tagħha f'dawn is-servizzi.

Għall-Unjoni Ewropea jekk ikollok biex tħallas tiekol, teduka lill-uliedek, u tkun tista' tħares saħħtek mal-privat. Jekk ma jkollokx tiekolx sakemm ma tmurx tittallab, tedukax lill-uliedek sakemm l-iskola ma tkunx b'xejn, imma ftakru li jekk jista' jkun tkun l-inqas bħal f'kollox, u jekk ma jkollokx flus oqgħod nin bil-mod il-mod għaliex il-kura b'xejn l-Unjoni Ewropea tridha li tkun l-anqas possibbli ħalli jgawdi l-privat.

Tant dan huwa minnhu li l-unanimita' tinħtieġ biss "**fejn hemm ir-riskju li dan il-ftehim jikkawża disturb serju għall-organizzazzjoni nazzjonali ta' dawn is-servizzi u jippreġudika r-responsabbilta' ta' l-Istati Membri biex joffruhom."**

Mela jekk ma jkunx sejjer jikkaġuna **<u>disturb serju</u>**, dan il-ftehim **<u>ma jinħtieġx l-unanimita'</u>**.

U min sejjer jiddeċiedi jekk ikunx hemm **<u>disturb serju</u>**?

Innutaw ukoll li waqt li l-Unjoni Ewropea sejra tkun tista' tagħmel ftehim fuq dawn is-setturi, jingħad ċar u tond li dawn huma risponsabbilta' ta' l-Istati Membri li joffruhom minkejja li dan il-ftehim jista' jikkawża **<u>disturb serju</u>**.

Taħsbu li jekk ikun serju b'xi mod jew ieħor ma tinstaba l-unanimita', speċjalment jekk ikun hemm fin-nofs xi Stat Membru żgħir?

Qegħdin taraw kif l-Unjoni Ewropea trid tipprivatizza kollox minkejja l-eluf ta' miljuni ta' ewros, u aħna s'issa liri Maltin, li ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri kollha jħallsu kull sena biex dawk il-mexxejja ta' qalb xierfa u ħadra u mingħajr kuxjenza tagħha jkunu jistgħu jgħumu fil-miljuni ta' ewros?

Tridu li nibqgħu f'dawn il-ħniżrijiet li r-rappreżentanti Maltin flimkien ma oħrajn marru qablu magħhom fi Brussell meta fasslu din il-Kostituzzjoni? Jekk ma qablyux jgħiduy ħallli l-poplu Malti jkun jaf.

**<u>Ftehim Internazzjonali fil-Qasam tat-Trasport</u>**

**5. In-negozjati u l-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali fil-qasam tat-trasport għandhom ikunu soġġetti għas-Sezzjoni 7 tal-Kapitolu III tat-Titolu III u għall-Artikolu III-325.**

Dwar it-trasport, naraw aktar tard x'jingħad fis-Sezzjoni u fl-Artikolu msemmi, imma anki hawnhekk naraw indħil sfċċat ta' l-Istat Federali li jagħmel ftehim ma pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet oħra li jorbot ukoll lill-Istati Mmebri ta' l-Unjoni Ewropea.

**<u>L-Armonizzazzjoni M'hijiex Esklużа</u>**

**6. L-eżerċizzju tal-kompetenzi konferiti b'dan l-Artikolu fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni m'għandux jolqot d-delimitazzjoni ta' kompetenzi interni bejn l-Unjoni u l-Istati Membri u m'għandux iwassal għal armonizzazzjoni tad-disposizzjonijiet leġislattivi jew regolatorju ta' l-Istati Membri fejn il-Kostituzzjoni teskludi din l-armonizzazzjoni.**

Dwar li m'hemmx għalfejn jiġi armonizzati l-liġijiet ta' l-Istati Membri diġa' tkellimna qabel u m'hemmx għalfejn joqgħodu nirrepetu. Madankollu, innutaw li l-eżerċizzju tal-konpetenzi mogħtija b'dan l-Artikolu m'għandux jolqot id-delimitazzjoni, jiġifieri safejn u x'inhuma l-kompetenzi ta' l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri.

Imma nnutaw li jingħad ukoll "**il-kompetenzi interni"**, għaliex l-Unjoni Ewropea għandha kompetenza esklussiva għal dak li għandu x'jaqsam mal-kummerċ barrani, jew aħjar il-politika kummerċjali u kull ftehim li jista' jsir li jolqot il-kummerċ ma' Stati barranin u organizzazzjonijet oħra.

Barra minn hekk, innutaw kif jingħad li l-eżerċizzju tal-kompetenzi "**m'għandux iwassal għal armonizzazzjoni tad-disposizzjonijiet leġislattivi jew regolatorju ta' l-Istati Membri <u>fejn il-Kostituzzjoni teskludi din l-armonizzazzjoni</u>."**

Jekk ħsibtu li mhux se jkun hemm armonizzazzjoni mortu mqarrqa, għaliex jekk toqgħodu attenti tindunaw li l-armonizzazzjoni hija esklużа biss fejn il-Kostituzzjoni teskludiha. Mela fejn il-Kostituzzjoni ma teskludihiex l-armonizzazzjoni tista' ssir.

Qegħdin taraw li kif dejjem għedna li għandkom toqgħodu attenti sewwa xi jkun jingħad għaliex faċilment li titqarrqu u ma tindunawx xi jkun qiegħed jingħad jew xi jrid jitfisser u jekk tqum kwistjoni l-Unjoni Ewropea malajr tgħid li dan huwa skond ma jkun intqal u nkiteb, għalkemm jista' jkun li ma tantx kien ċar?

Jistgħu jibqgħu l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea jissejħu **Stati Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** meta' jkollhom joqgħodu bilfors għall-ordnijiet tal-mexxejja federalisti, kolonjalisti u imperjalisti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea?

## KAPITOLU IV

## KOPERAZZJONI MA' PAJJIŻI TERZI U GĦAJNUNA UMANITARJA

### SEZZJONI 1

### KOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP

### ARTIKOLU III-316

**1. Il-politika ta' l-Unjoni fl-isfera ta' koperazzjoni għall-iżvilupp għandha tkun kondotta fil-qafas tal-prinċipji u l-miri ta' l-azzjoni esterna ta' l-Unjoni. Il-politika ta' koperazzjoni għall-iżvilupp ta' l-Unjoni u dik ta' l-Istati Membri għandhom jikkumplimentaw u jsaħħu lil xulxin.**

**Il-politika ta' koperazzjoni għall-iżvilupp ta' l-Unjoni għandha bħala l-mira primarja tagħha t-tnaqqis u, biż-żmien, il-qerda tal-faqar. L-Unjoni għandha tieħu in kunsiderazzjoni l-miri ta' koperazzjoni għall-iżvilupp fil-politika li timplimenta li x'aktarx tolqot lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw.**

**2. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom iħarsu l-impenji u jieħdu in kunsiderazzjoni l-miri li jkunu approvaw fil-kuntest tan-Nazzjonijiet Uniti u organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti oħrajn.**

<u>**Kollox fil-Miri ta' l-Unjoni**</u>

L-ewwel nett niġbdu l-attenzjoni tagħkom li bil-Malti ma ngħidux "**kondotta**", imma jew "**imġiba**" jew "**immexxija**" skond kif ikun il-każ. Fil-każ ta' dan l-Artikolu, il-kelma li toqgħod hija "**immexxija**" jew "**titmexxa**", jiġifieri kif għandha titmexxa l-politika msemmija fl-ewwel subartiklu.

L-ewwel subartikolu qiegħed jaqta' barra għal kollox li l-Istati Membri jistgħu jagħmlu politika differenti minn dik ta' l-Unjoni Ewropea, għaliex jingħad ċar u tond li din għandha tkun immexxija fil-qafas tal-prinċipji u l-miri ta' l-azzjoni barranija ta' l-Unjoni Ewropea.

Mhux biss, imma nnutaw ukoll li l-politika ta' kooperazzjoni ta' żvilupp ta' l-Unjoni u dik ta' l-Istati Membri jridu jikkumplimentaw u jsaħħu lil xulxin, imma tistgħu taħsbu liema politika trid tikkumplimenta u ssaħħaħ lill-oħra, jekk hijiex il-politika ta' l-Istati Membri li trid tkun taqbel ma' dik ta' l-Unjoni Ewropea jew il-kontra.

Dwar kemm l-Unjoni Ewropea trid it-tnaqqis u l-qerda tal-faqar tkellimna qabel.

### ARTIKOLU III-317

**1. Liġi jew liġi kwadru Ewropea għandhom tistabbilixxi l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni tal-politika ta' koperazzjoni għall-iżvilupp, li tista' tirrelata għall-programmi ta' koperazzjoni pluriennali ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw jew programmi li jkollhom approċċ tematiku.**

**Pajjiżi li Qed Jiżviluppaw**

Fi kliem ieħor, programmi b'temi jew oqsma speċjali ta' aktar minn sena waħda li l-partijet jidħlu għalihom b'mod u pożizzjoni waħda, għaliex approċċ li m'hijiex kelma Maltija hekk tfisser, permezz ta' liġi Ewropea.

Madankollu, anki hawnhekk irridu nfakkru kif aktar qabel ġbidna l-attenzjoni tagħkom dwar il-ftehim tas-sajd li l-Unjoni Ewropea tagħmel ma' pajjiżi fqar tat-tielet dinja fejn is-sajjieda ta' l-Unjoni Ewropea qegħdin jeqirdulhom il-ħut kollu fl-ibħra tagħhom għal ħlas miżeru li tagħtihom l-Unjoni Ewropea jew anki biex tħallihom jesportaw xi prodotti tagħhom lejn l-Unjoni Ewropea b'inqas dazju.

Dan ma huwa xejn ħlief esplojtazzjoni mill-kapitalisti ta' l-Unjoni Ewropea li qabel kienu jagħmluh mod ieħor għaliex kienu kolonizzaturi u issa qegħedin jagħmluh b'mod ieħor ghħax inbidlu ż-żminijiet, imma xorta waħda huwa esplojtazzjoni tal-popli tal-pajjiżi tat-tielet dinja.

**Ftehim ma' Pajjiżi Terzi mill-Unjoni f'Kull Qasam**

**2. L-Unjoni tista' tikkonkludi ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti kull ftehim li jgħin biex jintlaħqu l-miri previsti fl-Artikoli III-292 u III-316.**

**L-ewwel subparagrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza ta' l-Istati Membri biex jinnegozjaw f'korpi internazzjonali u biex jikkonkludu ftehim.**

Araw kif hija l-Unjoni Ewropea li tista' tagħmel "**kull ftehim**" ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali biex jintlaħqu l-miri msemmija.

Waqt li jingħad li l-Istat Membri jistgħu jinnegozjaw u jagħmlu ftehim huma, imma ftakru li biex issibu xi ħaġa li jistgħu jagħmlu l-Istati Membri f'din il-Kostituzzjoni li jekk tgħaddi sejra tkun minflok it-Trattati l-oħra kollha, trid tfittixha b'nemes.

L-Artikolu III-292 jitkellem dwar kif l-Unjoni Ewropea għandha tiġi ggwidata mill-prinċipji li jispiraw il-ħolqien, l-iżvilupp u t-tkabbir tagħha flimkien ma ħolm jew qerq ieħor, waqt li Artikolu III-316 huwa dak li rajna qabel dan.

**Il-Bank Ewropew ta' l-Investiment**

**3. Il-Bank Ewropew ta' l-Investiment għandu jikkontribwixxi, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Istatut tiegħu, għall-implimentazzjoni tal-miżuri previsti fil-paragrafu 1.**

Innutaw kif anki l-Bank Ewropew ta' l-Investiment, jiġifieri l-Bank ta' l-Investiment ta' l-Unjoni Ewropea, għandu jagħti sehemu biex isiru l-miżuri msemmija fis-subartikolu 1 ta' dan l-Artikolu, naturalment skond il-kundizzjonjiet li jinsabu fl-Istatut tiegħu.

U ta' min taħsbu li huma l-flus li għandu l-Bank Ewropew ta' l-Investiment?

Flus maħruġa mill-Istati Membri mit-taxxi taċ-ċittadini tagħhom biex imbagħad jiġu kkmandati meta, għalfejn, kif u taħt liema kundizzjonijiet jingħataw minn istituzzjoni federali oħra ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

## ARTIKOLU III-318

**1. Sabiex tiġi promossa l-kumplimentarita' u l-effikaċja ta' l-azzjoni tagħhom, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jikkordinaw il-politika tagħhom fil-qasam tal-koperazzjoni għall-iżvilupp u għandhom jikkonsultaw ma' xulxin dwar il-programmi ta' l-għajnuna tagħhom, inklużi f'organizzazzjonijiet internazzjonali u waqt konferenzi internazzjonali. Jistgħu jidħlu għal azzjonijiet konġunti. L-Istati Membri għandhom jikkontribwixxu jekk neċessarju għall-implimentazzjoni tal-programmi ta' għajnuna ta' l-Unjoni.**

### Kordinazzjoni tal-Politika

Waqt li jidher li dan l-Artikolu qiegħed jorbot kemm lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri anki bejniethom li jikkordinaw il-politika tagħhom dwar kooperazzjoni u żvilupp, u nnutaw li dan irid isir anki f'organizzazzjonijiet u waqt konferenzi internazzjonali, kulħadd jaf min irid jikkopera ma min u min jikkmanda fl-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk, innutaw li l-Istati Membri huma marbuta li joħorġu sehemhom, jekk ikun meħtieġ, għall-implimentazzjoni tal-programmi ta' għajnuna ta' l-Unjoni Ewropea.

Trid u ma tridx, tista' u ma tistax, jekk l-Unjoni Ewropea tordna li inti għandek toħroġ sehemhek ikollok toħorġu. Jekk m'għandikx minn fejn, għamel it-taxxi fuq iċ-ċittadini tiegħek biex issib il-flus.

Hekk qiegħed jagħmel issa l-Gvern Malti li qiegħed jifleġ u se jkompli jifleġ lill-poplu aktar 'il quddiem aktar ma jkollna ndaħħlu u nobdu regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea u aktar u aktar meta niġu biex indaħħlu l-ewro li j'Alla qatt ma jidħol. Stennew u taraw jekk dak li qegħdin ngħidu jiġrix.

### Kull Inizjattiva mill-Kummissjoni

**2. Il-Kummissjoni tista' tieħu kull inizjattiva utli sabiex tippromwovi l-kordinazzjoni prevista fil-paragrafu 1.**

Dan is-subartikolu qiegħed jagħti jedd u setgħa lill-Kummissjoni biex tieħu kull inizjattiva, anki jekk ma jkunux jaqblu magħha l-Istati Membri jew xi Stat jew Stati Membri.

Jedd u setgħa oħra mogħtija lil istituzzjoni ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea. Minflok il-kelma tippromwovi, jiġifieri tħajjar jew tmexxi 'l quddiem poġġu l-kelma tordna, għaliex jekk xi Stat Membru ma jimxix mat-tħajjir ikollu jimxi bl-ordnijiet. Jekk ma jimxix bis-sewwa jkollu jimxi bid-dnewwa.

**<u>Koperazzjoni</u>**

**3. Fil-qafas tal-kompetenza rispettiva tagħhom, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jikkoperaw ma' pajjiżi terzi u ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti.**

X'jiġri jekk Stat Membru ma jkunx irid jikkopera speċjalment ma pajjiżi terzi għaliex iqis li dak li jkun qiegħed isir ma jkunx skond il-politika tiegħu, speċjalment jekk pajjiż li l-Unjoni Ewropea tkun trid li ssir koperazzjoni miegħu ikollu politika fundamentalment kontra l-politika ta' Stat Membru?

X'jiġri jekk Stat Membru minħabba dak li għadna kif għedna ma jkunx irid joħroġ sehemu għall-għajnuna finanzjarja mogħtija, jew ordnata li tingħata mill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea? Fl-Artikolu li jmiss hemm it-tweġiba.

Hemm ħafna eżempji x'nistgħu nsemmu, imma ngħidulkom biss biex tħarsu lejn is-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani kif ukoll fil-Lvant Imbiegħed, u tindunaw xi rridu nfissru.

# SEZZJONI 2

# KOPERAZZJONI EKONOMIKA, FINANZJARJA U TEKNIKA MA' PAJJIŻI TERZI

## ARTIKOLU III-319

**1. Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra tal-Kostituzzjoni, u b'mod partikolari dawk ta' l-Artikoli III-316 sa III-318, l-Unjoni għandha twettaq miżuri ta' koperazzjoni ekonomika, finanzjarja u teknika, inkluża għajnuna, b'mod partikolari għajnuna finanzjarja, ma' pajjiżi terzi li mhumiex pajjiżi li qed jiżviluppaw. Dawn il-miżuri għandhom ikunu koerenti mal-politika ta' l-iżvilupp ta' l-Unjoni u għandhom jitwettqu fil-qafas tal-prinċipji u l-miri ta' l-azzjoni esterna tagħha. Il-miżuri ta' l-Unjoni u dawk ta' l-Istati Membri għandhom jikkumplimentaw u jsaħħu lil xulxin.**

### Għajnuna lil Terzi Pajjiżi

Huwa tajjeb li l-Unjoni Ewropea tgħin pajjiżi terzi li huma żviluppati, għalkemm mhux għal-livell li jistgħu jitqiesu minn ta' quddiem.

Bħall-kumplament ta' l-Artikoli l-oħra, il-miżuri ta' l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri jridu jikkumplimentaw lil xulxin, li jfisser li l-Istati Membri huma mxekkla fl-azzjonijiet li jistgħu jieħdu. Dan huwa kkonfermat mis-subartikolu 2 fejn kif isir fil-prattika dak li jingħad fis-subartikolu 1 jrid isir permezz ta' liġijiet Ewropej.

Barra minn hekk, niġbdulkom l-attenzjoni għall-kummenti li għamilna dwar l-Artikolu ta' qabel fejn staqsejna x'jiġri jekk Stat Membru ma jkunx irid jikkopera u jagħti l-għajnuna finanzjarja tiegħu. L-istess kummenti nagħmluhom għal dan l-Artikolu.

### Il-Qasam Militari

Hawnhekk irridu niġbdu l-attenzjoni tagħkom li għajnuna teknika tista' wkoll tinkludi għajnuna teknika fil-qasam militari. Innutaw kif jingħad,

**Dawn il-miżuri għandhom ikunu koerenti mal-politika ta' l-iżvilupp ta' l-Unjoni u għandhom jitwettqu fil-qafas tal-prinċipji u l-miri ta' l-azzjoni esterna tagħha.**

Aħna nistaqsu. X'inhuma l-prinċipji u l-miri l-azzjoni esterna tagħha, jiġifieri ta' l-Unjoni Ewropea? U f'liema qasam? Dan jinkludi wkoll il-qasam militari?

### Paragrafu 1 B'Liġi Ewropea

**2. Liġi jew liġi kwadru Ewropea għandhom tistabbilixxi l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 1.**

Aħna nistaqsu. B'liema jedd tiġi l-Unjoni Ewropea u b'liġi Ewropea tordna lill-Istati Membri mhux biss ma min għandhom jikkoperaw, imma anki lil min għandhom jagħtu għajnuna? U jekk l-għajnuna u l-koperazzjoni tkun fil-qasam militari?

B'liema jedd tiġi l-Unjoni Ewropea u tordna lil Malta li, speċjalment bir-riżorsi limitati li għandna, nikkoperaw u ngħinu pajjiż u mhux ieħor għaliex politikament hekk ikun jaqblilha l-Unjoni Ewropea u ma jkunx jaqbel għal Malta?

Dak huwa li jfisser fil-prattika dan is-subartikolu, għaliex l-Unjoni Ewropea jekk tara li jkun jaqblilha politikament li tikkopera u tgħin Stat minflok ma tikkopera u tgħin Stat ieħor tagħmel liġi Ewropea u tordna lill-Istati Membri x'għandhom jagħmlu.

Dan is-subartikolu huwa wkoll it-tweġiba għall-mistoqsijiet li għamilna aktar qabel dwar x'jiġri jekk Stat Membru ma jkunx irid jikkopera u joħroġ sehemu.

It-tweġiba hija liġi Ewropea li jkollu jibdiha bilfors jew jibda jitwaħħal il-multi mill-Unjoni Ewropea li jħallsuhom iċ-ċittadini tiegħu.

**<u>L-Istati Membri Jridu Jikkoperaw Bilfors</u>**

**3. Fil-qafas tal-kompetenza rispettiva tagħhom, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jikkoperaw ma' pajjiżi terzi u ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti. L-arranġamenti għall-koperazzjoni ta' l-Unjoni jistgħu jkunu s-suġġett ta' ftehim bejn l-Unjoni u l-partijiet terzi konċernati.**

**L-ewwel subparagrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza ta' l-Istati Membri biex jinnegozjaw f'korpi internazzjonali u biex jikkonkludu ftehim.**

Innutaw kif anki f'dan is-subartikolu l-Unjoni Ewropea qiegħda tingħata l-jedd u s-setgħa li tagħmel ftehim ma' partijiet terzi, jiġifieri kemm ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali liema ftehim ikunu jorbtu wkoll lill-Istati Membri.

Innutaw ukoll li l-Unjoni Ewropea mhux biss tagħmel il-ftehim, imma anki ftehim ieħor jew arranġamenti kif dan il-ftehim irid jitħaddem fil-prattika, ftehim jew arranġament li bih ikunu wkoll marbuta l-Istati Membri.

Dawn kollha kienu jeddijiet u setgħat ta' l-Istati Membri u ta' kull **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** li jagħmel imma li l-Unjoni Ewropea b'mod jew ieħor teħodhom, jaw aħjar tisraqhom, mingħand l-Istati Membri tagħha.

Jista' jibqa' l-iċken dubju li l-Unjoni Ewropea diġa' hija u qiegħda taġixxi bħala Stat Federali u l-Kostituzzjoni jekk tiġi approvata tkun biss l-aħħar jew wieħed mill-aħħar passi fil-konferma tat-twaqqif ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea bħala l-Istati Uniti ta' l-Ewropa?

Jistgħu l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea jibqgħu jissejħu **Stati Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** jekk huma jkollhom joqgħodu għal dak li jordna l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea bilfors?

## ARTIKOLU III-320

**Meta s-sitwazzjoni f'pajjiz terz teħtieġ għajnuna finanzjarja urgenti mill-Unjoni, il-Kunsill għandu jadotta d-deċiżjonijiet Ewropej neċessarji fuq proposta mill-Kummissjoni.**

**<u>Għajnuna bi Proposta mill-Kummissjoni</u>**

Jekk pajjiż terz ikun jinħtieġ l-għajnuna urġenti, aktar ma tingħata malajr aktar huwa aħjar. Dan jgħodd għal kull pajjiż, inklużi l-Istati Membri, għalkemm hawnhekk qed nitkellmu dwar għajnuna lil pajjiż terzi.

Imma nnutaw li l-proposta trid issir mill-Kummissjoni u m'hemmx imsemmi li tista' ssir ukoll minn xi Stat jew Stati Membri, għaliex inkella ma jkunux l-istituzzjonijiet ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea biss li jeżerċitaw il-jedd u s-setgħa li jikkmandaw.

Mhux biss, imma ma jingħadx liema sitwazzjoni urġenti tkun tinħtieġ għajnuna finanzjarja urġenti.

Għaldaqstant, m'hemmx dubju li din tista' tkun anki biex jinxtraw armamenti militari u forsi anki biex baxx baxx jitqabbdu merċenarji biex tiġi mwaqqfa milli ssir xi rivoluzzjoni jew kolp ta' Stat f'pajjiż li l-mexxej tiegħu jkun ħabib ta' l-Unjoni Ewropea minkejja li jkun qiegħed ikażbar il-jeddijiet tal-poplu.

Barra minn dan, għad irridu naraw kemm l-Unjoni Ewropea tpoġġi fil-prattika dak li jingħad f'dan l-Artiklu jekk ikun hemm pajjiż li jkun jinħtieġ għajnuna finanzjarja urġenti, għaliex kif rajna kemm-il darba, bejn dak li tgħid u tagħmel l-Unjoni Ewropea hemm baħar jikkumbatti.

## SEZZJONI 3

## GĦAJNUNA UMANITARJA

## ARTIKOLU III-321

**1. L-azzjonijiet ta' l-Unjoni fil-qasam ta' għajnuna umanitarja għandhom jitmexxew fil-qafas tal-prinċipji u l-miri ta' l-azzjoni esterna ta' l-Unjoni. Dawn l-operazzjonijiet għandhom ikunu maħsuba biex jipprovdu assistenza u għajnuna mingħajr dewmien għal nies f'pajjiżi terzi li huma vittmi ta' diżastri naturali jew ikkaġunati mill-bniedem, u biex jipproteġuhom, sabiex jissodisfaw il-bżonnijiet umanitarji li jirriżultaw minn dawn is-sitwazzjonijiet differenti. L-operazzjonijiet ta' l-Unjoni u dawk ta' l-Istati Membri għandhom jikkumplimentaw u jsaħħu lil xulxin.**

__Diżastri__

Hawnhekk m'għandux ikun hemm diffikulta', għaliex kull għajnuna possibbli minn kull min ikun jista' jagħti xi għajnuna waqt xi diżastru huwa fid-dmir li jagħtiha. Huwa ċar li din l-għajnuna tkun trid tingħata malajr u skond ma jkun meħtieġ, għaliex għalkemm tista' tippjana biex tkun tista' tagħti kull għajnuna, ma tistax tkun taf fejn u kif sejjer jiġri xi diżastru naturali jew li anki jkun magħmul mill-bniedem.

M'hemm dubju wkoll li kull min ikun sejjer jagħti kull għajnuna għandu jikkopera flimkien, ħalli jagħtu l-għajnuna li tkun meħtieġa u mhux wara jinstab li ingħatat ċerta għajnuna li hija l-istess u għajnuna oħra li kienet meħtieġa ma ingħatatx.

Imma anki hawn qiegħda titħalla toqba biex bl-iskuża ta' għajnuna għal diżastri maħluqa mill-bniedem li ma jingħadx x'inhuma jew xi jfissru, l-Unjoni Ewropea tkun tista' tindaħal fl-affarijiet interni ta' dak il-pajjiż.

Hawnhekk infakkru fil-Jugoslavja u anki pajjiżi oħra fejn jingħad li l-indħil, anki militarment, jingħad li sar fuq bażi umanitarja.

__Azzjonijiet ta' Għajnuna Umanitarja__

**2. L-azzjonijiet ta' għajnuna umanitarja għandhom jitmexxew skond il-prinċipji tad-dritt internazzjonali u l-prinċipji ta' l-imparzjalita', in-newtralita' u nuqqas ta' diskriminazzjoni.**

Hawn xi ħadd li jiddubita li għandu jkun hekk u mhux mod ieħor? Tista b'xi mod tiddiskrimina ma' min ikun jinħtieġ l-għajnuna għaliex ikun ta' razza, reliġjon, kulur, nazzjonalita' jew twemmin politiku ieħor?

Għaldaqstant, dawn huma prinċipji li kulħadd għandu jaqbel magħhom, għaliex ma tistax toqgħod tgħid li lil dak nagħtih u lill-ieħor ma nagħtihx l-għajnuna meħtieġa, dejjem.

Madankollu hawnhekk jibda' jberraq, għaliex għalkemm dan l-Artikolu qiegħed fil-qasam ta' l-għajnuna umanitarja, jista' jkollu effetti militari.

L-ewwel nett, innutaw li jingħad li l-operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja jridu jitmexxew skond il-prinċipji tad-dritt internazzjonali, u mhux skond id-dritt umanitarju internazzjonali. Bi dritt jiġifieri liġi.

Prinċipju huwa prinċipju, imma l-liġi li tagħmel dak il-prinċipju fil-prattika hija differenti min dak il-prinċipju.

Huwa għalhekk li l-Unjoni Ewropea trid tagħmel il-liġijiet tagħha biex tkun tista' tgħid hija kif għandhom isiru l-operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja. Għalfejn ma daħħlitx il-liġijiet jew id-dritt internazzjonali li diġa' huwa żviluppat minn organizzazzjonijiet internazzjonali li jaħdmu f'dan il-qasam?

Tinsewx li dan jista' jfisser li jkun hemm indħil militari f'pajjiżi oħra b'implikazzjonijiet fuq l-Istati Membri kollha.

Ftakru li l-Jugoslavja ġiet imfarrka b'operazzjonijiet militari bl-iskuża ta' għajnuna umanitarja, kif ukoll li anki xi wħud mis-suldati li ntbagħtu fl-Afganistan u fl-Iraq ingħad li ntbagħtu fuq operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja.

**<u>Il-Miżuri b'Liġi Ewropea</u>**

**3. Liġi jew liġi kwadru Ewropea għandhom tistabbilixxi l-miżuri li jiddefinixxu l-qafas li fih l-azzjonijiet ta' għajnuna umanitarja ta' l-Unjoni għandhom jiġu implimentati.**

Waqt li huwa tajjeb li jkun hemm xi liġi li tirregola dawn l-affarijiet biex ma jkunx hemm abbużi kif sfortunatament ikun hemm, tajjeb li niftakru li kull liġi ta' l-Unjoni Ewropea torbot ukoll lill-Istati Membri.

Hawnhekk ukoll jibda jberraq, għaliex ħadd għadu ma jaf x'se tkun tipprovdi din il-liġi Ewropeja dwar kif għandhom isiru l-azzjonijiet ta' għajnuna umanitarja. Anki l-għajnuna militari fil-Jugoslavja u l-Afganistan ġiet imsejħa umanitarja.

Hawnhekk ukoll niġbdu l-attenzjoni tagħkom li jekk qiegħed titkellem fil-plural, ma tgħidx "**għandhom tistabilixxi**" imma "**għandhom jistabilixxu**", għalkemm bil-Malti tajjeb ngħidu "**għandhom iwaqqfu**", jiġifieri "**jagħmlu**".

**<u>Ftehim Ieħor mill-Unjoni</u>**

**4. L-Unjoni tista' tikkonkludi ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti kull ftehim li jgħin biex jintlaħqu l-miri previsti fil-paragrafu 1 u fl-Artikolu III-292.**

**L-ewwel subparagrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza ta' l-Istati Membri li jinnegozjaw f'korpi internazzjonali u li jikkonkludu ftehim.**

L-istess kummenti li għamilna dwar is-subartikolu ta' qabel nagħmluhom ukoll għal dan is-subartikolu.

Dwar it-tieni paragrafu tajjeb li niftakru li minkejja li qiegħed jingħad li dan huwa mingħajr preġudizzju għall-kompetenza ta' l-Istati Membri biex jagħmlu ftehim huma, irridu niftakru li kull ftehim li jagħmlu jrid ikun jaqbel mal-politika ta' l-Unjoni Ewropea u jrid ikun ġie miftiehem minn qabel ma' l-istess Unjoni Ewropea kif rajna aktar qabel.

Biex tiftakru, l-**Artikolu III-292** ma jsemmix biss jeddijiet tal-bniedem u affarijiet oħra bħal dawn, imma jsemmi wkoll is-sigurta' ta' l-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri u s-sigurta' internazzjonali, paċi u kunflitti, żamma tal-paċi u affarijiet oħra.

Qegħdin taraw kif anki hawnhekk daħlet is-sigurta' internazzjonali, il-paċi u ġlied, u implikazzjonijiet oħra militari?

Se nibqgħu taħt dan il-jasar kolonjali ta' l-Unjoni Ewropea li daħħluna fih il-**ĠUDIET** u l-**QUISLINGS** tradituri tal-poplu Malti u qaddejja tal-barrani li lesti jmexxu l-Malta u lilna skond kif jordnalhom il-barrani ta' l-Unjoni Ewropea?

**<u>Żgħażagħ Volontarji</u>**

**5. Sabiex jiġi stabbilit qafas għal kontribuzzjonijiet konġunti minn żgħażagħ Ewropej għall-azzjonijiet ta' għajnuna umanitarja ta' l-Unjoni, għandu jkun stabbilit Korp Volontarju Ewropew ta' għajnuna Umanitarja. Il-liġi Ewropea għandha tiffissa r-regoli u l-proċeduri għall-funzjonament tal-Korp.**

Għalkemm l-għan huwa tajjeb, innutaw kif kollox isir fuq livell Ewropew permezz ta' liġijiet Ewropej, biex dejjem tkun fuq quddiem l-Unjoni Ewropea u mhux l-Istati Membri tagħha.

M'għandniex dubju wkoll li kull Stat Membru għandu għaqdiet ta' żgħażagħ voluntieri li jmorru jagħtu l-għajnuna tagħhom barra minn arthom, imma l-Unjoni Ewropea, bħal dejjem, trid li jkollha kollox tagħha.

Għaldaqstant, għalkemm huwa tajjeb li jkun hemm korp, kemm jekk Ewropew jew le, ta' żgħażagħ li jkunu lesti li jagħtu l-għajnuna umanitarja fejn ikun meħtieġ, imma li jrid isir ċar huwa li dawn ma jkollhom x'jaqsmu xejn ma' xi operazzjonijiet militari jew paramilitari.

Anki hawnhekk trid issir liġi Ewropea dwar ir-regoli u l-proċeduri dwar kif jaħdem dan il-korp li ħadd għadu ma jaf x'sejjer ikun fiha.

**<u>Kull Inizjattiva mill-Kummissjoni</u>**

**6. Il-Kummissjoni tista' tieħu kull inizjattiva utli sabiex tippromwovi l-kordinazzjoni bejn azzjonijiet ta' l-Unjoni u dawk ta' l-Istati Membri, sabiex ittejjeb l-effikaċja u l-komplimentarita' ta' miżuri ta' għajnuna umanitarja ta' l-Unjoni u dawk nazzjonali.**

**7. L-Unjoni għandha tassigura li l-azzjonijiet ta' għajnuna umanitarja tagħha huma kordinati u koerenti ma' dawk ta' organizzazzjonijiet u korpi**

**internazzjonali, b'mod partikolari dawk li jiffurmaw parti mis-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti.**

Kif għedna aktar qabel, sakemm l-inizjattivi jkunu ta' għajnuna umanitarja u mhux militari u biex ikun hemm kordinazzjoni bejn kull min ikun qiegħed jagħti l-għajnuna u jkunu kordinati u koerenti ma' dawk l-organizzazzjonijiet imsemmija fis-subartikolu 7 m'hemm xejn ħażin.

Aħjar milli sar s'issa minn ċerti Stati Membri avventurużi militarment li ndaħlu fil-gwerra ta' l-Iraq li issa anki s-Segretarju Ġenerali tal-Ġnus Magħquda qal li kienet gwerra illegali u bl-iskuża taż-żamma tal-paċi u l-għajnuna umanitarja qegħdin jokkupaw illegalment lill-Iraq.

Dawn huma kollha ta' eżempju ta' kemm ħafna mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea huma pajjiżi kolonjalisti li għadhom iridu jkomplu b'mod jew ieħor, jaħkmu jew jindaħlu fl-affarijiet ta' pajjiżi oħra li forsi xi darba kienu anki kolonji tagħhom.

Dan kollu jwassalna fil-periklu għaliex jista' jkun hemm attakki ta' tpattija minn dawn iċ-ċittadini ta' dawk il-pajjiżi li l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u l-Unjoni Ewropea jindaħlu fl-affarijiet interni tagħhom.

Jekk tridu li neħilsu minn dan il-periklu kollu u mill-madmad kolonjali u imperjalista tal-mexxejja arroganti ta' l-Unjoni Ewropea triq waħda għandna.

Dik li nfittxu nitilqu mill-Unjoni Ewropea kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu.

## KAPITOLU V

## MIŻURI RESTRITTIVI

## ARTIKOLU III-322

**1. Meta deċiżjoni Ewropea, li tiġi adottata skond il-Kapitolu II, tipprovdi għall-interruzzjoni jew it-tnaqqis, parzjali jew sħiħ, tar-relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji, ma' pajjiż terz wieħed jew aktar, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta konġunta mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni u l-Kummissjoni, għandu jadotta r-regolamenti jew id-deċiżjonijiet Ewropej meħtieġa. Għandu jinforma lill-Parlament Ewropew bihom.**

**2. Meta deċiżjoni Ewropea li tkun adottata skond il-Kapitolu II tipprovdi hekk, il-Kunsill jista' jadotta miżuri restrittivi taħt il-proċedura prevista fil-paragrafu 1 kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi, kontra gruppi jew kontra entitajiet mhux Statali.**

**3. L-atti previsti f'dan l-Artikolu għandhom jinkludu disposizzjonijiet meħtieġa dwar salvagwardji legali.**

**Miżuri Kontra Pajjiżi Terzi b'Maġġoranza**

Hawnhekk għandna l-akbar prova li fejn tidħol il-politika barranija u ta' sigurta' komuni, mhux biss l-Istati Membri tilfu l-jeddijiet kollha tagħhom, imma kull Stat Membru ma jistax ma jagħmilx dak kollu ordnat mill-Unjoni Ewropea.

Innutaw kif il-Kunsill tal-Ministri meta jieħu deċiżjoni dwar il-pożizzjoni jew azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea **ma jeħodhiex unanimament**, imma **b'maġġoranza kwalifikata**, li jfisser li minkejja li Malta u Stati Membri oħra jistgħu jkunu kontra, jekk ikun hemm maġġoranza kwalifikata d-deċiżjoni tgħaddi xorta waħda.

Din id-deciżjoni tista' twassal biex kif jingħad hawnhekk stess, Malta jkollha tnaqqas jew taqta' għal kollox ir-relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji tagħha ma' dak il-pajjiż jew pajjiżi kif l-Unjoni Ewropea tkun iddeċidiet.

Jekk kien hawn mn jaħseb li xi Stat Membru sejjer ikun jista' ma jobdix, araw kif jingħad li l-Kunsill tal-Ministri għandu jadotta r-regolamenti u d-deċiżjonijiet Ewropej meħtieġa. Anki l-Parlament Ewropew huwa njorat, għaliex sempliċiment jiġi nfurmat b'dak li jkun sar.

L-istess miżuri jistgħu jiġu ordnati wkoll kontra persuni, jiġifieri bnedmin, kif ukoll kontra kumpaniji u organizzazzjonijiet, gruppi jew korpi li ma jkunux ta' l-Istat. Dan ifisser anki kontra banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra.

Qegħdin taraw kif b'dawn il-jeddijiet u setgħat kollha l-Unjoni Ewropea qiegħda tingħata l-forma kollha flimkien mal-jeddijiet u mas-setgħat kollha li jkollhom Stati Federali, u kif jekk tgħaddi din il-Kostituzzjoni tkun biss l-aħħar pass u siġill, jew wieħed mill-aħħar passi fit-twettiq u l-konferma ta' l-Unjoni Ewropea bħala Stat Federali Ewropew?

Tridu li nibqgħu taħt dan il-madmad u jasar kolonjali li daħħluna fih il-**ĠUDIET** tal-poplu Malti u l-**QUISLINGS** mixtrija tal-barrani ta' l-Unjoni Ewropea?

## KAPITOLU VI

## FTEHIM INTERNAZZJONALI

## ARTIKOLU III-323

**1. L-Unjoni tista' tikkonkludi xi ftehim ma' pajjiż terz wieħed jew iktar jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali meta l-Kostituzzjoni tipprovdi hekk jew meta l-konklużjoni ta' ftehim hija jew meħtieġa sabiex tinkiseb, fil-qafas tal-politika ta' l-Unjoni, waħda mill-miri ffissati mill-Kostituzzjoni, jew inkella hija prevista f'att ta' l-Unjoni li jorbot legalment jew inkella x'aktarx tolqot regoli komuni jew li jbiddel il-kamp ta' l-applikazzjoni tagħhom.**

**2. Ftehim konkluż mill-Unjoni jorbot lill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni u lill-Istati Membri.**

**<u>Ftehim mill-Unjoni Jorbot lill-Istati Membri</u>**

Innutaw li kif jingħad hawnhekk bl-aktar mod ċar, kull ftehim li tagħmel l-Unjoni Ewropea jorbot ukoll lill-Istati Membri kollha li, jaqbel jew ma jaqbilx għalihom, ikollhom joqgħodu għal kull ma tkun ftehmet l-Unjoni Ewropea.

Innutaw ukoll li l-ftehim ma' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijet internazzjonali jista' jsir mhux biss meta tipprovdi l-Kostituzzjoni, imma anki jekk l-Unjoni Ewropea tkun tqis li huwa meħtieġ biex jissodisfa xi ħaġa milli hemm imsemmija.

Innutaw kif dan jista' jsir ukoll jekk l-Unjoni Ewropea jidrilha li dan ikun meħtieġ biex tintlaħaq xi mira li **"hija prevista f'att ta' l-Unjoni li jorbot legalment".**

Fi kliem ieħor, jekk l-Unjoni Ewropea tagħmel liġi biex tilħaq mira li jkun jidrilha li għandha tintlaħaq, hija qiegħda tingħata l-jedd u s-setgħa li tagħmel ftehim ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

Qegħdin taraw kif l-Unjoni Ewropea tipprova biex dak li ma jkunx ingħata lilha direttament tieħdu indirettament bi skuża li jkun meħtieġ biex tilħaq xi ħaġa oħra magħmula mill-Kostituzzjoni jew xi liġi jew mira li jkun jidrilha li għandha tintlaħaq?

Tridu li nibqgħu f'dawn il-ħniżrijiet, f'dan il-jasar, f'dan il-madmad kolonjali li l-Unjoni Ewropea trid li timponi fuqna bil-barka tal-**ĠUDIET** u **QUISLINGS** li lesti jobdu dak kollu li jiġu ordnati jagħmlu?

Ftakru li dawn il-ħniżrijiet qablu wkoll magħhom dawk ir-rappreżentanti Maltin li marru fasslu din il-Kostituzzjoni ġewwa Brussell.

Qatt tista' tafda' nies bħal dawn li wrewk bl-aktar mod ċar ma liema ħniżrijiet jaqblu?

Jekk ma qablux magħhom għandhom jgħidu ħalli l-poplu Malti jkun jaf.

# ARTIKOLU III-324

**L-Unjoni tista' tikkonkludi ftehim ta' assoċjazzjoni ma' pajjiż terz wieħed jew aktar jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali sabiex tistabbilixxi assoċjazzjoni li tinvolvi drittijiet u obbligi reċiproċi, azzjonijiet komuni u proċeduri speċjali.**

## Ftehim b'Obbligi u Azzjonijiet Komuni ui Proċeduri Speċjali

Innutaw kif anki hawnhekk l-Unjoni Ewropea qiegħda tingħata l-jedd u s-setgħa biex tilħaq kull ftehim ma' kull pajjiż terz wieħed jew aktar u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali sabiex tagħmel dak li jingħad f'dan l-Artikolu.

Dan ifisser li l-Unjoni Ewropea tista' tagħmel ftehim ma' pajjiżi oħra li waqt li ma jsirux membri sħaħ, ikunu jistgħu jaħdmu flimkien għall-ġid tat-tnejn f'kull qasam.

Dan huwa dak li sar ma' Malta sa' mis-snin sebgħin tas-seklu l-ieħor li setgħu jkomplu jiżviluppaw aktar mingħajr ma jkollna sħubija sħiħa.

Madankollu, dan l-Artikolu jfisser ukoll li l-Unjoni Ewropea tista' tagħmel kull ftehim ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonali internazzjonali li jkun ukoll dwar difiża, sigurta', operazzjonijiet militari, u kull qasam ieħor li tistgħu timmaġinaw, għaliex m'hemm xejn f'dan l-Artikolu li jillimita lill-Unjoni Ewropea li ma tagħmilx xi ftehim dwar xi qasam partikolari, imma tista' tagħmel kull ftehim f'kull qasam.

Innutaw kif permezz ta' kull ftehim tista' tiġi mwaqqfa assoċjazzjoni, bħal ngħidu aħna, fil-qasam militari, li jkun jinvolvi drittijiet u obbligi reċiproċi, azzjonijiet komuni u proċedura speċjali.

Fi kliem ieħor, l-Unjoni Ewropea tista' tagħmel kull ftehim li trid, ma min trid, fuq kull qasam li trid, liema ftehim iwassal anki għal azzjonijiet komuni, bħal ma huma azzjonijiet militari, liema ftehim ikun jorbot lill-Istati Membri kollha.

Tinsewx li kull ftehim li jsir sejjer ikun skond ma jingħad f'din il-Kostituzzjoni li jekk tiġi approvata tagħti l-jedd u s-setgħa lill-Unjoni Ewropea li tagħmel kull ftehim kif qiegħed jingħad.

Tinsewx ukoll li mhux biss il-Kostituzzjoni ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea ikollha l-primat, jiġifieri tkun fuq il-Kostituzzjoni ta' kull Stat Membru ieħor, imma anki kull liġi oħra ta' l-Unjoni Ewropea.

Tinsewx ukoll li kull ftehim bejn il-partijiet huwa meqjus li huwa l-liġi li torbot lill-partijiet f'dak il-ftehim, u għaldaqstant, kull ftehim li tagħmel l-Unjoni Ewropea jorbot ukoll lill-Istati Membri tagħha sakemm jibqgħu membri tagħha.

Qegħdin taraw xi jfisser dan l-artiklu qasir ta' sentenza waħda? Tridu li nibqgħu taħt dan il-madmad, jasar u ħakma illegali tal-barrani arroganti, kolonjali, u imperjalista ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea?

## ARTIKOLU III-325

**1. Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fl-Artikoli III-315, ftehim bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali għandhom jiġu nnegozjati u konklużi skond il-proċedura li ġejja.**

### M'Hemmx Jedd tal-Veto

Infakkru li l-Artikolu III-315 huwa dwar il-politika kummerċjali. Dan l-Artikolu li qegħdin naraw issa huwa Artikolu twil ħafna ta' proċedura u m'aħniex sejrin noqgħodu nikkummentaw fuq kull parti tiegħu sakemm ma jkunx meħtieġ.

Li jrid jiġi nnutat huwa li kollox isir mill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea b'ħakk ta' dahar xulxin u f'ħafna każi b'maġġoranza kwalifikata u mhux b'unanimita'. Fi kliem ieħor, **il-jedd tal-veto ta' l-Istati Membri li jwaqqfu xi ħaġa spiċċa**.

### Awtorita' u Arroganza tal-Kunsill

**2. Il-Kunsill għandu jawtorizza l-ftuh tan-negozjati, jadotta direttivi ta' negozjati, jawtorizza l-iffirmar ta' ftehim u jikkonkludihom.**

**3. Il-Kummissjoni, jew il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni meta l-ftehim maħsub għandu x'jaqsam esklużivament jew prinċipalment mal-politika estera u ta' sigurta' komuni, għandhom jissottomettu rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill, li għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tawtorizza l-ftuh tan-negozjati u, skond is-suġġett tal-ftehim maħsub, li jinnominaw in-negozjatur ta' l-Unjoni jew il-kap tal-grupp ta' negozjaturi ta' l-Unjoni.**

Innutaw l-arroganza tal-mexxejja federalisti ta' l-Unjoni Ewropea f'dan is-subartikolu 3, fejn il-Kummissjoni jew il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni Ewropea għandhom jagħmlu rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill meta l-ftehim ikollu x'jaqsam mal-politika barranija u ta' sigurta' komuni.

Innutaw ukoll kif dan isir b'deċiżjoni Ewropea, jew aħjar ta' l-Unjoni Ewropea, ħalli kollox ikun jorbot anki minn qabel lill-Istati Membri.

Hawnhekk tidher ukoll l-arroganza tal-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea meta minflok ma jgħidu deċiżjoni ta' l-Unjoni Ewropea jgħidu deċiżjoni Ewropea, għaliex l-ewwel nett mhux il-pajjiżi ta' l-Ewropa kollha huma membri, u barra minn hekk, juri l-ħsieb tagħhom li jibqgħu sakemm ijassru lill-popli kollha ta' l-Ewropa permezz tas-sħubija fl-Unjoni Ewropea.

Is-subartikolu juri wkoll bl-aktar mod ċar dak li ġbidna l-attenzjoni għalih kemm-il darba dwar Artikoli oħra dwar kif l-Unjoni Ewropea għandha l-ħsieb li tagħmel ftehim ma' pajjiżi u organizzazzjonijiet militari bħal ma hija n-**NATO** dwar il-politika barranija u ta' sigurta' komuni.

Dan ipoġġi lil pajjiżna fil-periklu mhux biss minħabba l-ftehim innifsu li jista' jwassal għal xi operazzjonijiet militari kontra pajjiżi oħra, imma anki minħabba l-preżenza

tal-bastimenti tal-gwerra tan-**NATO** u pajjiżi tan-**NATO** fil-portijiet tagħna, iklużi bastimenti tal-gwerra ta' l-Amerika.

Dan huwa l-periklu li daħħluna fih il-**ĠUDIET** tal-poplu Malti bit-tradiment tagħhom biex daħħluna membri u l-**QUISLINGS** li lesti jmexxu lil Malta u lilna skond kif jordnalhom il-barrani ta' l-Unjoni Ewropea minn Brussell sakemm nibqgħu membri.

Jekk irridu neħilsu minn dal-jasar u saram kollu għandna nitilqu l-lejla qabel għada mill-Unjoni Ewropea kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu.

**<u>Direttivi u Deċiżjonijiet mill-Kunsill</u>**

**4. Il-Kunsill jista' jindirizza direttivi lin-negozjatur u jaħtar kumitat speċjali li f'konsultazzjoni miegħu għandhom isiru n-negozjati.**

**5. Il-Kunsill, fuq proposta min-negozjatur, għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tawtorizza l-iffirmar tal-ftehim u, jekk meħtieġ, l-applikazzjoni proviżorja tiegħu qabel il-bidu fis-seħħ.**

Innutaw kif il-Kunsill permezz tas-subartikolu 5 jista', fuq proposta min-negozjatur li jkun inħatar aktar qabel, jordna li l-ftehim jibda japplika anki qabel il-jum li fih ikun sar qbil li għandu jidħol fis-seħħ.

Innutaw ukoll l-arroganza tal-mexxejja federalisti ta' l-Unjoni Ewropea fejn permezz ta' l-istess subartikolu, il-Kunsill li jadotta deċiżjoni Ewropea li tkun torbot lill-Istati Membri lanqas biss ma għandu xi obbligazzjoni li jikkonsulta magħhom, imma biss f'xi waqtiet, wara li jikseb il-qbil tal-Parlament Ewropew li huwa istituzzjoni oħra ta' l-istess Unjoni Ewropea.

Mhux biss, imma fis-subartikolu li jmiss taraw li anki l-istess Parlament Ewropew jingħata żmien sakemm irid jagħti tweġiba lill-Kunsill mill-istess Kunsill, u jekk dan ma jagħmlux, il-Kunsill jista' jibqa' għaddej b'dak li jkun qiegħed jagħmel.

Dik hija s-setgħa u s-saħħa li għandu l-Parlament Ewropew, jew aħjar ta' l-Unjoni Ewropea.

**<u>Deċiżjoni mill-Kunsill biex Jikkonkludi Ftehim</u>**

**6. Il-Kunsill, fuq proposta min-negozjatur, għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tikkonkludi l-ftehim.**

**Ħlief meta ftehim għandu x'jaqsam esklussivament mal-politika estera u ta' sigurta' komuni, l-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tikkonkludi il-ftehim:**

**a) wara li jkun kiseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew fil-każijiet li ġejjin:**

**i) ftehim ta' assoċjazzjoni;**

**ii) adeżjoni ta’ l-Unjoni għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali;**

**iii) ftehim li jistabbilixxi qafas istituzzjonali speċifiku permezz ta’ l-organizzazzjoni ta’ proċeduri ta’ koperazzjoni;**

**iv) ftehim b’implikazzjonijiet importanti għall-budget għall-Unjoni;**

**v) ftehim li jkopri l-oqsma li għalihom tapplika jew il-proċedura legislattiva ordinarja, jew il-proċedura leġislattiva speċjali meta jkun meħtieġ il-kunsens tal-Parlament Ewropew.**

**Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu, f’sitwazzjoni urġenti, jiftiehmu fuq limitu ta’ żmien għal kunsens.**

**b) wara l-konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew f’każijiet oħra. Il-Parlament Ewropew għandu jagħti l-opinjoni tiegħu f’terminu li l-Kunsill jista’ jistabbilixxi skond l-urġenza tal-kwistjoni. Fl-assenza ta’ opinjoni f’dak it-terminu, il-Kunsill jista’ jaġixxi.**

L-ewwel nett innutaw kif wara li n-negozjatur jilħaq ftehim, huwa jagħmel proposta lill-Kunsill li dan **<u>ghandu jadotta deċiżjoni Ewropea</u>** li tikkonkludi ftehim. Dan ifisser numru ta’ affarijiet.

L-ewwel hija li l-Kunsill m’għandux għażla, għaliex jingħad li “**ghandu**”, mhux “**jista’**”, jadotta deċiżjoni Ewropea. Dan huwa l-uniku mod biex jikkonkludi ftehim.

It-tieni hija li jrid jadotta “**deċiżjoni Ewropea**” li tikkonkludi l-ftehim. Kif tindunaw, m’huwiex il-Parlament ta’ l-Unjoni Ewropea li jadotta d-deċiżjoni, imma l-Kunsill.

Dan juri kemm il-Parlament ta’ l-Unjoni Ewropea m’għandux jedd li jkun huwa li jadotta din id-deċiżjoni bħal ma normalment ikollhom il-parlamenti nazzjonali ta’ kull **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran**.

It-tielet hija l-arroganza tal-mexxejja federalisti ta’ l-Unjoni Ewropea li jgħidu li hija “**deċiżjoni Ewropea**” meta fil-fatt mhux il-pajjiżi kollha ta’ l-Ewropa huma Stati Membri ta’ l-Unjoni Ewropea u għalhekk ma għandhom l-ebda jedd li jgħidu li hija “**deċiżjoni Ewropea**”.

Innutaw kif il-Parlament ta’ l-Unjoni Ewropea huwa wkoll imsejjaħ “**il-Parlament Ewropew**” meta kif għedna qabel mhux il-pajjiżi kollha ta’ l-Ewropa huma Stati Membri ta’ l-Unjoni Ewropea u għalhekk ma għandha l-ebda jedd issejjaħ il-Parlament tagħha bħala “**il-Parlament Ewropew**”. L-aktar li tista’ ssejjaħlu l-“**Parlament ta’ l-Unjoni Ewropea”** mhux “**Parlament Ewropew**”.

Innutaw ukoll kif jingħad li d-deċiżjoni Ewropea tal-Kunsill issir wara li l-Parlament Ewropew, jiġifieri ta’ l-Unjoni Ewropea, jagħti l-approvazzjoni tiegħu, imma dan mhux meta l-ftehim ikun dwar il-politika barranija u ta’ sigurta’ komuni. Innutaw kif jingħad li,

**"Ħlief meta ftehim għandu x'jaqsam esklussivament mal-politika estera u ta' sigurta' komuni"**

Fi kliem ieħor, jekk il-ftehim ikollu x'jaqsam mal-politika barranija u ta' sigurta' komuni l-Parlament m'hemmx għalfejn jagħti l-approvazzjoni tiegħu għaliex dak il-ftehim isir xorta waħda.

Dan ifisser li l-Kunsill jista' jieħu deċiżjoni Ewropea li jikkonkludi ftehim ma', bħala eżempju, **in-NATO jew l-Istati Uniti ta' Amerika**, u l-Parlament Ewropew jkun jista' jagħmel xejn biex iwaqqfu għaliex ikun dwar il-politika barranija u sigurta' komuni.

Barra minn hekk, innutaw kif il-Kunsill jagħti żmien lill-Parlament Ewropew sakemm għandu jagħti l-opinjoni tiegħu f'każi oħra. Hawn xi Parlament Nazzjonali li istituzzjoni oħra ta' l-Istat tagħtih żmien li fih irid jagħti l-opinjoni tiegħu inkella jibqa' għaddej u jinjora l-Parlament?

Qegħdin taraw kemm il-mexxejja federalisti ta' l-Unjoni Ewropea għandhom wiċċhom ma jistħix, mingħajr l-iċken qatra żejt, u agħar mill-għatba tal-Klistanija?

Dan huwa dak li qablu miegħu r-rappreżentanti Maltin li flimkien mal-**ĠUDIET** u **QUISLINGS** minn Stati Membri oħra marru fasslu din il-ħniżrija ta' Kostituzzjoni.

Jerkk ma qablux jgħidu ħalli l-poplu Malti jkun jaf.

<u>**Il-Kunsill Jista' Jaqbez lill-Parlament**</u>

**7. Meta jikkonkludi ftehim, il-Kunsill jista' b'deroga mill-paragrafi 5, 6 u 9, jawtorizza lin-negozjatur biex japprova għan-nom ta' l-Unjoni modifiki għall-ftehim meta dawn jipprovdu li dawn il-modifiki għandhom jiġu adottati skond proċedura simplifikata jew minn grupp stabbilit mill-ftehim. Il-Kunsill jista' jehmeż kondizzjonijiet speċifiċi ma' awtorizzazzjoni bħal din.**

Hawnhekk għandna eżempju ieħor ta' l-arroganza tal-mexxejja federalisti ta' l-Unjoni Ewropea meta l-Kunsill jista' jinjora dak li ingħad qabel, jiġifieri fis-subartikoli msemmija, u jawtorizza lin-negozjatur biex jaqbeż anki l-Parlament, meta dan ikun meħtieġ li jagħti l-approvazzjoni tiegħu, u jbiddel il-ftehim meta dawn jipprovdu li dawn il-modifiki għandhom jiġu adottati skond proċedura simplifikata jew minn grupp stabbilit mill-ftehim.

Qegħdin taraw kemm huwa minnu dak li ngħidulkom li l-Unjoni Ewropea dejjem tara kif tagħmel biex tieħu aktar minn dak li jkun deher li ingħatalha għaliex iddaħħal xi Artikolu jew subartikolu x'imkien qalb ħafna oħrajn ħalli ma tagħtix każ u forsi taqbżu mingħajr ma tinduna?

<u>**Il-Kunsill Jiddeċiedi b'Maġġoranza Kwalifikata**</u>

**8. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata tul il-proċedura.**

**Madankollu, għandu jaġixxi b'mod unanimu meta l-ftehim ikopri qasam li għalih hija meħtieġa l-unamità għall-adozzjoni ta' att ta' l-Unjoni kif ukoll għal ftehim ta' assoċjazzjoni u l-ftehim previsti fl-Artikolu III-319 ma' l-Istati li huma kandidati għall-adeżjoni.**

Innutaw li l-Kunsill jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, ħlief meta l-Kostituzzjoni tinħtieġ l-unanimita' jew ikun ftehim ta' assoċjazzjoni u ta' sħubija ta' xi Stat Membru ġdid.

Dan ifisser li fil-maġġoranza assoluta tal-ftehim, **id-dritt jew jedd tal-VETO ta' l-Istati Membri spiċċa.**

Qegħdin taraw kemm qarrqu bikom il-**ĠUDIET** u **QUISLINGS** Maltin li kienu jgħidulkom li Malta tkun tista' twaqqaf xi ħaġa li ma tkunx taqbel magħha?

Tridu li nibqgħu f'dan il-madmad kolonjali u jasar li daħħluna fih il-**ĠUDIET** li ma jixirqihomx jissejħu Maltin li qarrqu bikom u l-**QUISLINGS** li lesti jmexxi skond ma jordnalhom il-barrani arroganti kolonjalista u imperjalista ta' l-Unjoni Ewropea?

Jekk le triq waħda għandna. Dik li nfittxu nitilqu lill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea l-lejla qabel għada kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu

**<u>Il-Kunsill u l-Posizzjoni Komuni</u>**

**9. Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni jew mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tissospendi l-applikazzjoni ta' ftehim u li tistabbilixxi l-posizzjonijiet li għandhom jiġu adottati għan-nom ta' l-Unjoni minn grupp stabbilit bi ftehim, meta dak il-grupp jissejjaħ biex jadotta atti li jkollhom effetti legali, ħlief atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.**

Anki dan huwa eżempju ta' kemm huwa stmat u kemm għandu setgħa l-Parlament Ewropew meta huwa l-Kunsill li fuq proposta tal-Kummissjoni jew tal-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin jista' jagħmel l-affarijiet imsemmija mingħajr ma l-Parlament Ewropew lanqas biss jiġi konsultat.

**<u>Il-Parlament Sempliċiment Infurmat</u>**

**10. Il-Parlament Ewropew għandu jkun infurmat immedjatament u għal kollox fl-istadji kollha tal-proċedura.**

Li l-Parlament Ewropew jiġi nfurmat ma jfisser xejn għax ma huwa qiegħed jingħata l-ebda jedd li jbiddel xi ħaġa milli jagħmel il-Kunsill.

**<u>Opinjoni tal-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea</u>**

**11. Stat Membru, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill jew il-Kummissjoni, jistgħu jiksbu l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk il-ftehim maħsub huwiex kompatibbli mal-Kostituzzjoni. Meta l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja hija**

**kuntrarja, il-ftehim maħsub ma jistax jidħol fis-seħħ sakemm ma jiġix emendat jew il-Kostituzzjoni ma tiġix riveduta.**

Li tridu tiftakru huwa li l-Parlament Ewropew ma jistax jieħu deċiżżjoni huwa stess, imma jrid jitlob l-opinjoni tal-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea dwar dak il-ftehim jek jaqbilx mal-Kostituzzjoni.

Fi kliem ieħor, lanqas jekk il-Parlament ikun iqis li dak il-ftehim m'għandux isir, jekk dak il-ftehim ikun skond din il-Kostituzzjoni xorta waħda jsir.

Anki jekk Stat jew Stati Membri ma jkunux jaqblu ma dak il-ftehim, xorta waħda jsir jekk il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea tiddeċiedi li dak jaqbel, jiġifieri huwa kompatibbli ma' din il-Kostituzzjoni.

Taħsbu li l-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea sejra taqta' xi ħaġa kontra dak li tkun trid tagħmel l-Unjoni Ewropea meta hija u l-iħallfin tagħha huma marbuta li jridu jkunu leali lejn l-Unjoni Ewropea?

Kif tistgħu taraw, dan huwa Artikolu ta' proċedura twil ħafna dwar kif għandhom isiru ftehim, huwa kkomplikat mhux ħażin u għandu ħafna implikazzjonijiet.

Li tridu tiftakru biss huwa li dak kollu li tiftiehem fuqu l-Unjoni Ewropea jkun jorbot lill-Istati Membri kollha.

## ARTIKOLU III-326

**1. B'deroga mill-Artikolu III-325, il-Kunsill jista' jew fuq rakkomandazzjoni mill-Bank Ċentrali Ewropew jew fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni u wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew bl-iskop li jintlaħaq qbil bejn kulħadd li huwa koerenti mal-mira ta' stabbilita' tal-prezzijiet, jikkonkludi ftehim formali dwar is-sistema tar-rata tal-kambju għall-euro fir-rigward tal-muniti ta' Stati terzi. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew u skond il-proċedura stipulata fil-paragrafu 3.**

**Il-Kunsill jew fuq rakkomandazzjoni mill-Bank Ċentrali Ewropew jew fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni u wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew bl-iskop li jintlaħaq qbil bejn kulħadd koerenti mal-mira ta' stabbilita' tal-prezzijiet, jista' jadotta, jaġġusta jew jabbanduna r-rati ċentrali tal-euro fis-sistema tar-rata tal-kambju. Il-President tal-Kunsill għandu jinforma lill-Parlament Ewropew bl-adozzjoni, l-aġġustament jew l-abbandun tar-rati ċentrali tal-euro.**

**Il-Kunsill Jiddeċiedi Kollox Dwar l-Ewro**

Qabel inkomplu naraw is-subartikoli l-oħra, tajjeb li niġbdu l-attenzjoni li bil-Malti tajjeb ma niktbux "**tal-ewro**", imma "**ta' l-ewro**".

Hawnhekk irridu ngħidu li għadha kif qamet kwistjoni dwar kif għandu jinkiteb l-isem ta' l-**ewro**, għaliex hemm Stati Membri li jiktbuha differenti kif tinħass fl-ilsien tagħhom.

Qiegħda ssir oġġezzjoni mill-Unjoni Ewropea li trid li jinkiteb biss euro, ħlief għall-Greċja li għandha alfabett differenti.

Madankollu, Stati Membri ma jridux jisimgħu, u ddeċiedew li jiktbu l-**ewro** kif jinħass jew isejħulu fl-ilsien tagħhom. Aħna qegħdin nagħmlu l-istess, il-munita tagħha dejjem sejjaħnilha **ewro**, u tgħid x'tgħid l-Unjoni Ewropea m'aħniex sejrin nagħtu każ tagħha.

Mhux biss, imma jekk l-Unjoni Ewropea tibqa' tinsisti li għandu jinkiteb **euro**, aħna jew nibqgħu niktbuha l-istess, jiġifieri **ewro**, jew inkella niktbuha kif tinħass bil-Malti u niktbu "**juro**" biex nisfidawha.

Jekk ma jogħġobhomx, il-mexxejja federalisti ta' l-Unjoni Ewropea jistgħu jmorru jsaqqi l-ħass tal-Marsa u ta' Brussell, għaliex lilna ma jikkmandawniex u ninjorawhom.

Jekk iridu, bil-pulit jafu x'għandhom jagħmlu bl-ordnijiet tagħhom. Jekk ma jafux ngħidulhom.

Naħseb li tajjeb li tkunu tafu, jekk ma ndunajtux, għalfejn l-Unjoni Ewropea trid li l-munita tagħha tinkiteb "**euro**" fl-ilsna kollha.

Dan għaliex jekk tinnutaw, l-ewwel żewġ ittri ta' l-isem huma "**EU**" li huma l-inizjali ta' l-Unjoni Ewropea u li bl-ilsien Ingliż ifissru European Union.

Biex niġu lura għall-Artikolu, min tistennew li jiddeċiedi l-kambju ta' l-**ewro** ma' muniti oħra u dak kollu li jgħid dan l-Artikolu jekk mhux l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea minħabba li l-muniti ta' l-Istati Membri spiċċaw jew sejrin jispiċċaw darba għal dejjem ħlief għat-tliet Stat Membri li żammew il-jedd li ma jidħlux fis-sistema ta' l-**ewro**?

Innutaw ukoll li l-Istati Membri li jkunu daħħlu l-**ewro** bħala l-munita tagħhom ma jistgħu jibqgħu jiddeċiedu r-rata tal-kambju ta' l-**ewro**, għaliex dik hija l-munita' ta' l-Unjoni Ewropea u jkun il-Bank Ċentrali Ewropew ta' l-Unjoni Ewroepa li jiddeċiedu dwar il-kambju ta' l-**ewro** ma' muniti oħra.

Tajjeb jew ħażin, jiġu affettwati tajjeb jew ħażin, l-Istati Membri li jkunu neħħew il-munita tagħhom u daħħlu l-**ewro** ma jibqalhom l-ebda għażla ħlief li jaċċettaw dak kollu li jiddeċiedu l-istituzzjonijiet ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

**<u>Posizzjoni Waħda Dwar l-Ewro mill-Unjoni</u>**

**3. B'deroga mill-Artikolu III-325, meta ftehim dwar materji li għandhom x'jaqsmu mas-sistema monetarja jew tal-kambju għandhom ikunu s-suġġett ta' negozjati bejn l-Unjoni u Stat terz wieħed jew aktar jew organizzazzjonijiet internazzjonali, il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-**

**Kummissjoni u wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew, għandu jiddeċiedi l-arranġamenti għan-negozjati u għall-konklużjoni ta' dawn il-ftehim. Dawn l-arranġamenti għandhom jassiguraw li l-Unjoni tesprimi posizzjoni waħda. Il-Kummissjoni għandha tkun assoċjata għal kollox man-negozjati.**

Innutaw kif bħal dejjem, l-arranġamenti msemmija fis-subartikolu 3 għandhom jiżguraw li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri jkollhom l-istess pożizzjoni meta jkunu qegħdin isiru negozjati, kemm ma' xi Stat jew organizzazzjoni internazzjonali.

Mela x'negozjati u xi ftehim jistgħu jagħmlu l-Istati Membri jekk kull ma jistgħu jinnegozjaw u jagħmlu jrid ikun skond il-pożizzjoni ta' l-Unjoni Ewropea waqt li jkollhom għassa fuqhom il-Kummissjoni bħal seqer?

Dwar ftehim magħmul mill-Unjoni Ewropea, tinsewx ukoll li kull ftehim li tagħmel ikun jorbot lill-Istati Membri u jkollu effett fuqhom u fuq iċ-ċittadini tagħhom.

Dan aktar u aktar meta l-ftehim ikun qiegħed isir fuq il-munita' ta' l-Unjoni Ewropea l-**ewro**, li minħabba l-kambju jista' jkollu effett kbir fuq il-kummerċ u l-għoli tal-prezzijiet u tal-ħajja u għalhekk fuq iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.

J'Alla li l-**ewro** qatt ma jiddaħħal bħala munita ta' Malta għaliex kull fejn iddaħħal il-ħajja splodiet 'il fuq.

Temmnux dak li jgħidulkom il-mexxejja federalisti tagħha jew il-**ĠUDIET** u **QUISLINGS** mixtrija tagħha, imma staqsu liċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra li daħħlu l-ewro.

**<u>Xi Ftehim Jistgħu Jagħmlu?</u>**

**4. Mingħajr preġudizzju għall-kompetenza ta' l-Unjoni u l-ftehim ta' l-Unjoni fir-rigward ta' l-unjoni ekonomika u monetarja, l-Istati Membri jistgħu jinnegozjaw fi gruppi internazzjonali u jikkonkludu ftehim.**

Innutaw li għalkemm jingħad li l-Istati Membri jistgħu jinnegozjaw u jagħmlu ftehim fi gruppi internazzjonali, l-ebda ftehim ma jistgħu jagħmlu jekk dan ikun dwar l-unjoni ekonomika u monetarja, għaliex dan il-qasam huwa biss kompetenza ta' l-Unjoni Ewropea. Mela xi ftehim jistgħu jagħmlu l-Istati Membri?

# KAPITOLU VII

## RELAZZJONIJIET TA' L-UNJONI MA' ORGANIZZAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI U MA' PAJJIŻI TERZI U DELEGAZZJONIJIET TA' L-UNJONI

### ARTIKOLU III-327

**1. L-Unjoni għandha tistabbilixxi l-forom kollha xierqa ta' koperazzjoni ma' l-organi tan-Nazzjonijiet Uniti u l-aġenziji speċjalizzati tagħha, mal-Kunsill ta' l-Ewropa, ma' l-Organizzazzjoni għas-Sigurta' u l-Koperazzjoni fl-Ewropa u ma' l-Organizzazzjoni għall-Koperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku.**

**L-Unjoni għandha wkoll iżżomm dawk ir-relazzjonijiet li jkunu opportuni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra.**

**2. Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni u l-Kummissjoni għandhom huma inkarigati biex jimplimentaw dan l-Artikolu.**

**<u>Relazzjonijiet ta' l-Unjoni</u>**

Innutaw kif kollox isir mill-Unjoni Ewropea li mbagħad torbot lill-Istati Membri tagħha. Imma li jrid jingħad huwa li dawn huma kollha jeddijiet li normalment jiġu eżerċitati minn **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran**.

Huma **Stati Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** li jiddeċiedu jekk iridux jilħqu ftehim u jidħlu għal obbligazzjonijiet ma Stati oħra u organizzazzjonijiet internazzjonali, u l-fatt li dawn isiru mill-Unjoni Ewropea juri li hija tqis lilha nfisha bħala Stat Federali u li għandha jedd li torbot lill-Istati Membri tagħha bi ftehim ma dawn l-organizzazzjonijiet imsemmija.

Għaldaqstant, ma jibqa' l-ebda dubju li l-Unjoni Ewropea mhux biss qiegħda taġixxi bħala Stat, imma wkoll bħala Stat Federali bl-ordnijiet li tagħti lill-Istati Membri, waqt li jekk tgħaddi din il-Kostituzzjoni tkun biss l-aħħar, jew wieħed mill-aħħar passi fit-twettiq u t-twaqqif ta' l-Istat Federali Ewropew ta' l-Unjoni Ewropea.

Innutaw li l-aħħar sentenza ta' l-ewwel paragrafu tgħid li **"L-Unjoni għandha wkoll iżżomm dawk ir-relazzjonijiet li jkunu opportuni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra."**

Innutaw li ma jingħadx ta' liema ġeneru jkunu dawn l-organizzazzjonijiet, u għalhekk jistgħu jkunu fi kwalunkwe qasam, inkluż dak militari.

Qegħdin taraw kemm taħseb li qiegħed titkellem biss dwar l-organizzazzjonijiet li jissemmew b'isimhom imbghad issib li l-Unjoni tista' żżomm relazzjonijiet ma kull organizzazzjoni li jidrilha li jkunu opportuni mingħajr ma taqta' barra organizzazzjonijiet militari?

Dan tingħata indikazzjoni tiegħu anki fl-ewwel parti ta' l-ewwel paragrafu, għaliex jissemmew organizzazzjonijiet ta' natura militari jew imdaħħlin fis-sigurta'.

**ARTIKOLU III-328**

**1. Id-delegazzjonijiet ta' l-Unjoni f'pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali għandhom jirrappreżentaw l-Unjoni.**

**2. Id-delegazzjonijiet ta' l-Unjoni għandhom jitqiegħdu taħt l-awtorita' tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni. Huma għandhom jaġixxu f'koperazzjoni stretta mal-missjonijiet diplomatiċi u konsulari ta' l-Istati Membri.**

**<u>Rappreżentanza Diplomatika</u>**

Tinsewx li normalment huma **Stati Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** li jkollhom rappreżentanza f'pajjiżi oħra u f'organizzazzjonijiet internazzjonali jew reġjonali biex jirrappreżentaw l-interessi tagħhom u liċ-ċittadini tagħhom fil-pajjiżi l-oħra jew fl-organizzazzjonijiet imsemmija.

Għaldaqstant, din hija konferma oħra tat-twaqqif ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea bir-rappreżentanti tagħha f'pajjiżi terzi u f'organizzazzjonijiet internazzjonali, li jaħdmu f'koperazzjoni stretta mal-missjonijiet diplomatiċi u konsulari ta' l-Istati Membri.

Hawnhekk jista' jkun hemm xi ħadd li jgħid li jekk l-Istati Membri jkollhom il-missjonijiet diplomatiċi u konsulari tagħhom, l-Unjoni Ewropea ma tkunx Stat Federali.

Dan ma jfissirx hekk, imma l-Unjoni Ewropea tħalli lill-Istati Membri li jżommu l-missjonijiet diplomatiċi u konsulari tagħhom għaliex l-ewwel nett dawn għandhom esperjenza twila ta' diplomazija u kuntatti li jintużaw minnhom biex imexxu u jħarsu l-interessi ta' l-Unjoni Ewropea.

Fl-istess waqt, hija tiffranka kemm jista' jkun l-ispejjeż biex iżżomm dawn il-missjonijiet diplomatiċi u konsulari tagħha żgħar kemm jista' jkun għaliex tinqeda bil-missjonijiet ta' l-Istati Membri.

Barra minn hekk, l-informazzjoni li normalment kull missjoni diplomatika tiġbor ikunu disponibbli għall-Unjoni Ewropea mingħajr ma hija tkun ħarġet ċenteżmu wieħed.

Qegħdin taraw kemm il-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea jilħqilhom u kemm jippruvaw jolqtu aktar min għasfur wieħed b'ġebla waħda?

## KAPITOLU VIII

## IMPLIMENTAZZJONI TAL-KLAWŻOLA TA' SOLIDARJETÀ

## ARTIKOLU III-329

**1. Jekk Stat Membru jkun vittma ta' attakk terroristiku jew ta' diżastru naturali jew li jkun kaġunat mill-bniedem, l-Istati Membri l-oħra għandhom jgħinuh fuq talba ta' l-awtoritajiet politiċi tiegħu. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jikkordinaw bejniethom fil-Kunsill.**

### Attakki Terroristiċi u Għinuna

L-ewwel kummenti tagħna fuq dan l-Artiklu huma li aħna ħallejna r-ras ta' l-Artikolu fejn hemm il-kelma "**Klawżola**" kif miktuba mit-tradutturi, għaliex din hija miktuba ħażina u trid tiġi miktuba kif hija miktuba fis-subartiklu 2, jiġifieri "**klawsola**" jew "**klawsula**".

Dan għamilnih apposta għaliex dan l-iżball magħmul mit-tradutturi li tħallsu eluf ta' liri mit-taxxi tagħna ma jinsabx biss f'din il-parti, imma matul il-Kostituzzjoni kollha, bħal ma jinsabu żbalji oħra bħal ma huma approċċ, rettikolat, u skoss kliem li ma jeżistix fl-ilsien Malti, imma jeżisti kliem ieħor li joqgħod tajjeb meta' naqilbu mill-ilsien Ingliż għal dak Malti.

Ma ngħidux li anki aħna ma neħdux żbalji, imma żbalji ta' tipa mod u żbalji kif hemm fil-Kostituzzjoni huma ereżija.

Madankollu, li rridu niġbdu l-attenzjoni huwa dwar kif l-Istati Membri kollha huma marbuta li jgħinu Stat Membru li jisfa' taħt attakk terroristiku. Tgħinu b'liema mod?

Li tibgħat għajnuna lin-nies ċivili mod, imma mkien ma jingħad li din l-għajnuna għandha tkun biss ċivili, u għaldaqstant l-obbligazzjoni hija wkoll li tgħinu b'mod militari.

Dan ifisser li kull Stat Membru jkun qiegħed jindaħal militarment, kemm jekk jibgħat is-suldati tiegħu kif ukoll jekk ikun qiegħed joħroġ sehemhu mill-ispejjeż meħtieġa għall-operazzjonijiet militari.

Hawnhekk ukoll ma jingħadx jekk l-attakk terroristiku jkunx bħala riżultat ta' ndħil ta' dak l-Istat Membru fl-affarijiet interni ta' pajjiż ieħor, jew sempliċiment jiġi attakkat, imma normalment isofri attakk terroristiku min jindaħal fl-affarijiet interni ta' pajjiżi oħra.

Hawnhekk nistgħu nieħdu l-eżempju ta' Spanja, il-Polonja, l-Ingliterra, u Stati Membri oħra li ħadu sehem fil-gwerra illegali fuq l-Iraq u bagħtu t-truppi tagħhom biex bl-iskuża li qegħdin iżommu l-paċi, l-Istati Uniti u dawk il-pajjiżi Ewropej li għandhom interess, ikomplu bl-okkupazzjoni illegali tagħhom fl-Iraq.

L-okkupazzjoni ta' l-Iraq hija illegali bħal ma kienet illegali l-gwerra li għamlu kontrih kif ingħad anki mis-segretarju tal-Ġnus Magħquda, għaliex jekk kienet gwerra illegali anki l-okkupazzjoni hija wkoll illegali.

Kif jiġi jippretendi mbagħad, xi Stat Membru li jkun ħa sehem fi gwerra illegali u f'okkupazzjoni illegali, li jitlob l-għajnuna ta' Stati Membri oħra jekk huwa jiġi attakkat minn dawk li qegħdin jissejħu terroristi.

Anki hawnhekk irridu noqgħodu attenti, għaliex waqt li qabel min kien ikun qiegħed jiġġieled biex jieħu l-**Indipendenza** u l-**Ħelsien** minn taħt ħakma barranija kienu jissejjħu patrijotti u ġellieda għall-ħelsien, issa konvenjentament kulħadd qiegħed jissejjaħ terrorist.

Infakkrukom kemm l-Ingliterra u l-Istati Uniti ta' l-Amerika, u mhux qegħdin ngħidu li għamlu ħażin, kienu jibgħatu nies bil-moħbi u kemm kienu jgħinu dik li kienet tissejjah resistenza, jiġifieri n-nies, li kienu qegħdin jiġġieldu biex pajjiżhom jeħles minn taħt il-ħakma Nazista u l-Gvernijiet u mexxejja pupi mġebbda bl-ispaga poġġuti fil-ħakma min-Nazisti fl-aħħar gwerra bħal ma kien **QUISLING** fin-Norveġja.

Anki llum nistgħu ngħidu li għandna gvernijiet pupi f'idejn l-Unjoni Ewropea li joqgħodu għal kull ma tgħidilhom minkejja li dak li jkunu ordnati jagħmlu jkun ta' ħsara għall-popli tagħhom.

Dak iż-żmien il-ġellieda tar-reżistenza kienu jsejħulhom patrijotti għaliex kienu qegħdin jiġġieldu lin-Nazisti Ġermaniżi, imma llum dawk li qegħdin jiġġieldu biex jeħilsu lill-Iraq minn taħt il-ħakma illegali ta' l-Amerikani u sħabhom u l-Gvern poġġut fil-ħakma minnhom qegħdin jissejħu terroristi.

Tinsewx li l-pajjiżi li għamlu din il-gwerra illegali u qegħdin jokkupaw l-Iraq illegalment bl-iskuża tal-paċi qegħdin jibgħatu l-bastimenti tal-gwerra tagħhom biex is-suldati u l-baħrin tagħhom jużaw il-portijiet tagħna bħala latrina bħal meta konna għadna kolonja.

Aħna ma niskantawx b'dan, għaliex waqt li qabel konna kolonja ta' l-Ingliżi b'ċerti gvernijiet pulċinelli tagħhom, anki llum erġajna ninsabu kolonja, din id-darba ta' l-Unjoni Ewropea bil-ħakma illegali tagħha fuq Malta u b'**ĠUDIET** u **QUISLINGS** li lesti jilgħaqu u jagħmlu dak kollu li jordna l-barrani.

Madankollu, aħsbu x'jista' jiġri u kif Malta u Għawdex jispiċċaw li lanqas ħadd ma jkun jista' jibqa' fuqhom bil-kontaminazzjoni nukleari, min jibqa' ħaj, jekk Alla ħares qatt isir attakk terroristiku fuq dawn il-bastimenti tal-gwerra bħala tpattija waqt li dawn ikunu fil-portijiet tagħna fejn aktarx ikollhom anki armi nukleari fuqhom.

L-unika triq biex neħilsu minn dan is-saram, il-madmad u l-jasar kolonjali kollu huwa li nfittxu nitilqu mill-ħakma illegali ta' Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea l-lejla qabel għada kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu, kif ukoll neħilsu mill-qaddejja tagħhom hawn Malta.

**<u>Deċiżjoni mill-Kunsill u Effetti</u>**

**2. L-arranġamenti għall-implimentazzjoni mill-Unjoni tal-klawsola tas-solidarjeta' prevista fl-Artikolu I-43 għandha tiġi definita b'deċiżjoni Ewropea adottata mill-Kunsill li jaġixxi fuq proposta konġunta tal-Kummissjoni u tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni. Il-Kunsill għandu jaġixxi skond l-Artikolu III-300(1) fejn din id-deċiżjoni jkollha implikazzjonijiet ta' difiża. Il-Parlament Ewropew għandu jiġi nfurmat.**

**Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu III-344, il-Kunsill għandu jiġi assistit mill-Kumitat tal-Politika u tas-Sigurta' bl-appoġġ ta' l-istrutturi żviluppati fil-kuntest tal-politika ta' sigurta' u ta' difiża komuni, u mill-Kumitat previst fl-Artikolu III-261; iż-żewġ kumitati għandhom, jekk meħtieġ, jissottomettu opinjonijiet konġunti.**

Biex niftakru, l-Artikolu I-43 kien dwar li jekk xi Stat Membru jsofri xi attakk terroristiku jew diżastru naturali jew artifiċjali u jitlob l-għajnuna, l-Istati Membri l-oħra huma obbligati li jgħinuh.

Dwar Artikolu III-300(1), dan rajnih aktar qabel, u nfakkru li jekk Stat Membru jastjeni mill-vot jista' jagħmel dikjarazzjoni formali u ma jkunx obbligat li japplika d-deċiżjoni Ewropea, għalkemm għandna riservi kbar dwar dan.

Madankollu, huwa xorta waħda jrid jaċċetta li d-deċiżjoni torbot lill-Unjoni Ewropea u ma jista' jagħmel xejn li b'xi mod ifixkel xi azzjoni ta' l-Unjoni li tkun imsejsa fuq dik id-deċiżjoni.

Aħna nistaqsu. X'jiġri jekk ikun hemm deċiżjoni Ewropea li Malta ma taqbilx magħha, u biex nieħdu eżempju jkun deċiż li l-azzjoni tkun li għandhom isiru attakki fuq xi pajjiż li jingħad li t-terroristi jkunu ingħataw kenn fih, imma l-Unjoni Ewropea tkun tinħtieġ li jintuża t-territorju tagħna biex tkun tista' ssir l-azzjoni deċiża?

Tinsewx li għalkemm aħna ma nkunux marbuta bid-deċiżjoni li għandhom isiru l-attakki, l-ebda Stat Membru għalkemm ikun astjena ma jista' b'xi mod ifixkel xi azzjoni li tkun qiegħda tieħu l-Unjoni Ewropea.

Bi tħaris ta' l-astensjoni tagħha Malta ma tkunx qiegħda tibgħat is-suldati tagħha biex jattakkaw lil dak il-pajjiż, imma effettivament tkun qiegħda tieħu sehem fl-azzjoni billi tkun qiegħda tħalli t-territorju Malti jintuża għal dik l-azzjoni.

Eżempji għandna kemm tridu ta' kif anki waqt il-gwerra ta' l-Afganistan u l-gwerra illegali u l-okkupazzjoni illegali ta l-Iraq bastimenti tal-gwerra ta' l-**Istati Uniti ta' l-Amerika**, tan-**NATO** u ta' Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea li ħadu sehem fil-gwerra u fl-okkupazzjoni illegali kienu fil-portijiet tagħna.

Tinsewx li jekk tgħaddi l-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, il-Kostituzzjoni tagħna ma tkunx tiswa ħaqq il-karta li hija miktuba fuqha, għaliex tkun tgħodd il-Kostituzzjoni u kull liġi ordinarja oħra ta' l-Unjoni Ewropea u mhux il-Kostituzzjoni ta' Malta.

Innutaw ukoll kif skond it-tieni paragrafu, kollox sejjer ikun f'idejn il-Kummissjoni u l-Ministru ta' l-Unjoni għall-Affarijiet Barranin li jibgħatu proposta lill-Kunsill tal-Ministri li mbagħad jieħu deċiżjoni Ewropea dwar kif għandha ssir fil-prattika l-klawsola ta' solidarjeta'

Imma l-aktar ħaġa li rridu ninnutaw hija li l-Parlament Ewropew, jew aħjar il-Parlament ta' l-Unjoni Ewropea sempliċiment jiġi biss infurmat, u mkien ma jingħad li għandu jiġi konsultat dwar dak li jkun qiegħed isir jew ikun hemm il-ħsieb li jsir.

Il-Parlament Ewropew li b'xi mod jew ieħor huwa l-unika istituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea li tajjeb jew ħażin il-membri tagħha huma mtella bil-vot taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri huwa njorat fil-maġġoranza tad-deċiżjonijiet li jittieħdu fl-Unjoni Ewropea u sempliċiment jiġi nfurmat b'dak li jkun sar.

Il-konklużjoni hija waħda. Jekk huwa njorat il-Parlament Ewropew ta' l-Unjoni Ewropea stess, kemm aktar jiġu njorati l-Parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri fid-deċiżjonijiet meħuda mill-Unjoni Ewropea?

**<u>It-Theddid Kontra l-Unjoni</u>**

**3. Il-Kunsill Ewropew għandu jivvaluta regolarment it-theddid kontra l-Unjoni sabiex hi u l-Istati Membri tagħha jkunu jistgħu jieħdu azzjoni effettiva.**

Jekk l-Unjoni Ewropea ma tindaħalx u m'għandhiex il-ħsieb li tindaħal fl-affarijiet interni ta' ħaddieħor jew tagħmel affarijiet li jkunu ta' ħsara għal-pajjiżi oħra m'għandhiex għalfejn tinkwieta li tiġi mhedda, mhux hekk?

Il-fatt li l-Unjoni Ewropea tibża u tħoss li hemm min irid jattakkaha bilfors li tagħmel affarijiet jew bi ħsieba tagħmel affarijiet li jkunu ta' ħsara għal ħaddieħor. Xejn anqas u xejn aktar.

Il-fatt li l-Unjoni Ewropea ssemmi theddid kontriha jfisser li hija qiegħda tibża li l-indħil tagħha fl-affarijiet interni ta' pajjiżi oħra jista' jew sejjer iwqassal biex siiru attakki kontriha.

U jekk isiru attakki kontriha ma jfissirx li jkunu kontra l-Istati Membri tagħha, inklużi aħna stess li qed niddaħħlu f'dawn l-affarijiet u għal dan il-periklu bħal Pilatu fil-kredu mill-mexxejja federalisti tagħha u mill-**ĠUDIET** u **QUISLINGS** Maltin li daħħluna f'dan il-madmad kolonjali u dan is-saram kollu?

Huwa ċar daqs il-kristall li jekk irridu neħilsu minn dan il-periklu, il-madmad u jasar kolonjali rridu nfittxu nitilqu mill-Unjoni Ewropea l-lejla qabel għada kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu.

## TITOLU VI
## IL-FUNZJONAMENT TA' L-UNJONI

## KAPITOLU I
## DISPOSIZZJONIJIET ISTITUZZJONALI

## SEZZJONI 1
## L-ISTITUZZJONIJIET

### Subsezzjoni 1
### Il-Parlament Ewropew

### ARTIKOLU III-330

**1. Liġi jew liġi kwadru Ewropea tal-Kunsill għandha tistabbilixxi l-miżuri neċessarji għall-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali skond proċedura uniformi fl-Istati Membri kollha jew skond il-prinċipji komuni għall-Istati Membri kollha.**

**Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu fuq inizjattiva mill-Parlament Ewropew u wara li jikseb l-approvazzjoni tiegħu, li għandu jaġixxi b'maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu. Din il-liġi jew liġi kwadru għandha tidħol fis-seħħ wara li tkun ġiet approvata mill-Istati Membri skond il-ħtiġiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom.**

**2. Liġi Ewropea tal-Parlament Ewropew, għandha tistabbilixxi r-regolamenti u l-kondizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-kompiti tal-Membri tiegħu. Il-Parlament Ewropew għandu jaġixxi fuq l-inizjattiva proprja wara li jfittex opinjoni mill-Kummissjoni u wara l-approvazzjoni mill-Kunsill. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu fuq ir-regoli jew il-kondizzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mat-tassazzjoni tal-membri jew tal-Membri preċedenti.**

**<u>Liġi għall-Elezzjoni tal-Parlament Ewropew</u>**

Fi kliem ieħor, issir liġi Ewropea dwar kif għandhom jinħatru l-membri tal-Parlament Ewropew u kif iwettqu d-dmirijiet tagħhom. Dan irid isir mill-Kunsill tal-Ministri fuq talba tal-Parlament Ewropew li jiddeċidi b'maġġoranza.

Madankollu, innutaw li l-Parlament ma jistax jaqbad u jitlob lill-Kunsill jagħmel din il-liġi, imma wara li jkun fittex l-opinjoni tal-Kummissjoni u bl-aprovazzjoni tal-Kunsill tal-Ministri.

Jista' jkun hawn min għadu jaħseb li l-Parlament Ewropew huwa xi istituzzjoni bħal ma jinsabu fil-maġġoranza tal-pajjiżi meta biex jagħmel xi ħaġa dwaru stess ikollu bilfors jitlob l-opinjoni ta' istituzzjonijiet oħra ta' l-Unjoni Ewropea? Daqshekk jikkmanda l-Parlament Ewropew.

Innutaw ukoll kif "**Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu fuq ir-regoli jew il-kondizzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mat-tassazzjoni tal-membri jew tal-Membri preċedenti."**

Fi kliem ieħor, it-taxxi li jħallsu l-membri parlamentari Ewropej ma jiddeċiduhomx l-Istati Membri li minnhom ikunu ġejjin, imma jiddeċidihom il-Kunsill.

Tajjeb li niġbdu l-attenzjoni tagħkom li bil-Malti ma ngħidux fuq l-inizjattiva "**proprja**", imma fuq l-inizjattiva "**tiegħu stess**".

## ARTIKOLU III-331

**Il-liġi Ewropea għandha tistabbilixxi r-regolamenti dwar il-partiti politiċi fuq livell Ewropew previsti fl-Artikolu I-46(4) u b'mod partikolari regoli li jirrigwardaw il-fondi ghalihom.**

### <u>Liġi Ewropea Tirregola l-Partiti Politiċi</u>

Il-kummenti tagħna huma li issa l-Unjoni Ewropea trid tikkontrolla anki l-partiti politiċi fuq livell Ewropew, ħalli b'mod jew ieħor tikkontrollahom billi forsi tixtrihom biex tonqos il-kritika li ssir il-ħin kollu kontra l-Unjoni Ewropea. Ma tantx tista' toqgħod tikkritika lil min ikun qiegħed isostnik, mhux hekk?

Tgħid għad naraw anki hawn Malta l-partiti politiċi ma jikkritikawx u jsiru fidili lejn l-Unjoni Ewrope u l-istituzzjonijiet oħra tagħha, jilgħaquhom u jiddefenduhom għaliex ikun hemm min qiegħed jagħlifhom jew jheddidhom u forsi anki jaqblu ma dawn il-ħniżrijiet li jinsabu f'din il-Kostituzzjoni?

Hawnhekk tajjeb li nfakkrukom dak li kien sar fl-Awstrija, fejn għaliex il-poplu, taqbel u ma taqbilx, kien tella partit li l-Unjoni Ewropea ma qablitx miegħu, ordnat bojkott kontra l-Awstrija.

Imbagħad kienu jgħidu għall-Unjoni Sovjetika li kienet Stat totalitarju! Mela l-Unjoni Ewropea x'inhi?

L-Unjoni Ewropea hija agħar milli kienet l-Unjoni Sovjetika għaliex hija dittatorjat ta' Stat Federali mmexxi mill-magħżulin minn gewwa Brussell min-nies li m'humiex imtella miċ-ċittadini ta' l-Istati Membri li jkollhom joqgħodu għad-deċiżjonijiet tagħhom.

Qegħdin taraw kif anki fuq kif partit politiku għandu jitwaqqaaf u jimxi u dwar il-fondi tagħhom trid tindaħal l-Unjoni Ewropea?

X'jiġri jekk ikun hemm partit politiku li tassew ikollu għal qalbu l-interessi ta' Malta u jiddikjara li malli jkun fil-Gvern jiddikjara l-**Indipendenza, l-Ħelsien u s-Sovranita'** ta' Malta minn taħt il-ħakma kolonjali ta' l-Unjoni Ewropea?

Irridu li nibqgħu taħt indħil bħal dan mill-barrani dittatur kolonjali ta' l-Unjoni Ewropea li jista' jordna li partit politiku Malti bħal dan ma jkunx jista' jsir jew għandu jżarma anki jekk il-poplu Malti jkun iridu?

Qumu fuq tagħkom ħalli nerġgħu nieħdu lura l-**Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita'** tagħna minn taħt il-ħakkiem arroganti illegali, barrani, kolonjali,

imperjalista u dittatur ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea kif hgħandna kull jedd u setgħa li nagħmlu.

## ARTIKOLU III-332

**Il-Parlament Ewropew jista' b'maġġoranza tal-Membri komponenti tiegħu, jitlob lill-Kummissjoni tissottometti kull proposta xierqa dwar materji fejn hu jikkunsidra li hu meħtieġ att ta' l-Unjoni sabiex il-Kostituzzjoni tkun implimentata. Jekk il-Kummissjoni ma tissottomettix proposta, għandha tinforma lill-Parlament Ewropew bir-raġunijiet.**

**<u>Il-Parlament Jittallab lill-Kummissjoni</u>**

Anki dan l-Artikolu jkompli juri n-nuqqas ta' setgħa tal-Parlament Ewropew, fejn ikollu jitlob lill-Kummissjoni dwar xi ħaġa li l-membri parlamentari li tajjeb jew ħażin huma mtella miċ-ċittadini ta' l-Istati Membri jkunu jqisu li hija mportanti li jsir att ta' l-Unjoni għaliha, u minkejja dan, il-Kummissjoni xorta waħda tista' ma taqbilx għalkemm trid tagħti r-raġuni.

Att ta' l-Unjoni jfisser li ssir liġi, regolament jew att ieħor li jorbot, li normalment fl-Istati Membri u f'kull Stat jew pajjiż ieħor **Indipendenti, Ħieles u Sovran** ikun il-Parlament li jagħmilhom.

Imma l-Parlament Ewropew ikollu joqgħod jittallab u jistenna lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta.

## ARTIKOLU III-333

**Fil-kompiti tiegħu, il-Parlament Ewropew jista' fuq talba ta' kwart tal-Membri komponenti tiegħu, jistabbilixxi kumitat temporanju ta' inkjesta sabiex jinvestiga, mingħajr preġudizzju għall-poteri konferiti mill-Kostituzzjoni lil istituzzjonijiet jew korpi oħrajn, kontravenzjonijiet allegati jew amministrazzjoni ħażina fl-implimentazzjoni tad-dritt ta' l-Unjoni, ħlief meta l-fatti allegati jkunu qed jiġu eżaminati quddiem qorti u sakemm l-każ ikun għadu suġġett għall proċedimenti legali.**

**Il-kumitat temporanju ta' inkjesta għandu jispiċċa mas-sottomissjoni tar-rapport tiegħu.**

**Liġi Ewropea tal-Parlament Ewropew għandha tistabbilixxi d-disposizzjonijiet dettaljati li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt ta' inkjesta. Il-Parlament Ewropew għandu jaġixxi fuq l-inizjattiva tiegħu stess wara li jiskeb l-approvazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni.**

**<u>Kumitat Investigattiv</u>**

L-ewwel ma rridu niġbdu l-attenzjoni huwa li fl-aħħar ta' l-ewwel paragrafu hemm miktub "**l-każ**", imma suppost li t-tradutturi kienu jafu li hawnhekk għandha tinkiteb

“**il-każ**”. Bħal ma ngħidu “**mogħtija**” u mhux “**konferiti**”. Żbalji bħal dawn hemm ħafna.

Malli taqbad taqra dan l-Artikolu tibda taħseb li l-Parlament qiegħed jingħata xi setgħa biex jaqbad u jagħmel l-investigazzjonijiet jekk ikun hemm allegazzjonijiet ta’ amministrazzjoni ħażina. Imma meta tkompli taqra malajr tbiddel il-ħsieb.

L-ewwel nett trid issir liġi Ewropea li jkollha d-dettalji kollha dwar kif dan il-jedd jista’ jiġi eżerċitat mill-Parlament Ewropew.

It-tieni, qabel jagħmel xi ħaġa, il-Parlament Ewropew irid jikseb il-kunsens tal-Kunsill tal-Ministri u tal-Kummissjoni.

Il-kwistjoni tqum jekk l-allegazzjonijiet ikunu kontra l-Kummissjoni jew kontra l-Kunsill tal-Ministri li mingħandhom il-Parlament ikun irid jikseb il-kunsens biex jinvestigahom.

Dan iwassal għal żewġ kunsiderazzjonijiet.

Waħda hija li jekk ikun hemm allegazzjonijiet li saret amministrazzjoni ħażina mill-Kummissjoni jew il-Kunsill tal-Minstri u huma ma jagħtux il-kunsens tagħhom juru li jkunu għamlu xi ħaġa u jkunu jridu jaħbuha.

Min-naħa l-oħra jridu joqgħodu attenti għaliex jista’ jkun hemm riperkussjonijiet kif kien hemm fil-Kummissjoni li kellha tirriżenja jekk mozzjoni ta’ ċensura tgħaddi mill-Parlament Ewropew kif jingħad f’Artikolu ieħor aktar ‘il quddiem.

Madankollu, xorta waħda jista’ jkun hemm żmien sakemm tittieħed id-deċiżjoni biex jippruvaw jaħbu l-affarijiet u jeqirdu l-provi biex jekk jista’ jkun ma jinkixifx kollox.

Kieku tassew iridu jagħmlu kollox kif suppost ma kellux ikun hemm ħtieġa li jintalab il-permess tal-Kummissjoni u tal-Kunsill.

Dwar dan il-provvediment, aħna nistaqsu. Tistgħu timmaġinaw x’jiġri kieku l-pulizija biex tkun tista’ tinvestiga lil xi ħadd li jkun hemm suspett fuqu li wettaq xi serqa jew xi delitt ikollha tmur għandu u tistaqsih jekk jagħtihiex permess biex tinvestigah?

Dak li jingħad f’dan l-Artikolu għalkemm hemm dawk id-difetti kbar li semmejna, jista’ jingħad li huwa wieħed mill-ftit każi li tgħoddhom fuq id waħda fejn il-Parlament Ewropew jista’ juri xi saħħa fid-deċiżjonijiet tiegħu.

## ARTIKOLU III-334

**Skond l-Artikolu I-10(2)(d), kull ċittadin ta’ l-Unjoni, u kull persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi jew li jkollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fi Stat Membru, għandha d-dritt li tindirizza, individwalment jew f’assoċjazzjoni ma’ persuni oħra, petizzjoni lill-Parlament Ewropew dwar materja li taqa’ fl-oqsma ta’ attivita’ ta’ l-Unjoni u li tolqot lilu jew lilha direttament.**

**Petizzjoni**

Dan l-Artikolu qiegħed jagħti jedd lil kull persuna li toqgħod f'xi Stat Membru biex tibgħat petizzjoni, jiġifieri talba, lill-Parlament Ewropew għar-raġuni li tingħad, imma tinsewx li diġa' rajna kemm għandu saħħa l-Parlament Ewropew.

Barra minn hekk, irid ikun hemm interess dirett biex dik il-persuna tkun tista' tagħmel dan.

Biex nieħdu eżempju, jekk l-Unjoni Ewropea tagħmel regolament li biex il-piloti ta' l-ajruplani jkunu jistgħu jtiru jridu jagħmlu eżami kull xahar, huma l-piloti biss li jistgħu jagħmlu petizzjoni għaliex huma jkunu jinsabu milquta direttament minn dak ir-regolament.

Dwar dawn l-affarijiet kien hemm anki kawżi fil-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea.

**ARTIKOLU III-335**

**1. Il-Parlament Ewropew għandu jeleġġi Ombudsman Ewropew. Skond l-Artikoli I-10(2)(d) u I-49, hu għandu s-setgħa jirċievi ilmenti minn kull ċittadin ta' l-Unjoni jew kull persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi jew li jkollha l-uffiċju reġistrat tagħha fi Stat Membru dwar każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet, il-korpi jew l-aġenziji ta' l-Unjoni, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea fl-ezerċizzju tar-rwol ġudizzjarju tagħha. Skond il-kompiti tiegħu, l-Ombudsman, jew fuq l-inizjattiva tiegħu stess jew fuq bażi ta' ilmenti sottomessi lilu direttament jew permezz ta' Membru tal-Parlament Ewropew, jipproċedi bl-inkjesti li dwarhom isib bażi, ħlief meta l-fatti allegati huma jew kienu s-suġġett ta' proċedimenti legali.**

**Meta l-Ombudsman jistabbilixxi każ ta' amministrazzjoni ħażina, għandu jirreferi l-kwistjoni lill-istituzzjoni, lill-korp jew lill-aġenzija konċernati, li għandhom perijodu ta' tliet xhur biex fih jinfurmawh bl-opinjonijiet tagħhom. L-Ombudsman Ewropew għandu mbagħad jgħaddi rapport lill-Parlament Ewropew u lill-istituzzjoni, lill-korp jew lill-aġenzija konċernati. Il-persuna li tippreżenta l-ilment għandha tiġi informata bir-riżultat ta' dawn l-inkjesti.**

**L-Ombudsman għandu jissottometti rapport annwali lill-Parlament Ewropew dwar ir-riżultat ta' l-inkjesti tiegħu.**

**2. L-Ombudsman għandu jinħatar wara kull elezzjoni tal-Parlament Ewropew għat-tul tal-mandat tiegħu. L-Ombudsman għandu jkun eleġibbli għall-ħatra mill-ġdid.**

**L-Ombudsman jista' jitkeċċa mill-Qorti tal-Ġustizzja fuq talba tal-Parlament Ewropew jekk ma jibqax jissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-qadi tad-dmirijietu jew jekk ikun ħati ta' miskondotta serja.**

**3. L-Ombudsman għandu jkun kompletament indipendenti fil-qadi ta' dmirijietu. Fil-qadi ta' dawk id-dmirijiet la għandu jfittex u lanqas jieħu**

**struzzjonijiet minn kwalunkwe istituzzjoni, korp jew aġenzija. L-Ombudsman ma jistax, tul il-mandat tiegħu, jinvolvi ruħu f'xi xogħol ieħor, kemm jekk bi qligħ u kemm jekk le.**

**4. Liġi Ewropea tal-Parlament Ewropew għandha tistabbilixxi r-regolamenti u l-kondizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-qadi tad-dmirijiet ta' l-Ombudsman. Il-Parlament Ewropew għandu jaġixxi fuq l-inizjattiva tiegħu stess wara li jfittex opinjoni mill-Kummissjoni u bl-approvazzjoni tal-Kunsill.**

**Ombudsman ta' l-Unjoni Ewropea**

Artikolu dwar it-twaqqif ta' l-Ombudsman, kif jinħatar, id-dmirijiet tiegħu u kif jaqdihom, u kif jista' jitneħħa, kif ukoll min jista' jibgħatlu lmenti. Niġbdu l-attenzjoni tagħkom li bil-Malti ma ngħidux "**miskondotta**", imma "**mġiba ħażina**", kif ngħidu wkoll "**jaħtar**" u mhux "**jeleġġi**".

Innutaw kif minkejja li qiegħed jingħad li l-liġi Ewropea dwar ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali ta' l-Ombudsman issir mill-Parlament Ewropew, dan irid jitlob l-opinjoni tal-Kummissjoni u l-qbil jew kunsens tal-Kunsill tal-Ministri. Daqshekk għandu saħħa l-Parlament Ewropew u l-membri parlamentari Ewropej.

## ARTIKOLU III-336

**Il-Parlament Ewropew għandu sessjoni annwali. Għandu jiltaqa' mingħajr ma jeħtieġ li jiġi msejjah, nhar ta' Tlieta fit-tieni ġimgħa tax-xahar ta' Marzu.**

**Il-Parlament Ewropew jista' jiltaqa' f'sessjoni parzjali straordinarja fuq talba ta' maġġoranza tal-Membri komponenti tiegħu jew fuq it-talba tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni.**

**Il-Parlament Suġġett għall-Kunsill u l-Kummissjoni**

Innutaw li barra minn fuq talba ta' maġġoranza tal-membri tiegħu, il-Parlament jista' jintalab jiltaqa' u jrid jiltaqa' f'sessjoni parzjali straordinarja jekk ikun hemm talba mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni.

Hawn xi parlament fid-dinja li jiltaqa fuq talba ta' xi istituzzjoni oħra ħlief fuq talba tal-membri tiegħu stess f'sitwazzjonijiet serji ħafna?

## ARTIKOLU III-337

**1. Il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill għandhom jinstemgħu mill-Parlament Ewropew skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Ewropew u f'dawk tal-Kunsill.**

**2. Il-Kummissjoni tista' tattendi għal-laqgħat kollha tal-Parlament Ewropew, u għandha tinstema' fuq talba tagħha. Għandha twieġeb oralment jew bil-miktub għall-mistoqsijiet li jagħmlulha l-Parlament Ewropew jew il-Membri tiegħu.**

**3. Il-Parlament Ewropew għandu jiddiskuti f'sessjoni miftuħa ir-rapport annwali Ġenerali sottomess lilu mill-Kummissjoni.**

**Il-Parlament Sottomess**

Hawn xi parlament fid-dinja li jkun hemm xi istituzzjoni oħra ta' xi Stat li m'hijiex parti mill-Parlament li tingħata l-jedd u s-setgħa li mhux biss għandha l-jedd li tattendi l-laqgħat tal-parlament, imma saħansitra tingħata l-jedd u s-setgħa li tinstema' jekk hija titlob u l-Parlament huwa marbut li jismagħha?

Dan jgħodd ukoll għall-istituzzjonijiet l-oħra. Mhux biss, imma nnutaw ukoll li l-kundizzjonijiet biex il-Kunsill u l-Kunsill Ewropew jinstemgħu m'humiex skond ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, imma skond ir-Regoli ta' Proċedura tagħhom.

Daqshekk huwa stmat il-Parlament Ewropew li għall-inqas il-membri tiegħu huma mtella miċ-ċittadini ta' l-Istati Membri mill-istituzzjonijiet l-oħra ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea li huma mposti, u daqshekk sejrin jingħataw jeddijiet u setgħat l-istituzzjonijiet l-oħra jekk tgħaddi din il-Kostituzzjoni.

Hawn xi Parlament fid-dinja ta' **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** li jaċċetta kundizzjonijiet bħal dawn?

## ARTIKOLU III-338

**Ħlief kif provdut xort'oħra fil-Kostituzzjoni, il-Parlament Ewropew għandu jagixxi b'maġġoranza tal-voti espressi. Ir-Regoli ta' Proċedura tiegħu għandhom jiddeterminaw il-*quorum*.**

**Il-Parlament b'Maġġoranza**

Fi kliem ieħor, darba li jkun hemm quorum, il-Parlament mhux biss jiltaqa', imma jitqies li jista' jaġixxi, innutaw tajjeb, b'maġġoranza tal-voti espressi, jiġifieri ta' dawk li jivvutaw.

Dan ifisser li anki jekk ikun hemm biss quorum u lanqas ma jivvutaw il-membri parlamentari kollha, xorta waħda l-Parlament ikun jista' jimxi u jadotta dak li jkollu quddiemu.

## ARTIKOLU III-339

**Il-Parlament Ewropew għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu b'maġġoranza tal-Membri komponenti tiegħu.**

**Il-proċeduri tal-Parlament Ewropew għandhom jiġu ppubblikati bil-mod kif stabbilit fil-Kostituzzjoni u fir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament.**

## Artikolu ta' Proċedura

Dan huwa sempliċiment Artikolu dwar kif jaħdem il-Parlament ta' l-Unjoni Ewropea u m'hemmx għalfejn noqgħodu nikkummentaw fuqu.

### ARTIKOLU III-340

**Jekk mozzjoni ta' ċensura fuq l-attivitajiet tal-Kummissjoni titressaq quddiemu, il-Parlament Ewropew m'għandux jivvota fuqha sa mill-inqas tlett ijiem wara li l-mozzjoni tkun tressqet, u għandu jagħmel hekk b'vot miftuħ biss.**

## Mozzjoni ta' Ċensura

Wieħed jista' jgħid li l-vot miftuħ, jiġifieri mhux sigriet, hija proċedura li normalment issir fil-Parlamenti tal-pajjiżi kollha. Madankollu, fejn tidħol l-Unjoni Ewropea wieħed tibda togħkru għajnu.

Għalfejn għandhom jitħallew tliet ijiem qabel il-vot?

Tgħid sabiex jilħqu jsiru l-kuntatti meħtieġa biex jippruvaw idawwru l-vot?

Għalfejn b'vot miftuħ biss?

Tgħid biex ikunu jafu min ivvota favur il-mozzjoni ta' ċensura u b'hekk tkun tista' ssir pressjoni jew theddid?

Tgħid biex ikunu jafu jekk dawk li jkunu b'xi mod wegħduhom li sejrin jivvutaw kontra l-mozzjoni jkunu ċerti li vvutaw kontriha?

## Riżenja tal-Kummissjoni

**Jekk il-mozzjoni ta' ċensura tiġi adottata b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti espressi, li jirrappreżentaw maġġoranza tal-membri komponenti tal-Parlament Ewropew, il-membri tal-Kummissjoni għandhom jirriżenjaw kollettivament mill-kariga taghhom u l-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni għandu jirreżenja mid-dmirijiet li jaqdi fil-Kummissjoni. Huma għandhom jibqgħu fil-kariga u jkomplu jwettqu x-xogħol kurrenti tagħhom sakemm jiġu sostitwiti skond l-Artikoli I-26 u I-27. F'dan il-każ, il-mandat tal-membri tal-Kummissjoni maħtura biex jissostitwuhom għandu jiskadi fid-data li kellu jiskadi il-mandat tal-membri tal-Kummissjoni li kienu obbligati jirriżenjaw kollettivament.**

Għalfejn il-mozzjoni trid tgħaddi b'maġġoranza ta' żewġ terzi biex il-kummissarji jirriżenjaw kollha flimkien u mhux b'maġġoranza sempliċi bħal f'affarijiet oħra?

Mela jekk tgħaddi b'maġġoranza sempliċi mhux xorta waħda l-Kummissjoni tkun ġiet sfiduċjata u jkun hemm fuqhiex jispiċċaw u jirriżenjaw?

Kif ikollhom il-wiċċ li jibqgħu mkaħħlin mas-siġġu tal-poter jekk ikunu ġew sfiduċjati?

**Subsezzjoni 2**
**Il-Kunsill Ewropew**

**ARTIKOLU III-341**

**1. Meta jittieħed vot, kwalunkwe membru tal-Kunsill Ewropew jista' wkoll jaġixxi għan-nom ta' mhux iktar minn membru wieħed ieħor.**

**Astensjonijiet minn membri preżenti in persona jew rappreżentati m'għandhomx izommu l-adozzjoni mill-Kunsill Ewropew ta' atti li jeħtieġu l-unanimita'.**

**2. Il-President tal-Parlament Ewropew jista' jiġi mistieden biex jinstema' mill-Kunsill Ewropew.**

**3. Il-Kunsill Ewropew għandu jaġixxi b'maġġoranza sempliċi għal kwistjonijiet proċedurali u għall-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu.**

**4. Il-Kunsill Ewropew għandu jkun assistit mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.**

**<u>Astensjoni u Vot bil-Prokura</u>**

Dan huwa Artikolu ta' proċedura dwar il-Kunsill Ewropew. Li rridu nnutaw huwa li membru tal-Kunsill Ewropew jista' jivvota wkoll bil-vot ta' Membru wieħed ieħor, u mhux aktar, waqt li astensjonijiet ma jwaqqfux deċiżjonijiet li jinħtieġu maġġoranza.

Fi kliem ieħor, il-fatt li membru jastjeni milli jivvota, xorta waħda l-vot tiegħu ma jitqiesx u l-Kunsill ikun qisu vvota unanimament.

Din hija kontra kull proċedura ta' kull kumitat, anki jekk ikun hemm kumitat tat-titotla, għaliex meta jiġu biex jieħdu xi vot, issir il-mistoqsija min jaqbel, min huwa kontra, u min jastjeni.

Jekk ikun hemm min jastjeni ma jitqiesx li l-vot kien unanimu, imma jingħad in-numru ta' membri li vvutaw favur, jekk ma kien hemm xejn kontra jingħad li ma kienx hemm voti kontra, imma jekk kien hemm astensjonijiet jingħad in-numru ta' l-astensjonijiet, u qatt ma jingħad jew jitniżżel fil-minuti tal-laqgħa li kien hemm qbil unanimu.

Għaldaqstant, jekk tkun meħtieġa l-unanimita' u jkun hemm min jastjeni, ma jistax jingħad li kien hemm unanimita' fid-deċiżjoni.

Innutaw ukoll li l-President tal-Parlament Ewropea jista', u mhux għandu jedd, li jiġi mistieden biex jinstema' mill-Kunsill Ewropew.

Dan huwa kontra dak li jingħad dwar il-Kunsill, il-Kunsill Ewropew u dwar il-Kummissjoni, għaliex dawn għandhom il-**<u>jedd</u>** li jinstemgħu, u mhux bħall-President tal-Parlament Ewropew li **<u>jista'</u>** jiġi mistieden u mhux għaliex għandu jedd.

## Subsezzjoni 3
## Il-Kunsill tal-Ministri

### ARTIKOLU III-342

**Il-Kunsill għandu jiltaqa' meta jissejjah mill-President tiegħu fuq l-inizjattiva ta' dan ta' l-aħħar jew fuq it-talba ta' wieħed mill-membri tiegħu jew tal-Kummissjoni.**

**<u>Kif Jiltaqa' il-Kunsill</u>**

Wieħed jistenna li l-Kunsill jiltaqa' jekk ikun hemm sejħa mill-President tiegħu jew jekk ikun hemm talba minn xi membru tiegħu, imma nnutaw kif il-Kummissjoni qiegħda tingħata l-jedd li membru tagħha wkoll jista' jitlob li jiltaqa' l-Kunsill.

### ARTIKOLU III-343

**1. Meta jittieħed vot, kwalunkwe membru tal-Kunsill jista' jaġixxi għan-nom ta' mhux iktar minn membru wieħed ieħor.**

**2. Meta hu meħtieġ jaġixxi b'maġġoranza sempliċi, il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu.**

**3. L-astensjonijiet minn membri preżenti jew rapprezentati m'għandhomx iżommu l-adozzjoni mill-Kunsill ta' azzjonijiet li jeħtieġu l-unanimita'.**

**<u>Vot bil-Prokura u Proċedura</u>**

Hawnhekk huwa ċar li membru tal-Kunsill jista' jivvota bi prokura għal membru ieħor, imma mhux aktar minn wieħed.

Innutaw kif jekk membru jew membri ma jkunux preżenti u l-azzjonijet ikunu jinħtieġu li jgħaddu unanimament, il-voti ta' dawk li jastjenu u ta' dawk li ma jkunux preżenti ma jitqiesux u xorta waħda jitqies li l-azzjoni tkun ġiet mgħoddija unanimament.

Li l-voti ta' dawk li ma jkunux preżenti ma jingħaddux b'xi mod jew ieħor tnizzilha, imma li l-voti ta' dawk li jastjenu ma jingħaddux u jitqies li l-azzjoni tkun għaddiet unanimament ma ssibha fl-ebda għaqda jew kumitat, lanqas tat-titotla, għaliex meta jkun hemm xi ħaġa li jridu jivvutaw fuqha jitniżżel kemm ikun hemm favur, kontra u astensjonijiet kif għedna aktar qabel dwar il-Kunsill Ewropew.

Madankollu, għall-mexxejja arroganti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea l-voti ta' dawk li jastjenu ma jingħaddux, jew fi kliem ieħor, ma jagħtux kashom u qishom ma jeżistux.

Qegħdin taraw kemm tistma l-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri, jew aħjar ta' l-Istati Membri għaliex ir-rappreżentant ikun qiegħed jivvota f'isem l-Istat Membru, meta ma jivvutawx favur li tkun trid hija, jew aħjar il-mexxejja federalisti tagħha?

Dan ifisser li l-minuti tal-laqgħat ma jirriflettux tassew dak li jkun sar, u għalhekk huma qarrieqa kif instab li huma l-qarrieqa l-kontijiet tal-Kummissjoni li ilhom snin twal ma jiġu approvati mill-Qorti ta' l-Awdituri.

**ARTIKOLU III-344**

**1. Kumitat li jikkonsisti mir-Rapprezentanti Permanenti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri għandu jkun responsabbli għall-preparazzjoni tax-xogħol tal-Kunsill u biex iwettaq il-kompiti mogħtija lilu minn dan ta' l-aħħar. Il-Kumitat jista' jadotta deċiżjonijiet proċedurali f'każijiet previsti fir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill.**

**2. Il-Kunsill għandu jkun assistit minn Segretarjat Ġenerali, taħt ir-responsabbilta' ta' Segretarju Ġenerali maħtur mill-Kunsill.**

**Il-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar l-organizzazzjoni tas-Segretarjat Ġenerali b'maġġoranza sempliċi.**

**3. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza sempliċi għal kwistjonijiet proċedurali u għall-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu.**

**<u>Kumitat Jipprepara x-Xogħol</u>**

Dan l-Artikolu huwa dwar kumitat li jinħatar biex ilesti x-xogħol li jkun irid jagħmel il-Kunsill.

Ix-xogħol il-kbir normalment isir mill-kumitat, imbagħad meta jiltaqa' l-Kunsill jaraw li jaqblu fuq dak li jkun sar jew jiddiskutu xi differenzi li jkun għad baqa' u japprovaw ix-xogħol, għaliex ħadd ma jistenna li fil-jum jew jumejn li jiltaqa' l-Kunsill ir-rappreżentanti jiddiskutu u jaqblu max-xogħol kollu li jkollu quddiemu.

**<u>Maġġoranza Sempliċi</u>**

Ħaġa li trid tiġi nnutata hija li dwar l-organizzazzjoni tas-Segretarjat Ġenerali u għall-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, il-Kunsill jaġixxi b'maġġoranza sempliċi.

Fejn qiegħed il-jedd tal-veto biex jekk xi Stat Membru jara li jkun qiegħed isir xi ħaġa li ma jaqbilx magħha anki f'dawn l-affarijiet iwaqqaf kollox? Dan kollu, jiġifieri l-**jedd tal-veto**, **spiċċa u tar mar-riħ.**

Qegħdin taraw kemm il-**ĠUDIET** u l-**QUISLINGS** Maltin qarrqu bikom meta qalulkom li jekk Malta ma tkunx taqbel ma xi ħaġa tkun tista' twaqqaf kollox?

Tinsewx li jekk qarrqu bikom f'ħafna affarijiet li issa qegħdin tindunaw bihom, m'hemmx dubju li qarrqu bikom f'ħafna affarijiet oħra. Min qarraq bik tista' tibqa' tafdah?

## ARTIKOLU III-345

**Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza sempliċi, jista' jitlob lill-Kummissjoni biex tagħmel kwalunkwe studju li l-Kunsill jikkunsidra mixtieqa biex jintlaħqu l-miri komuni, u biex tissottometti kwalunkwe proposti xierqa lilu. Jekk il-Kummissjoni ma tissottomettix proposta, għandha tinforma lill-Kunsill bir-raġunijiet.**

**<u>Iħokku Dahar Xulxin</u>**

Hawnhekk jista' jkun li min ikun qiegħed jaqra ma jagħtix każ u jgħid li l-Kunsill ikun qiegħed jaġixxi b'maġġoranza sempliċi dwar sempliċi studju.

Madankollu, innutaw li l-Kummissjoni tista' tintalab li tagħmel kwalunkwe studju li l-Kunsill jikkunsidra mixtieqa biex jintlaħqu l-miri komuni.

Tiftakru li waħda mill-miri komuni hija l-politika barranija u ta' difiża, kif ukoll is-sigurta' komuni?

Huwa tassew li dan ikun biss studju, imma ftakru li wara l-istudju jiġu l-liġijiet Ewropej u l-azzjonijet speċjalment jekk il-Kunsill jaċċetta l-istudju tal-Kummissjoni.

Mhux biss, imma l-fatt li l-Kunsill qiegħed jingħata l-jedd u s-setgħa li jitlob lill-Kummissjoni tagħmel kull studju jfisser li waqt li l-Kunsill diġa' jkun iddeċieda dwar xi ħaġa, huwa jitlob lill-Kummissjoni tagħmel l-istudju biex ikollu fuq hiex iserraħ u jgħid li l-passi li jkun ħa wara jkunu bħala riżultat ta' l-istudju.

Barra minn hekk, dan huwa wkoll mezz biex waqt li l-Kunsill ikun aġixxa b'maġġoranza sempliċi, huwa jkun qiegħed idur mar-regolamenti għaliex dak li nomalment ikun jeħtieġ unanimita' ikun sejjer isib opppożizzjoni.

B'hekk, ikun hemm it-taparsi studju tal-Kummissjoni biex ir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri fil-Kunsill u l-Istati Membri jiġu perswaduti biex jivvutaw favur l-istudju u dak kollu li l-Kunsill ikun irid jagħmel bħala riżultat ta' dak l-istudju.

Qegħdin taraw kemm biċċa Artikolu lanqas tinduna x'jista' jkun hemm warajh biex dak li l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u l-mexxejja federalisti tiegħu, speċjalment minn dawk l-Istati Membri avventurużi militarment, jilħqu l-għanijiet militari moqżieża tagħhom?

## ARTIKOLU III-346

**Il-Kunsill għandu jadotta deċiżjonijiet Ewropej li jistabbilixxu r-regoli li jirregolaw il-kumitati previsti fil-Kostituzzjoni. Għandu jaġixxi b'maġġoranza sempliċi wara li jikkonsulta lill-Kummissjoni.**

**Deċiżjonijiet tal-Kunsill Jirregolaw il-Kumitati**

Artikolu ieħor fejn id-deċiżjonijiet jittieħdu b'maġġoranza sempliċi u mhux unanimament.

Qegħdin taraw f'kemm oqsma **spiċċa l-jedd tal-veto** ta' l-Istati Membri?

X'se jgħidulkom issa l-**ĠUDIET** u l-**QUISLINGS** tal-gideb li qalulkom qabel?

**Subsezzjoni 4**
**Il-Kummissjoni Ewropea**

**ARTIKOLU III-347**

**Il-membri tal-Kummissjoni għandhom iżommu lura minn kull azzjoni li hija inkompatibbli ma' dmirijiethom. L-Istati Membri għandhom jirrispettaw l-indipendenza tagħhom u m'għandhomx ifittxu li jinfluenzawhom fil-qadi ta' dmirijiethom.**

**Il-membri tal-Kummissjoni ma jistgħux, matul il-mandat tagħhom, jeżerċitaw xi professjoni oħra, kemm bi qligħ kif ukoll jekk le. Meta jidħlu għal dmirijiethom għandhom jagħtu kelma solenni li, kemm tul kif ukoll wara l-mandat tagħhom, se jirrispettaw l-obbligi li joriġinaw mill-kariga u b'mod partikolari d-dmir tagħhom li jġibu ruħhom b'integrita' u diskrezzjoni fir-rigward ta' l-aċċettazzjoni, wara li jkunu waqfu mill-mandat tagħhom, ta' ċerti ħatriet jew benefiċċji. Fil-każ ta' xi ksur ta' dawn l-obbligi, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' fuq applikazzjoni mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza sempliċi, jew mill-Kummissjoni, tiddeċiedi li l-persuna konċernata tiġi, skond iċ-ċirkostanzi, jew irtirata b'mod obbligatorju kif previst fl-Artikolu III-349 jew tiġi mċaħħda mid-dritt tagħha għal pensjoni jew benefiċċji oħra minflokha.**

<u>**L-Obbligi tal-Kummissarji**</u>

Dan huwa Artikolu dwar l-obbligi tal-Kummissarji u huwa ċar biżżejjed biex ma noqgħodux nikkummentaw fit-tul fuqu.

Madankollu, qegħdin taraw kemm qarrqu bikom dawk kollha li qalulkom qabel l-elezzjoni li l-Kummissarju Malti sejjer ikun jista' jħares l-interessi ta' Malta u tagħkom?

Taħsbu li xi Kummissarju sejjer jissogra l-pensjoni fenominali li jkollu meta' jirtira u ma jimxix kelma b'kelma ma dak li jgħid dan l-Artiklu?

**ARTIKOLU III-348**

**1. Barra minn b'sostituzzjoni regolari, jew bil-mewt, il-funzjonijiet ta' membru tal-Kummissjoni jintemmu individwalment meta dan jirriżenja minn jeddu jew għax jiġi mġiegħel.**

**2. Post battal ikkawżat b'riżenja, b'irtirar obbligatorju jew b'mewt għandu jimtela għall-bqija tal-mandat tal-membru minn membru ġdid ta' l-istess nazzjonalita' maħtur mill-Kunsill, bi ftehim komuni mal-President tal-Kummissjoni, wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew u skond il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu I-26(4).**

**Il-Kunsill jista' billi jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-President tal-Kummissjoni, jiddeċiedi li dan il-post battal m'hemmx bżonn li jimtela, b'mod partikolari meta ż-żmien li fadal għall-mandat tal-Membru hu qasir.**

## Mewt, Riżenja jew Irtirar ta' Kummissarju

Innutaw kif Stat Membru jista' jisfa' mingħajr Kummissarju għaliex ikun irriżenja, obbligat li jirtira, jew miet skond ma jingħad fit-tieni paragrafu tas-subartikolu 2. Innutaw li lejn l-aħħar parti tas-sentenza jingħad "**b'mod partikolari meta ż-żmien li fadal għall-mandat tal-Membru hu qasir.**"

Madankollu, barra minn meta jkun baqa' "**partikolarment**" żmien qasir tal-mandat tal-membru, tista' tinġieb kull skuża biex dak l-Istat Membru jibqa' mingħajr Kummissarju sakemm tinħatar Kummissjoni oħra.

U min sejjer jiddeċiedi kemm iż-żmien huwa "**partikolarment**" qasir? U jekk l-Istat Membru ma jaqbilx? X'rimedju għandu? Xejn, għaliex ma hemm xejn li jipprovdi għal dawnl-affarijiet.

B'hekk, il-President tal-Kummissjoni jista' jagħti parir lill-Kunsill biex ma jinħatarx il-membru li jkun miet għal kull raġuni, fosthom biex issir pressjoni fuq l-Istat Membru biex jaċċetta xi ħaġa li qabel ma jkunx aċċetta f'xi istituzzjoni oħra u bi tpattija jinħatar il-Kummissarju tiegħu.

Madankollu, jinħatar jew ma jinħatarx Kummissarju ta' xi Stat Membru ma jfisser xejn, għaliex il-lealta' tagħhom hija lejn l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u mhux lejn l-Istat Membru li jkunu ġejjin minnu.

Imma l-pressjoni xorta tkun saret għaliex dak l-Istat Membru jqis li huwa prestiġju li jkollu l-Kummissarju nominat minnu.

Qegħdin taraw kif isiru l-affarijiet fl-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea biex il-mexxejja federalisti tagħha jilħqu l-għanijiet tagħhom?

## Il-President Jiġi Sostitwit

**3. Fil-kaz ta' riżenja, irtirar obbligatorju jew mewt, il-President għandu jiġi sostitwit għall-bqija tal-mandat tiegħu, skond l-Artikolu I-27(1).**

Biex infakkrukom għaliex dan l-Artikolu rajnih ħafna aktar qabel, dan jgħid li,
**1. Waqt li jitqiesu l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, u wara konsultazzjonijiet xierqa, il-Kunsill Ewropew, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jipproponi lill-Parlament Ewropew kandidat għall-President tal-Kummissjoni. Dan il-kandidat għandu jkun elett mill-Parlament Ewropew b'maġġoranza tal-membri tiegħu. Jekk dan ma jiksibx il-maġġoranza meħtieġa, l-Kunsill Ewropew, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, għandu fi żmien xahar jipproponi kandidat ġdid li għandu jiġi elett mill-Parlament Ewropew skond l-istess proċedura.**

Ara hawnhekk ma jingħadx li l-President m'għandux jinħatar, għalkemm jista' jingħad li jekk ma jinħatarx President il-Kummissjoni ma tkunx tista' tiffunzjona tajjeb minkejja li forsi jkun baqa' ftit żmien sa kemm tinħatar Kummissjoni oħra.

Madankollu, għalfejn m'għandux isir l-istess fil-każ ta' Kummissarju ta' xi Stat membru li jkun miet?

Innutaw ukoll li f'dan il-każ ma jingħadx jekk il-President jinħatarx minn fost il-membri tal-Kummissjoni l-oħra li jkun baqa', jew jekk l-ewwel jinħatarx kummissarju ieħor minflok dak li jkun irriżenja jew miet, imbagħad issir il-proposta biex jinħatar il-President.

Jekk l-ewwel jinħatar il-President minn fost dawk li jkunu membri, dak li jkun għad irid jinħatar ikun inqata' barra.

Qegħdin taraw kif isiru l-affarijiet fl-Unjoni Ewropea biex il-mexxejja tagħha jkollhom l-aktar toroq wiesha minn fejn ikunu jistgħu jgħaddu jew joħorġu minnhom u jiddeċiedu kif ikun jaqblilhom?

**<u>Sostituzzjoni Għall-Bqija tal-Mandat</u>**

**4. Fil-każ ta' riżenja, irtirar obbligatorju jew mewt, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni għandu jiġi sostitwit, għall-bqija tal-mandat tiegħu, skond l-Artikolu I-28(1).**

L-istess kummenti li għamilna għas-subartikoli 2 u 3 nagħmluhom ukoll għal dan is-subartikolu dwar il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni Ewropea.

**<u>Kummissarji Bidilli</u>**

**5. Fil-każ tar-rizenja tal-Membri kollha tal-Kummissjoni, huma ghandhom jibqgħu fil-kariga u jkomplu jwettqu ix-xogħol kurrenti tagħhom sakemm jiġu sostitwiti, għall-bqija tal-mandat tagħhom, skond l-Artikoli I-26 u I-27.**

Waqt li jista' jkun hemm min jaħseb li huwa tajjeb li l-Kummissarji li jkunu rriżenjaw f'daqqa mill-Kummissjoni jibqgħu fix-xogħol tagħhom sakemm jiġu mibdula, dan ma jkunx sar għaliex ikunu għamlu xi ħaġa tajba, imma għaliex ikunu għamlu xi ħaġa ħażina.

Għaldaqstant, għalfejn m'għandux jinħatar Kumitat tal-Parlament Ewropew biex malli jirriżenjaw il-Kummissarji jew anki malli jkun hemm allegazzjoni ta' korruzzjoni jew xi ħaġa li tista' twassal għar-riżenja tagħhom jidħol minnufih malli jirriżenjaw u jieħu x-xogħol tal-Kummissjoni temporanjament sakemm jinħatru l-Kummissarji l-ġodda?

B'hekk, ikun hemm kumitat li mhux biss jieħu x-xogħol tal-Kummissjoni temporanjament, imma jkun jista' jara li ma jinħeba jew jinqered xejn minn min ikollu nteress.

Madankollu, jekk isir hekk, dawk li jkollhom interess li jaħbu jew jeqirdu xi dokumenti li jkunu jikkompremettuhom ma jkunux jistgħu jagħmlu hekk.

Qegħdin taraw kif fl-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea il-kapijiet federalisti tagħha jaħdmu flimkien biex iħokku dahar xulxin u biex dejjem iħallu tieqa jew ventilatur minfejn ikunu jistgħu joħorġu?

## ARTIKOLU III-349

**Jekk kwalunkwe membru tal-Kummissjoni ma jibqax jissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-qadi ta' dmirijietu jew jekk jinstab hati ta' kondotta ħażina serja, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' fuq applikazzjoni mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza sempliċi, jew mill-Kummissjoni, tkeċċih.**

**<u>Tkeċċija ta' Kummissarju</u>**

Hawnhekk għandna eżempju ieħor dwar kif il-kbarat ta' l-Unjoni Ewropea qegħdin jaħsbu għal rashom wara li kellha tirriżenja l-Kummissjoni fis-snin disgħin ta' l-aħħar seklu biex jekk xi wieħed minnhom jagħmel xi ħaġa ma jeħlux kollha miegħu billi hemm il-possibilta' li jirriżenja dak li jkun għamel xi ħaġa ħażina.

Qegħdin taraw kemm is-siġġu tal-poter jintogħġob u kif kulħadd jekk jista' jkun jibqa' mkaħħal miegħu biex jibqa' jdaħħal il-mijiet ta' eluf kull sena minn fuq dahar iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri bit-taxxi li jħallsu?

Hawnhekk niġbdu l-attenzjoni li din id-darba ntużaw tajjeb il-kliem "**kondotta ħażina**" u mhux "**miskondotta**" kif it-tradutturi wżaw qabel.

## ARTIKOLU III-350

**Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu I-28(4), ir-responsabbiltajiet li jaqgħu fuq il-Kummissjoni għandhom ikunu mfassla u allokati fost il-membri tagħha mill-President tagħha, skond l-Artikolu I-27(3). Il-President jista' jqalleb l-allokazzjoni ta' dawk ir-responsabbiltajiet matul iz-zmien li l-Kummissjoni tkun fil-kariga. Il-Membri tal-Kummissjoni għandhom jaqdu d-dmirjiet mogħtija lilhom mill-President taħt l-awtorita' tiegħu.**

**<u>Il-President Jalloka r-Risponsabbiltajiet</u>**

Jedd u setgħa li qiegħda tingħata lill-President biex ikun jista' jibdel ir-risponsabbiltajiet tal-Kummissarji.

Jista' jinħaseb li dan isir jekk huwa jkun jidhirlu li ma jkunux qegħdin jiffunzjonaw sewwa. Madankollu, ma hemm xejn dwar hekk, u għaldaqstant huwa jista' jibdel ir-risponsabbilta' tal-Kummissarji kif u għal-liema raġuni jidhirlu.

## ARTIKOLU III-351

**Il-Kummissjoni għandha taġixxi bil-maġġoranza tal-membri tagħha. Ir-Regoli ta' Proċedura tagħha għandhom jiddeterminaw il-quorum.**

**Il-Kummissjoni bil-Maġġoranza**

Hawnhekk żgur li m'hemmx ħtieġa li l-affarijiet ikunu adottati unanimament, għaliex jekk tiftakru, il-Kummissjoni u l-Kummissarji jridu jkunu fidili lejn l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u mhux lejn l-Istati Membri li jkunu ġejjin minnhom.

Għaldaqstant, suppost li ma jkun hemm l-ebda interess ieħor ħlief l-interess ta' l-Unjoni Ewropea, għalkemm kulħadd jista' jaħseb li jrid speċjalment meta jaraw kif jittieħdu u jinbidlu ċerti deċiżjonijiet li ma hemmx għalfejn noqgħodu nelaboraw fuqhom.

## ARTIKOLU III-352

**1. Il-Kummissjoni għandha tadotta r-Regoli ta' Proċedura tagħha sabiex tassigura kemm il-ħidma tagħha kif ukoll dik tad-dipartimenti tagħha. Għandha tassigura li dawn ir-regoli jiġu ppubblikati.**

**2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika annwalment, mhux iktar tard minn xahar qabel il-ftuh tas-sessjoni tal-Parlament Ewropew, rapport ġenerali dwar l-attivitajiet ta' l-Unjoni.**

**Artikolu dwar il-ħidma tal-Kummissjoni**

Dan huwa sempliċiment Artikolu dwar x'għandha tagħmel il-Kummissjoni dwar il-ħidma tagħha u kif għandha tippubblika rapport kull sena dwar l-attivitajiet li tkun għamlet l-Unjoni.

**Subsezzjoni 5**
**Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea**

**ARTIKOLU III-353**

**Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiltaqa' f'awli, bħala Awla Manja jew f'sessjoni plenarja, skond l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea.**

**Kif Tiltaqa l-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea**

Dan huwa Artikolu dwar kif għandha tiltaqa l-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea. Din hija normali għaliex il-Qorti ma jkunx hemm Imħallef wieħed u awla waħda, imma numru ta' Imħallfin u kull Imħallef u awla jittrattaw kwistjonijiet differenti.

Madankollu, il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea ġiet immodifikata u tkabbret matul iż-żmien minħabba li fil-bidu kien ikun hemm ftit każi kull sena, imma issa qiegħed ikun hemm mijiet kull sena minħabba diversi raġunijiet.

Waħda hija minħabba l-indħil dejjem jikber mill-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tagħha f'kull qasam immaġinabbli, u allura ma jista' jibqa' l-ebda dubju li aktar ma tindaħal aktar ikun hemm kwistjonijiet.

Tant qiegħed ikun hemm indħil u teħid ta' jeddijiet mingħand l-Istati Membri li hemm min qiegħed isejjaħ l-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tagħha bħala "**MELĦA**", għaliex f'kull qasam u f'kull kwistjoni jkunu jridu jindaħlu.

L-oħra hija li aktar ma jidħlu Stati Membri aktar jistgħu jinqalgħu kwistjonijiet, għaliex huwa minn ewl id-dinja li aktar ma jiżdiedu aktar jiżdiedu l-kwistjonijiet ta' bejniethom u ma' l-istituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea li bħal **MELĦA** jridu jindaħlu f'kollox u kullimkien.

Ftakru biss li l-Istati Membri u l-Qrati tagħhom huma marbuta bid-deċiżjonijiet tal-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea.

**Il-Qrati Maltin Sottomessi għall-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea**

Hawnhekk irridu niġbdu l-attenzjoni li l-Gvern Malti fin-negozjati mhux biss aċċetta li l-Qrati Maltin ikunu marbuta bid-deċiżjonijiet tal-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea, imma saħansitra anki bil-kummenti li jagħmlu f'xi sentenza li ma jkollhomx x'jaqsmu mal-parti operattiva tas-sentenza.

Fi kliem ieħor, kull sentenza jkollha r-raġunijiet għaliex il-Qorti tkun qiegħda tagħti dik is-sentenza, ikollha l-parti operattiva, jiġifieri fejn ikun hemm id-deċiżjoni tal-Qorti, u ġieli jkun hemm kummenti li għalkemm ikunu hemmhekk, ma jkunux jifformaw parti mis-sentenza fis-sens li l-Qorti tkun ħasset li għandha tagħmel dawk il-kummenti barra d-deċiżjoni tagħha.

Il-Gvern Malti u n-negozjaturi tiegħu ta' lagħaqin tal-barrani li huma mhux biss aċċettaw li l-parti operattiva tas-sentenza tkun torbot lill-Qrati Maltin, imma saħansitra anki l-kummenti, li teknikament jissejħu "**obiter**".

## ARTIKOLU III-354

**Il-Qorti tal-Ġustizzja tkun mgħejjuna minn tmien Avukati ġenerali. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja titlob hekk, il-Kunsill jista' b'mod unanimu, jadotta deċiżjoni biex iżid in-numru ta' Avukati Ġenerali.**

**L-Avukat Ġenerali għandu d-dmir li, b'imparzjalita' u b'indipendenza kompleta, jagħmel, fil-qorti bil-miftuh, opinjonijiet motivati dwar każijiet li, skond l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea, jeħtieġu l-involviment tiegħu.**

**L-Avukati Ġenerali tal-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea**

Dan l-Artikolu huwa dwar id-dmirijiet ta' l-Avukati Ġenerali tal-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea.

Innutaw kif jissemma n-numru ta' tmien Avukati Ġenerali. Tistgħu tistaqsu għalfejn ma ġiex ipprovdut li għandu jkun hemm wieħed minn kull Stat Membru, u mhux jekk ikun hemm talba mill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea.

Madankollu, tinsewx li kif jingħad f'din l-istess Kostituzzjoni, kull istituzzjon ta' l-Unjoni Ewropea kif ukoll l-uffiċjali tagħha jridu jkunu leali lejn l-Unjoni Ewropea, u għalhekk in-nazzjonalita' ta' l-Avukati Ġenerali ma tagħmilx differenza.

Għaldaqstant, dan l-Artikolu fejn jipprovdi li għandu jkun hemm tmien Avukati Ġenerali huwa konferma kemm dawn iridu jkunu leali lejn l-Unjoni Ewropea u għalhekk m'hemmx ħtieġa li jkun hemm wieħed minn kull Stat Membru jekk għalmenu ma titlobx il-Qorti minħabba l-ammont kbir ta' xogħol li jista' jkollha.

Qegħdin taraw kif anki l-Artikoli jikxfu affarijiet li lanqas ma taħseb li sejrin jikxfu?

Hawnhekk tajjeb li niġbdu l-attenzjoni tagħkom li fil-maġġoranza tal-każi, għalkemm mhux dejjem, il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea taċċetta l-opinjoni ta' l-Avukati Ġenerali u s-sentenza tagħha tkun skond l-opinjoni tagħhom.

Dan wieħed jista' jarah faċilment jekk jeżamina l-opinjonijiet ta' l-Avukati Ġenerali u s-sentenzi li tagħti l-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea. Kemm il-maġġoranza ta' l-opinjonijiet u kemm is-sentenzi li jistgħu jitniżżlu minn fuq il-paġna ta' l-internet tal-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea.

## ARTIKOLU III-355

**L-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja għandhom jintgħażlu minn fost persunalitajiet li dwar l-indipendenza tagħhom ma jkunx hemm dubju u li għandhom il-kwalifiki kollha meħtieġa biex jeżerċitaw, fil-pajjiżi rispettivi tagħhom, l-ogħla funzjonijiet ġudizzjarji, jew li huma Ġuriskonsulti ta' kompetenza magħrufa. Huma għandhom jinħatru bi ftehim komuni mill-gvernijiet ta' l-Istati Membri wara konsultazzjoni mal-panel stabbilit fl-Artikolu III-357.**

**Kull tliet snin għandu jkun hemm sostituzzjoni parzjali ta' l-Imhallfin u l-Avukati Ġenerali, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea.**

**L-Imħallfin għandhom jaħtru minn fosthom il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja għal tliet snin. Hu jista' jerga' jiġi elett.**

**Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tadotta r-Regoli ta' Proċedura tagħha. Dawk ir-Regoli jeħtieġu l-approvazzjoni tal-Kunsill.**

**Kwalifiki, Ħatriet u Bdil**

Qegħdin taraw kif minkejja li l-President jista' jinbidel kull tliet snin mill-istess Imħallfin u Avukati Ġenerali, kif ukoll li anki l-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali jiġu mibdula parzjalment kull tliet snin, m'hemm xejn biex jinħatru Imħallfin u Avukati Ġenerali minn kull Stat Membru fl-istess ħin?

Imma bilħaqq kull uffiċjal u kull istituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea trid tkun leali lejn u taqdi lill-Unjoni Ewropea u mhux lill-Istati Membri.

**ARTIKOLU III-356**

**In-numru ta' Imħallfin tal-Qorti Ġenerali għandu jiġi stabbilit mill-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea. L-Istatut jista' jipprovdi li l-Qorti Ġenerali tkun assistita minn Avukati Ġenerali.**

**Il-membri tal-Qorti Ġenerali għandhom jintgħażlu minn fost persuni li dwar l-indipendenza tagħhom ma jkun hemm dubju u li għandhom l-abilta' meħtieġa biex jeżerċitaw kariga ġudizzjarja għolja. Huma għandhom jinħatru bil-qbil komuni tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri wara l-konsultazzjoni tal-panel previst fl-Artikolu III-357.**

**Kull tliet snin għandu jkun hemm tibdila parzjali fil-Qorti Ġenerali.**

**L-Imħallfin għandhom jaħtru l-President tal-Qorti Ġenerali minn fosthom ghal terminu ta' tliet snin. Hu jista' jerġa' jiġi elett.**

**Il-Qorti Ġenerali għandha tistabbilixxi r-Regoli ta' Proċedura tagħha bi ftehim mal-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-Regoli għandhom ikunu suġġetti għall-approvazzjoni tal-Kunsill.**

**Sakemm l-Istatut ma jipprovdix mod ieħor, id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni dwar il-Qorti tal-Ġustizzja għandhom japplikaw għall-Qorti Ġenerali.**

**In-Numru u l-Kwalifika ta' l-Imħallfin**

Dan huwa Artikolu ieħor dwar il-ħatra ta' l-Imħallfin, il-kwalifiki tagħhom, kif għandhom jintagħżlu, u kif jinħatar il-President tal-Qorti minn fosthom.

Innutaw li kull tliet snin ikun hemm bidla parzjali, jiġifieri jinbidlu xi wħud minnhom. Anki hawnhekk ma hemm xejn li jgħid li jrid ikun hemm Imħallef minn kull Stat Membru bilfors, u ftakru li din hija l-Kostituzzjoni li jekk tiġi approvata tkun meqjusa bħala l-għola liġi ta' l-Unjoni Ewropea.

Wieħed jista' jfittex fl-Istatut tal-Qorti biex jara jekk hemmx xi ħaġa dwar dan, imma għslfejn dan il-provvediment ma jiddaħħalx fil-Kostituzzjoni?

Tgħid għaliex l-Istatut jista' jinbidel ħafna aktar faċilment minn Kostituzzjoni u għalhekk ikun aktar faċli li ma jkunx meħtieġ li jkun hemm Imħallfin, u anki uffiċjali oħra bħal ma huma l-Avukati Ġenerali minn kull Stat Membru?

Qegħdin taraw il-makakkerija tal-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea li jafu li l-maġġoranza tan-nies ma tantx joqgħodu jiflu u jaħsbu dak li jkunu qegħdin jaqraw u għalhekk jagħmlu l-affarijiet biex wara jkunu jistgħu jirranġaw u jagħmlu li jridu?

Dwar il-Qrati differenti li jissemmew narawhom aktar 'il quddiem

**ARTIKOLU III-357**

**Għandu jiġi stabbilit panel sabiex jagħti opinjoni dwar l-idoneita' tal-kandidati sabiex jaqdu d-dmirijiet ta' Imħallef u Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali qabel ma l-gvernijiet ta' l-Istati Membri jieħdu d-deċiżjonijiet previsti fl-Artikoli III-355 u III-356.**

**Il-panel għandu jinkludi seba' persunalitajiet magħżula minn fost membri preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali, membri ta' qrati supremi nazzjonali u avukati ta' kompetenza rikonoxxuta, li wieħed minnhom għandu jiġi propost mill-Parlament Ewropew. Il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tistabbilixxi r-regoli ta' ħidma tal-panel u deċiżjoni Ewropea għall-ħatra tal-membri tiegħu. Għandu jaġixxi fuq l-inizjattiva tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja.**

**Pannew Biex Jagħti Parir lill-Istati Membri**

L-ewwel nett bil-Malti ngħidux "**panel**", imma skond id-dizzjunarju tal-Kaptan Pawlu Buġeja ngħidu "**pannew**", "**panew**" jew jekk irridu nagħmlu bħal dawk li sempliċiment jaqilbu l-kelma u jtuha bixra u kitba Maltija, għalkemm ma naqblux, ngħidu "**penil**", u jfissirha bħala lista tal-ġurati jew nies magħżula għal xi xogħol speċjali.

Imma forsi qalu hekk għaliex jaħsbu li dawn huma xi nies speċjali li ma jixirqilhomx li jissejħa b'ternminu komuni li ma jmorrux jinsulentaw ruħhom jekk jgħidulhom il-kelma Maltija li suppost jissejħu biha.

Jista' jkun ukoll li t-tradutturi li tħallsu eluf kbar ta' liri lanqas kienu jafuha, imma kif wieħed jista' jara, huwa faċli li taqbad dizzjunarju u ssib il-kelma Maltija.

Il-kelma idoneita', jew aħjar idonjeta', tfisser kemm dak l-oġġett jew dik il-persuna tkun tajba biex taqdi l-funzjoni li tkun meħtieġa minnha, fil-każ li qegħdin naraw tal-ħatra ta' l-Imħallfin, kemm dik il-persuna tkun tajba biex taqdi d-dmirijiet tagħha.

Għaldaqstant, dan il-pannew twaqqaf biex jeżamina l-kriterji ta' dawk li jkunu proposti biex ikunu Imħallfin u Avukati Ġenerali u jagħti parir lill-Istati Membri kemm dawk proposti jkunu tajba biex jimlew dik il-kariga. Dak kollox.

## ARTIKOLU III-358

**1. Il-Qorti Ġenerali tkun kompetenti biex tisma' u tiddeċiedi fl-ewwel istanza r-rikorsi previsti fl-Artikoli III-365, III-367, III-370, III-372 u III-374, ħlief għal dawk assenjati lil qorti speċjalizzata stabbilita skond l-Artikolu III-359 u dawk li l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea jirreserva għall-Qorti tal-Ġustizzja. L-Istatut jista' jipprovdi li l-Qorti Ġenerali tkun kompetenti għal kategoriji oħrajn ta' rikorsi.**

**Deċiżjonijiet mogħtija mil-Qorti Ġenerali taħt dan il-paragrafu jistgħu jkunu suġġetti għal dritt ta' appell lill-Qorti tal-Ġustizzja fuq punti ta' liġi biss, taħt il-kondizzjonijiet u fil-limiti stabbiliti mill-Istatut.**

**2. Il-Qorti Ġenerali tkun kompetenti biex tisma' u tiddeċiedi rikorsi miġjuba kontra d-deċiżjonijiet tal-qrati speċjalizzati.**

**Deċiżjonijiet mogħtija mil-Qorti Ġenerali taħt dan il-paragrafu jistgħu jkunu suġġetti eċċezzjonalment għal reviżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja taħt il-kondizzjonijiet u fil-limiti stabbiliti mill-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea, fejn ikun hemm riskju serju li ser tintlaqat l-unita' jew il-konsistenza tad-dritt ta' l-Unjoni.**

**3. Il-Qorti Ġenerali tkun kompetenti biex tisma' u tiddetermina kwistjonijiet riferiti għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu III-369, f'oqsma speċifiċi stabbiliti mill-Istatut.**

**Meta l-Qorti Ġenerali tikkunsidra li l-każ jeħtieġ deċiżjoni ta' prinċipju li x'aktarx tolqot l-unita' jew il-konsistenza tad-dritt ta' l-Unjoni tista' tirreferi l-każ lill-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni.**

**Deċiżjonijiet mogħtija mil-Qorti Ġenerali fuq kwistjonijiet riferiti għal deċiżjoni preliminari jistgħu jkunu suġġetti eċċezzjonalment għal revizjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja taħt il-kondizzjonijiet u fil-limiti stabbiliti mill-Istatut, fejn ikun hemm riskju serju li ser tinlaqat l-unita' jew il-konsistenza tad-dritt ta' l-Unjoni.**

**<u>Tqassim tal-Kompetenzi tal-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea</u>**

Dan huwa Artikolu dwar il-kompetenza tal-Qorti Ġenerali li tiddeċiedi l-kawżi fl-ewwel istanza, u għalhekk tista' tissejjah ukoll il-Qorti ta' l-Ewwel Istanza li minnha jista' jkun hemm appell f'ċerti każi kif jingħad.

Dwar it-tieni paragrafu tat-tieni subartikolu, innutaw li deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali jistgħu jkunu suġġetti eċċezzjonalment għal reviżjoni jekk ikun hemm il-periklu li d-deċiżjoni tkun sejra tolqot l-unita' jew il-konsistenza tal-liġi ta' l-Unjoni.

Fi kliem ieħor, jista' jkun li qabel tkun ittieħdet xi deċiżjoni dwar il-liġi ta' l-Unjoni Ewropea imbagħad tittieħed deċiżjoni oħra, u d-deċiżjoni li tkun ittieħdet wara ma tkunx l-istess u għalhekk tkun sejra toħloq dubju dwar x'tgħid tassew il-liġi ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan huwa b'kuntrast mal-liġi Maltija fejn aħna m'għandniex dak li jissejjah preċedent, għaliex il-Qrati tagħna għalkemm japplikaw l-istess liġi, m'humiex marbutin ma deċiżjoni li tkun ħadet xi Qorti oħra qabilhom, għaliex iċ-ċirkostanzi tal-każi jistgħu jkunu differenti.

Fil-fatt, il-Qrati Ngliżi għandhom is-sistema tal-preċedent, fejn ikunu marbuta b'deċiżjoni meħuda minn Qorti aktar għolja minnhom, imma wieħed jista' jgħid li għalkemm uffiċjalment huma marbuta biha, xorta jduru magħha. Dan ma jsirx bħal kapriċċ, imma għal raġunijiet tajba.

Meta l-Qrati Ingliżi jaraw li jekk japplikaw id-deċiżjoni li tkun ħadet xi Qorti qabel kif għandha tapplika l-liġi jkunu sejrin jikkawżaw inġustizzja, huma dejjem "**isibu xi ħaġa differenti**" fil-każ li jkollhom quddiemhom biex ikunu jistgħu jagħtu deċiżjoni differenti u jevitaw milli jagħmlu inġustizzja.

Imma għall-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijet tagħha ma jimpurtahomx li tkun se ssir inġustizzja. L-aqwa li ma jkunx hemm interpretazzjoni differenti tal-liġijiet u regolamenti tagħha.

## ARTIKOLU III-359

**1. Il-liġi Ewropea tista' tistabbilixxi qrati speċjalizzati annessi mal-Qorti Ġenerali biex jisimgħu u jiddeterminaw fl-ewwel istanza ċerti klassijiet ta' rikorsi f'oqsma speċifiċi. Għandha tiġi adottata jew fuq proposta mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Qorti tal-Ġustizzja jew fuq it-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni.**

**2. Il-liġi Ewropea li tistabbilixxi qorti speċjalizzata għandha tistabbilixxi r-regoli dwar l-organizzazzjoni tal-qorti u l-limitu tal-kompetenza mogħtija lilha.**

**3. Id-deċiżjonijiet mogħtija minn qrati speċjalizzati jistgħu jkunu suġġetti għal dritt ta' appell fuq punti tal-liġi Ewropea biss jew, meta previsti fil-liġi li tistabbilixxi l-qorti speċjalizzata, dritt ta' appell ukoll fuq kwistjonijiet ta' fatt, quddiem il-Qorti Ġenerali.**

**4. Il-membri tal-qrati speċjalizzati għandhom jintgħażlu minn fost persuni li dwar l-indipendenza tagħhom ma jkunx hemm dubju u li għandhom l-abilta' meħtieġa biex jeżerċitaw kariga ġudizzjarja. Huma għandhom jiġu maħtura mill-Kunsill li jaġixxi b'mod unanimu.**

**5. Il-qrati speċjalizzati għandhom jistabbilixxu r-Regoli ta' Proċedura tagħhom bi ftehim mal-Qorti tal-Ġustizzja. Dawk ir-Regoli jeħtieġu l-approvazzjoni tal-Kunsill.**

**6. Sakemm il-liġi Ewropea li tistabbilixxi l-qorti speċjalizzata ma tipprovdix xort'oħra, d-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li jirrigwardaw il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea u d-disposizzjonijiet ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea għandhom japplikaw għall-qrati speċjalizzati. It-Titolu I ta' l-Istatut u l-Artikolu 64 tiegħu għandhom japplikaw fi kwalunkwe każ għall-qrati speċjalizzati.**

## Tħassib Kbir Dwar Qrati Speċjalizzati

Artikolu dwar it-twaqqif ta' qrati speċjalizzati biex jittrattaw xi qasam speċjalizzat u li għaldaqstant ikun jinħtieġ nies speċjalizzati f'dak il-qasam.

Bi Qrati speċjalizzati wieħed jista' jaħseb dwar Qrati li jkollhom x'jaqsmu mal-kummerċ, teknoloġija, ambjent, u oqsma oħra bħalhom, imma dan jista' jfisser ħafna aktar minn hekk kif sejrin naraw.

L-ewwel nett innutaw li jingħad li jekk ma ssirx liġi Ewropea dwar il-proċeduri u l-kompetenza tagħhom, jgħoddu l-istess disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni dwar il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Istatut ta' l-istess Qorti.

Jista' forsi jingħad li minħabba li jkunu Qrati speċjalizzati jkunu jinħtieġu regolamenti u disposizzjonijiet speċjali u għalhekk il-liġi Ewropea tagħmel il-provvedimenti meħtieġa, imma anki hawnhekk jibda' jidħol it-tħassib dwar il-ġeneru ta' dawn il-Qrati.

## Dritt ta' Appell Limitat

L-ewwel nett innutaw li jingħad li "**Id-deċiżjonijiet mogħtija minn qrati speċjalizzati jistgħu jkunu suġġetti għal dritt ta' appell fuq punti tal-liġi Ewropea biss**", imma "**meta previsti fil-liġi li tistabbilixxi l-qorti speċjalizzata, dritt ta' appell ukoll fuq kwistjonijiet ta' fatt, quddiem il-Qorti Ġenerali.**"

U jekk il-liġi li tistabbilixxi l-Qorti speċjalizzata ma tagħtix il-jedd, hawnhekk imsejjaħ dritt, ta' l-appell fuq kwistjonijiet ta' fatt għaliex hekk ikun jaqbel għall-mexxejja ta' u għall-Unjoni Ewropea?

## Liema Oqsma?

Aħna nistaqsu. Għalfejn ma jingħadx għal liema oqsma speċjalizzati jew liema ġeneru ta' każi sejrin jittrattaw dawn il-Qrati?

Il-fatt li ma jingħadx ifisser li dawn il-Qrati sejrin ikunu jistgħu jitwaqqfu għal kull qasam u kull ġeneru ta' każi.

Dan ifisser li l-Unjoni Ewropea qiegħda tingħata l-jedd u s-setgħa li twaqqaf Qrati għal kull qasam li jkun jidrilha għaliex ma hemm l-ebda qasam jew ġeneru msemmi, kif lanqas ma hemm xi restrizzjoni dwar liema oqsma jistgħu jitwaqqfu.

Minħabba li dawn huma affarijiet li jħassbu ħafna, aħna sejrin niġbdu biss l-attenzjoni dwar xi affarijiet li ta' min jaħseb fuqhom speċjalment dwar żviluppi li jista' jkun hemm aktar 'il quddiem.

Tgħid il-Qrati speċjalizzati sejrin ikunu Qrati Kriminali Federali biex jittrattaw każi kriminali kontra l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni Ewropea minflok il-Qrati Kriminali ta' l-Istati Membri għaliex reati bħal dawn jibdew jitqiesu bħala reati kriminali federali?

Tgħid sejrin ikunu Qrati speċjalizzati biex jittrattaw każi dwar terroriżmu minflok ma jibdew jiġu ttrattati mill-Qrati ta' l-Istati Membri bl-iskuża li t-terroriżmu jrid jiġi miġġieled fuq skala ta' l-Unjoni Ewropea?

Tgħid għad naraw Qrati speċjalizzati biex jittrattaw każi ta' ċittadini li aktar 'il quddiem ma jkunux iridu jservu fl-armata ta' l-Unjoni Ewropea jew f'operazzjonijiet militari tagħha f'pajjiżi terzi?

Tgħid għad nibdew naraw Qrati speċjalizzati li jittrattaw reati bħal ma hija ħidma kontra l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea minn ċittadini, għaqdiet, organizzazzjonijiet u partiti politiċi li jkunu jridu **l-Indipendenza u l-Ħelsien** ta' pajjiżhom minn taħt il-madmad kolonjali ta' l-Unjoni Ewropea?

Tgħid għad naraw Qrati speċjalizzati jittrattaw kwistjonijiet ta' partiti politiċi li l-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea ma jkunux jaqblu bħal ma ġara fl-Awstrija?

Dawn huma biss ftit ħsibijiet ta' malajr li hemm ħafna li qegħdin jitħassbu dwarhom.

Ninsabu ċerti li inthom tistgħu taħsbu f'ħafna aktar każi u oqsma fejn jistgħu jitwaqqfu Qrati speċjalizzati li m'għandniex dubju li jħassbukom ħafna minħabba s-setgħa mingħajr limitu li qiegħda tingħata l-Unjoni Ewropea permezz ta' dan l-Artikolu tal-Kostituzzjoni biex twaqqaf Qrati speċjalizzati.

Tridu li nibqgħu taħt dan il-madmad u jasar kolonjali tal-mexxejja arroganti federalisti ta' l-Unjoni Ewropea u tal-**ĠUDIET** u **QUISLINGS** qaddejja tagħhom li lesti jmexxu lil Malta u liċ-ċittadini Maltin skond ma jordnalhom il-barrani ta' l-Unjoni Ewropea minn Brussell?

Tridu li tibdew titressqu u tiġu kkundannat minn dawn il-Qrati speċjalizzati għaliex tkunu qegħdin taħdmu fl-interess ta' Malta u taċ-ċittadini Maltin?

Jekk le triq waħda għandna. Infittxu nitilqu l-lejla qabel għada mill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu.

## ARTIKOLU III-360

**Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li Stat Membru ikun naqas li jissodisfa obbligu taħt il-Kostituzzjoni, hija għandha tagħti opinjoni motivata dwar il-kwistjoni wara li tagħti lill-Istat konċernat l-opportunita' li jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu.**

**Jekk l-Istat konċernat ma jħarisx l-opinjoni fil-perijodu stabbilit mill-Kummissjoni, din ta' l-aħħar tista' ġġib il-kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea.**

**Il-Kummissjoni Argużin fuq l-Istati Membri**

Dan huwa Artikolu li mhux biss juri kemm l-Unjoni Ewropea hija Stat Federali u kif l-Istati Membri tagħha jridu jobdu dak kollu li jiddeċiedi l-Istat Federali u l-istituzzjonijiet tiegħu, fosthom din il-Kostituzzjoni jekk tgħaddi, imma kif dik li tissejjaħ opinjoni fil-fatt ma hija "**opinjoni**" xejn imma "**ordni**" mill-Kummissjoni.

Dan għaliex **opinjoni ma tistax torbot**, imma tkun biss opinjoni.

Madankollu, jekk Stat Membru ma jobdix din l-opinjoni, huwa jittieħed quddiem il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea mill-Kummissjoni li ma hija mtella mill-ebda vot taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, għaliex ma jkunx obda l-opinjoni tagħha.

Jistgħu l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea jibqgħu jissejjħu **Stati Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** jekk istituzzjoni ta' Stat ieħor, f'dan il-każ l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea, u ftakru li l-istituzzjoni ma hija mtella mill-ebda vot taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri inklużi ċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru, ittella Stat Membru quddiem il-Qorti tagħha għaliex ma jkunx obda opinjoni tagħha?

Qegħdin taraw kemm jibqgħu **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** l-Istati Membri ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea meta jkollhom jobdu anki opinjoni?

Tridu li nibqgħu f'dan il-madmad u jasar li daħħluna fih il-**ĠUDIET** li ttradewna billi flimkien mal-mexxejja qarrieqa ta' l-Unjoni Ewropea qarrqu biċ-ċittadini Maltin?

Tridu li nibqgħu maħkuma mill-barrani ta' l-Unjoni Ewropea permezz tal-Gvernijiet Maltin li ma jkunu xejn għajr **QUISLINGS** li jkunu lesti jmexxu billi jobdu dak kollu li jordnalhom il-barrani ta' l-Unjoni Ewropea?

## ARTIKOLU III-361

**Kull Stat Membru li jikkunsidra li Stat Membru ieħor ikun naqas li jissodisfa obbligu skond il-Kostituzzjoni jista' jġib il-kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea.**

**Qabel ma Stat Membru jagħmel rikors kontra Stat Membru ieħor għal ksur allegat ta' obbligu taħt il-Kostituzzjoni, għandu jressaq il-kwistjoni quddiem il-Kummissjoni.**

**Il-Kummissjoni għandha tagħti opinjoni motivata wara li kull wieħed mill-Istati konċernati jkun ingħata l-opportunita' li jissottometti l-każ kontra tiegħu u l-osservazzjonijiet tiegħu dwar il-każ tal-parti l-oħra kemm bil-fomm u kemm bil-miktub.**

**Jekk il-Kummissjoni ma tkunx tat opinjoni fi żmien tliet xhur mid-data li fiha l-kwistjoni tkun ġiet imressqa quddiemha, l-assenza ta' din l-opinjoni m'għandhiex tipprekludi l-kwistjoni milli titressaq quddiem il-Qorti.**

**L-Unjoni Ewropea Iġġelled lill-Istati Membri**

Hawnhekk naraw kif l-Unjoni Ewropea tipprova ġġelled lill-Istati Membri bejniethom billi tagħtihom jedd li jfittxu Stat Membru ieħor jekk ma jimxix ma din il-Kostituzzjoni.

Dan isir apposta biex barra li ma tkunx il-Kummissjoni li tibda l-proċeduri u b'hekk ma tidhirx kerha, l-Istati Membri jkunu moħħom f'xulxin u b'hekk titnaqqas ukoll l-attenzjoni minn fuq xi tkun qiegħda tagħmel l-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tagħha.

Mhux biss, imma jidher li l-Unjoni Ewropea mhux biss taf, imma tapplika fil-prattika l-qawl li jgħid li "**fi ġlieda bejn tnejn, jirbaħ it-tielet wieħed**".

Qegħdin taraw il-makakkerija tal-mexxejja federalisti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea?

**ARTIKOLU III-362**

**1. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea ssib li Stat Membru jkun naqas milli jissodisfa xi obbligu taħt il-Kostituzzjoni, dak l-Istat għandu jintalab jieħu l-miżuri meħtieġa biex iħares is-sentenza tal-Qorti.**

**2. Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li l-Istat Membru konċernat ma jkunx ħa l-miżuri neċessarji biex josserva s-sentenza prevista fl-ewwel paragrafu, tista' ġġib il-każ quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea wara li tagħti lil dak l-Istat l-opportunita' li jissottometti l-oservazzjonijiet tiegħu. Hi għandha tispeċifika l-ammont ta' ħlas ta' somma f'daqqa jew ta' pagamenti ta' penali li għandu jitħallas mill-Istat Membru konċernat li hi tikkunsidra xierqa fiċ-ċirkostanzi.**

**Jekk il-Qorti ssib li l-Istat Membru konċernat ma jkunx ħares is-sentenza tista' timponi l-ħlas ta' somma f'daqqa jew ta' pagamenti ta' penali.**

**Din il-proċedura ghandha tkun minghajr preġudizzju għall-Artikolu III-361.**

**3. Meta l-Kummissjoni tressaq każ quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea skond l-Artikolu III-360 fuq il-bażi li l-Istat Membru konċernat naqas milli jissodisfa l-obbligi tiegħu li jinnotifika miżuri li jittrasponu liġi kwadru Ewropea, hi tista' meta jidhrilha xieraq, tispeċifika l-ammont ta' ħlas ta' somma f'daqqa jew ta' pagamenti ta' penali li trid titħallas mill-Istat Membru konċernat u li hi tqis xierqa fiċ-ċirkostanzi.**

**Jekk il-Qorti ssib li hemm ksur ta' liġi tista' timponi l-ħlas ta' somma f'daqqa jew ta' pagamenti ta' penalita' fuq l-Istat Membru konċernat, li ma tkunx taqbeż l-ammont speċifikat mill-Kummissjoni.**

**L-obbligu tal-ħlas jibda jseħħ fid-data stabbilita mill-Qorti fis-sentenza tagħha.**

## L-Istati Membri Jitwaħħlu l-Multi

Fi kliem ieħor, jekk Stat Membru jonqos li jdaħħal fil-liġi tiegħu xi liġi ordnata mill-Unjoni Ewropea jew ma jagħmilx xi ħaġa minn dak li tgħid din il-Kostituzzjoni, il-Kummissjoni sejra tkun tista' ttellgħu quddiem il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea li tista' twaħħlu l-multa mitluba mill-Kummissjoni li jew titħallas f'daqqa jew fiż-żmien mogħti mill-Qorti

Hawnhekk għandna eżempju klassiku ta' l-arroganza u tal-wiċċ vili mingħajr l-iċken qatra żejt u agħar mill-għatba tal-Klistanija tal-mexxejja federalisti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tagħha.

Għandna wkoll l-eżempju klassiku ta' kif Stat Membru li ma jobdix sentenza tal-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea jew ma jdaħħalx xi liġi ta' l-Unjoni Ewropea jiġi umiljat billi l-Kummissjoni titlob lill-Qorti li mhux biss tordnalu jobdi s-sentenza, imma wkoll li jitwaħħal multa, li titħallas miċ-ċittadini tiegħu, skond kif jidrilha l-istess Kummissjoni.

Infakkru li l-Kummissjoni ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea ma hija mtella u maħtura mill-ebda vot taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, u ma jista' jkun hemm l-ebda dubju dwar lejn min hija leali.

Jista' xi ħadd li għandu demm Malti jiġri fil-vini tiegħu, speċjalment dawk kollha li ħadmu biex ħadna **l-Indipendenza u l-Ħelsien** tagħna minn taħt il-ħakma tal-barrani jaċċettaw din l-arroganza tal-barrani ta' l-Unjoni Ewropea u din l-umiljazzjoni kollha? M'hemmx dubju li le.

Għaldaqstant, għandna naħdmu flimkien biex infittxu nitilqu l-lejla qabel għada minn taħt il-ħakma kolonjali ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea bil-ħtif illegali tagħha ta' Malta bil-kollaborazzjoni tal-**ĠUDIET** u **QUISLINGS** mixtrija tagħha hawn Malta kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu.

## ARTIKOLU III-363

**Il-liġijiet u r-regolamenti Ewropej tal-Kunsill jistgħu jagħtu lill-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea kompetenza illimitata fir-rigward tas-sanzjonijiet previsti fihom.**

## Kompetenza Mingħajr Limitu Għall-Qorti

Artikolu li mhux biss jagħti jeddijiet u setgħat li jinsabu f'din il-Kostituzzjoni, imma qiegħed jagħti lill-Kunsill jedd u setgħa biex permezz ta' liġijiet u regolamenti Ewropej jagħtu lill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea kompetenza mingħajr l-ebda limitu.

Dan l-Artikolu ta' żewġ linji qiegħed jagħti jeddijiet u setgħat li m'humiex imniżżlin f'din il-Kostituzzjoni li biex tgħaddi jrid ikun hemm il-qbil ta' l-Istati Membri kollha u f'xi wħud minnhom fejn il-membri parlamentariu tagħhom m'humiex arroganti, anki taċ-ċittadini tagħhom permezz ta' referendum.

Fi kliem ieħor, il-multi jew penalitajiet oħra jistgħu jkunu kbar ħafna skond kemm jiddeċiedi l-Kunsill tal-Ministri fil-liġijiet Ewropej, jew, jekk ma jagħmilx limitu, kemm tiddeċiedi l-Qorti nfisha.

Għaldaqstant, il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea ma tkunx marbuta kemm tista' tkun kbira l-multa li twaħħal sakemm din tkun fil-limiti deċiżi mill-Kunsill tal-Ministri jekk ikun hemm limiti, għaliex jekk ma jkunx hemm limiti tkun tista' twaħħal kemm trid.

Qegħdin taraw kif l-Unjoni Ewropea tieħu setgħat aktar milli qatt ikunu tawha l-Istati Membri, u kif permezz ta' Artikolu mdaħħal l'hemm u l-hawn f'din il-Kostituzzjoni u fi Trattati oħra, ikollha, kif ngħidu, tieqa jew ventilatur biex tkun tista' toħroġ minnu u tgħid li hija kienet ingħatat dawk il-jeddijiet u setgħat?

Tistgħu qatt taqblu ma dawn il-ħniżrijiet li fiha din il-Kostituzzjoni ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea?

Jekk għandkom qatra demm Malti tiġri fil-vini tagħkom mhux biss ma taqblux, imma għandkom taħdmu biex infittxu nitilqu minn dan il-jasar ġdid li daħħluna fih il-**ĠUDIET** u **QUISLINGS** mixtrija tagħha il-lejla qabel għada kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu.

**ARTIKOLU III-364**

**Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra tal-Kostituzzjoni, liġi Ewropea tista' tagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea, sal-limitu li għandha tiddetermina hi, kompetenza li tisma' tilwim dwar l-applikazzjoni ta' atti adottati fuq bażi tal-Kostituzzjoni li joħolqu drittijiet Ewropej ta' proprjeta' intellettwali.**

**<u>Indħil fil-Qasam Intellettwali</u>**

Qasam ieħor mogħti lill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea permezz ta' liġi Ewropea, jew aħjar ta' l-Unjoni Ewroepa, liema qasam normalment kien kompetenza tal-Qrati ta' l-Istati Membri.

Dan huwa wkoll għoti ta' ġurisdizzjoni oħra lill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea b'liġi Ewropea minflok minn din il-Kostituzzjoni.

B'hekk, il-liġi Ewropea sejra tkun tista' tagħti kull setgħa u kompetenza lill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea għaliex hija biss l-istess liġi Ewropea li tgħid x'għandu jkun il-limitu ta' din il-kompetenza.

Jekk din il-Kostituzzjoni tgħaddi, ikun qisu bħal meta inti tagħti s-setgħa lil ħaddieħor li permezz ta' kuntratt li jagħmel huwa stess, ikun jista' jixtri l-proprjeta' tiegħek bil-prezz u l-kundizzjonijiet li jiddeċiedi huwa.

Tasal biex xi darba tagħmel hekk?

Meta tara dawn il-ħniżrijiet kollha, jista' jibqa' dubju dwar il-ħsieb ta' l-Unjoni Ewropea li tkun Stat Federali meta l-Qrati tagħha qegħdin jingħataw kompetenzi li mhux biss huma ta' l-Istati Membri, imma li limiti li jingħataw lanqas taf x'sejrin ikunu?

Tinsiex li l-qawl Malti jgħid li "**min jixtri l-ħut fil-baħar jieklu jinten**".

## ARTIKOLU III-365

**1. Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea għandha tirrevedi l-legalita' tal-liġijiet u l-liġijiet kwadru Ewropej, ta' l-atti tal-Kunsill, tal-Kummissjoni u tal-Bank Ċentrali Ewropew, li ma jkunux rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet, u ta' l-atti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Ewropew maħsuba biex jipproduċu effetti legali fil-konfront ta' partijiet terzi. Hija għandha wkoll tirrevedi l-legalità ta' l-atti ta' korpi jew aġenziji ta' l-Unjoni maħsuba biex jipproduċu effetti legali fil-konfront ta' partijiet terzi.**

**2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea tkun kompetenti f'rikorsi magħmula minn Stat Membru, mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni fuq bażi ta' nuqqas ta' kompetenza, ksur ta' ħtieġa proċedurali essenzjali, ksur tal-Kostituzzjoni jew ta' xi regola tad-dritt dwar l-applikazzjoni tagħha, jew l-użu ħażin tal-poteri.**

**3. Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea għandha ġurisidizzjoni taħt l-istess kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 f'rikorsi magħmula mill-Qorti ta' l-Awdituri, mill-Bank Ċentrali Ewropew u mill-Kumitat tar-Reġjuni għall-fini tal-protezzjoni tal-prerogattivi taghhom.**

**4. Kull persuna fiżika jew ġuridika tista' taħt l-istess kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2, tistitwixxi proċeduri kontra att indirizzat lil dik il-persuna jew li hu ta' interess dirett u individwali għaliha, u kontra att regolatorju li hu ta' interess dirett għaliha u li ma jinvolvix miżuri ta' eżekuzzjoni.**

**5. Atti li jistabbilixxu korpi u aġenziji ta' l-Unjoni jistgħu jistabbilixxu kondizzjonijiet u arranġamenti partikolari li jikkonċernaw rikorsi magħmula minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi kontra atti ta' dawn il-korpi jew aġenziji maħsuba biex jipproduċu effetti legali fir-rigward tagħhom.**

**6. Il-proċeduri previsti f'dan l-Artikolu għandhom jiġu istitwiti fi żmien xahrejn mill-pubblikazzjoni ta' l-att, jew tan-notifika tiegħu lill-attur, jew fin-nuqqas ta'dawn, fil-jum li fih l-attur sar jaf bih, skond il-każ.**

**Aktar Ġurisdizzjoni tal-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea**

Dan huwa Artikolu dwar ġurisdizzjoni oħra tal-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea dwar reviżjoni ta' liġijiet u atti oħra ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u dwar min jista' jagħmel kawżi dwarhom quddiem l-istess Qorti ta' l-Unjoni Ewropea.

Innutaw ukoll kif mhux biss l-Istati Membri jistgħu jagħmlu rikorsi kontra Stati Membri oħra, imma anki l-istituzzjonijiet kollha msemmija f'dan l-Artikolu kollha jistgħu jirrikorru għall-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea biex jinfurżaw id-deċiżjonijiet u l-jeddijiet tagħhom kontra l-Istati Membri.

**ARTIKOLU III-366**

**Jekk l-azzjoni tkun fondata l-Qorti tal-Ġstizzja ta' l-Unjoni Ewropea għandha tiddikjara li l-att konċernat huwa null u mingħajr effett.**

**Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha, jekk tikkunsidra dan neċessarju, tiddikjara liema mill-effetti ta' l-att li hi ddikjarat null għandhom jiġu kkunsidrati bħala definittivi.**

**Tista' Tannulla Atti**

Artikolu dwar li l-Qorti tista' tiddikjara att u l-effetti tiegħu magħmul minn xi istituzzjoni ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea bħala null u mingħajr effett jekk issib li l-azzjoni ta' min għamel il-kawża jkollha sisien sodi, jiġifieri, fi kliem ieħor, ikollu raġun.

**ARTIKOLU III-367**

**Jekk il-Parlament Ewropew, il-Kunsill Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni jew il-Bank Ċentrali Ewropew, bi ksur tal-Kostituzzjoni, jonqsu milli jaġixxu, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet l-oħrajn ta' l-Unjoni jistgħu jagħmlu rikors quddiem il-Qorti tal-Ġstizzja ta' l-Unjoni Ewropea sabiex jiġi stabbilit il-ksur. Dan l-Artikolu għandu japplika taħt l-istess kondizzjonijiet, għal korpi u aġenziji ta' l-Unjoni li jonqsu milli jaġixxu.**

**L-azzjoni għandha tkun ammissibbli biss jekk l-istituzzjoni, il-korp jew l-aġenzija konċernata jkunu l-ewwel ġew imsejħa biex jaġixxu. Jekk, fi zmien xahrejn minn meta jissejjħu, l-istituzzjoni, l-korp jew l-aġenzija ma jkunux ħadu l-posizzjoni tagħhom, l-azzjoni tista' tinġieb fi żmien perijodu ulterjuri ta' xahrejn.**

**Kull persuna fiżika jew ġuridika tista' taħt il-kondizzjonijiet previsti fl-ewwel u t-tieni paragrafi, tilmenta lill-Qorti tal-Ġustizzja li istituzzjoni, korp jew aġenzija ta' l-Unjoni jkunu naqsu milli joħorġulha kwalunkwe att li ma jkunx rakkomandazzjoni jew opinjoni.**

**<u>Proċeduri Kontra l-Istituzzjonijiet</u>**

Dan huwa Artikolu fejn l-istituzzjonijiet imsemmija ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea jistgħu jittellgħu Quddiem il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea jekk huma jiksru l-Kostituzzjoni u jibqgħu ma jaġixxux u ma jagħtux każ wara xahrejn li tkun inġibdet l-attenzjoni tagħhom.

Imma l-aktar li tridu tinnutaw huwa li hemm perjodu ta' xahrejn li fih tista' tinbeda l-azzjoni kontra l-istituzzjonijiet jekk dawn jibqgħu ma jagħmlux dak li jkunu msejħa jagħmlu.

Jekk jaqbżu dawn ix-xahrejn ma tkun tista' tagħmel xejn

## ARTIKOLU III-368

**L-istituzzjoni, il-korp jew l-aġenzija li l-att tagħhom ġie ddikjarat null, jew li n-nuqqas tagħhom li jaġixxu ġie ddikjarat kontra l-Kostituzzjoni, għandhom ikunu meħtieġa jieħdu l-miżuri neċessarji biex josservaw is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea.**

**Dan l-obbligu m'għandu jippreġudika l-ebda obbligu li jista' jirriżulta mill-applikazzjoni tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu III-431.**

**<u>L-Istituzzjonijiet Privileġġjati</u>**

Artikolu li jgħid li l-istituzzjonijiet għandhom iħarsu, jiġifieri jobdu dek li tkun iddeċiediet il-Qorti, u nnutaw li dak li jkunu għamlu jkun kontra l-Kostituzzjoni.

Dwar l-obbligu tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu III-431 narawh aktar 'il quddiem.

Madankollu, hawnhekk tajjeb li niġbdu l-attenzjoni li kontra kif isir kontra l-Istati Membri, ma jingħadx li l-istituzzjonijiet jistgħu, jekk ma jobdux lill-Qorti, jerġgħu jittellgħu quddiem il-Qorti biex jiġu mmultati, għalkemm il-multi jitħallsu mit-taxxi miġbura miċ-ċittadini ta' l-Istati membri

Qegħdin taraw kif l-Istati Membri dejjem imorru minn taħt għaliex jekk ma jobdux is-sentenza tal-Qorti jiġu mmultati u jkolhom xorta waħda jobdu, waqt li l-istituzzjonijiet ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea ma jiġrilhomx l-istess?

## ARTIKOLU III-369

**Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea tkun kompetenti li tagħti decizjonijiet preliminari dwar:**

**a) l-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni;**

**b) il-validita' u l-interpretazzjoni ta' atti ta' l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji ta' l-Unjoni.**

**Meta kwistjoni bħal din titqajjem quddiem kwalunkwe qorti jew tribunal ta' Stat Membru, dik il-qorti jew dak it-tribunal jistgħu, jekk iqisu li tkun meħtieġa deċiżjoni fuq il-kwistjoni sabiex ikunu jistgħu jagħtu sentenza, jitolbu lill-Qorti biex tiddeċiedi fuqha.**

**Meta kwalunkwe kwistjoni ta' dan it-tip titqajjem f'każ pendenti quddiem qorti jew tribunal ta' Stat Membru li kontra d-deċiżjonijiet tagħha ma jkun hemm ebda rimedju ġudizzjarju taħt il-liġi nazzjonali, dik il-qorti jew dak it-tribunal għandhom iressqu l-kwistjoni quddiem il-Qorti.**

**Jekk din il-kwistjoni titressaq f'każ pendenti quddiem qorti jew tribunal ta' Stat Membru fir-rigward ta' persuna detenuta, l-Qorti tal-Ġustizzja għandha taġixxi bil-minimu ta' dewmien.**

**<u>Il-Qrati ta' l-Istati Membri Sottomessi</u>**

Dan huwa Artikolu li permezz tiegħu il-Qrati ta' l-Istati Membri qegħdin jinġiebu sottomessi u sottoposti għall-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea.

Innutaw kif jingħad li l-Qorti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea għandha kompetenza li tagħti deċiżjonijiet dwar l-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni u dwar il-validita' u l-interpretazzjoni ta' l-atti ta' istituzzjonijiet, korpi u aġenzija oħra ta' l-Istat Federali Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

Innutaw ukoll kif il-Qrati u Tribunali ta' l-Istati Membri jingħad li jistgħu jitolbu dik li tissejjaħ deċiżjoni preliminari dwar kwistjoni li tqum quddiemhom.

Fi kliem ieħor, jekk xi ħadd iqajjem il-kwistjoni quddiem xi Qorti jew Tribunal ta' xi Stat Membru dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Kostituzzjoni ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea jew il-validita jew l-interpretazzjoni ta' xi att ta' l-istituzzjonijiet tagħha, huma jistgħu jirreferu l-kwistjoni lill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea għal deċiżjoni preliminari jekk iqisu li hija meħtieġa biex jagħtu s-sentenza tagħhom.

Jekk imbagħad ikun hemm kawża quddiem xi Qorti jew Tribunal li normalment ma jkunx hemm appell mis-sentenza tagħhom, u jekk il-kwistjoni tkun tinħtieġ li tiġi nterpretata liġi jew regolament ta' xi istituzzjoni ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea, dik il-Qorti jew Tribunal huma marbuta li jridu bilfors jirreferu l-każ lill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea biex tagħti deċiżjoni preliminari qabel jagħtu s-sentenza tagħhom.

Dan dejjem jekk qabel il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea ma tkunx diġa' tat xi deċiżjoni preliminari li tkun tista' tiġi applikata għal-każ li l-Qorti jew it-Tribunal ikollhom quddiemhom.

Dan isir biex ikun hemm interpretazzjoni tal-liġi ta' l-Unjoni Ewropea li tkun l-istess fit-territorju kollu ta' l-Unjoni Ewropea, għaliex Qrati differenti fi Stati Membri jistgħu jagħtu interpretazzjoni differenti għall-istess liġi.

Dan huwa eżempju ieħor dwar kif l-Unjoni Ewropea tqis it-territorju ta' l-Istati Membri bħala territorju tagħha, għaliex liġi normalment tgħodd biss fit-territorju ta' kull **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran**.

Għaldaqstant, la l-Unjoni Ewropea triq li l-liġi tagħha tapplika l-istess fit-territorju kollu ta' l-Istati Membri, ma jistax ikun li l-istess Unjoni Ewropea ma tqisx li t-territorju ta' l-Istati Membri huwa territorju tagħha.

L-aħħar paragrafu ta' dan l-Artikolu kien mistenni, għaliex jekk persuna tkun qiegħda tinżamm arrestata, ma tistax toqgħod tistenna l-kumdita' tal-Qorti jew Tribunal, imma għandha ssir referenza mill-aktar fis possibbli, għaliex jekk jinstab li kellha raġun tkun inżammet maqfula għalxejn.

Madankollu, l-aktar li jrid jiġi nnutat huwa kif il-Qrati u Tribunali ta' l-Istati Membri jiġi sottomessi għall-Qorti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u jridu joqgħodu għad-deċiżjoni tagħha.

Għalkemm anki qabel kien isir hekk, issa dan kollu qiegħed jiddaħħal fil-Kostituzzjoni ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea biex ikun imħares kostituzzjonalment u ma jitħalla l-ebda dubju dwar il-kompetenza tal-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea u dwar id-dmir tal-Qrati u t-Tribunali ta' l-Istati Membri.

Hawnhekk tajjeb li nġibu eżempju ħalli kulħadd jifhem. Il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea kienet diġa' ddeċiediet li kwalunkwe taxxa biex xi ħadd jirċievi programmi bis-satellita kienet illegali.

Kieku ma kienx hemm is-sentenza tal-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea, jekk kien jitressaq xi ħadd quddiem Qorti Maltija għaliex ma jkunx ħallas it-taxxa u jgħid lill-Maġistrat li dik it-taxxa hija kontra l-liġi ta' l-Unjoni Ewropea, il-Qorti ta' Malta kien ikollha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea biex tagħti deċiżjoni preliminari dwarha.

Għaldaqstant, minħabba li diġa' kien hemm sentenza tal-Qorti ta' l-Unjoni Ewroprea, kulħadd seta' mill-1 ta' Mejju 2004, jiġifieri din is-sena, jieqaf milli jħallas it-taxxa fuq id-dixxijiet tas-satellita u l-Gvern ma jista' jagħmillu xejn, għaliex jekk jibgħatlu biex iħallas il-multa u ma jħallashiex u jittella quddiem il-Qorti, kull ma jrid jagħmel huwa li jirreferi l-Qorti għas-sentenza tal-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea u l-Qorti ta' Malta jkollha bilfors timxi magħha.

Din il-kwistjoni kollha kienet u għadha daqshekk sempliċi, u ma kienx hemm għalfejn noqgħodu b'ħafna teatrin biex taparsi l-membri parlamentari Ewropej Maltin qegħdin jiġġielda, jitqatlu u jċarċru demmhom biex iħarsu l-interessi taċ-ċittadini Maltin u Għawdxin.

Anki f'dan l-eżempju u kif ġie ttrattat hawn Malta naraw kif il-politiċi jridu jkomplu jgħaddu ż-żmien bil-poplu Malti biex taparsi għandu bżonnhom meta m'huwiex il-fatt u biex jippruvaw jiġġustifikaw l-eżistenza, il-ħlasijiet u l-ispejjeż żejda tagħhom bħala qaddejja fidili tal-barrani.

Barra minn hekk, dan l-eżempju jurina kif l-Istati Membri tilfu kull sovranita' li kellhom, għaliex jekk inħallu barra jekk dik it-taxxa kinitx ġustifikata jew le, il-fatt li l-Gvern Malti kellu jneħħiha juri kif kellu jbaxxi rasu għall-ordnijiet tal-barrani ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan huwa eżempju mill-aktar ċar ta kemm jibqgħu **Indipendent, Ħielsa u Sovrani** l-Istati Membri fl-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

## ARTIKOLU III-370

**Il-Qorti tal-Gustizzja ta' l-Unjoni Ewropea tkun kompetenti li tisma' tilwim dwar kumpens għad-danni previsti fit-tieni u t-tielet paragrafi ta' l-Artikolu III-431.**

__**Kompetenza Oħra**__

Din hija kompetenza oħra mogħtija lill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea.

Aktar 'il quddiem naraw x'jgħid l-Artikolu III-431.

## ARTIKOLU III-371

**Il-Qorti tal-Ġustizzja ma tkunx kompetenti li tiddeċiedi dwar il-legalita' ta' att adottat mill-Kunsill Ewropew jew mill-Kunsill skond l-Artikolu I-59 ħlief fuq talba ta' l-Istat Membru konċernat minn determinazzjoni tal-Kunsill Ewropew jew tal-Kunsill u ħlief fir-rigward tad-disposizzjonijiet proċedurali li jinsabu f'dak l-Artikolu.**

**Din it-talba għandha ssir fi żmien xahar mid-data ta' tali determinazzjoni. Il-Qorti għandha tiddeċiedi fi żmien xahar mid-data ta' dik it-talba.**

__**Taparsi Rimedju**__

L-Artikolu I-59 huwa dwar dak li jista' jagħmel il-Kunsill fejn jista' jissospendi certi jeddijiet ta' Stat Membru jekk iqis li dak l-Istat Membru jkun kiser xi wieħed mill-jeddijiet imsemmija fl-Artikolu I-2 li rajna aktar qabel.

Wara d-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew jew tal-Kunsill tal-Ministri, dak l-Istat Membru milqut mid-deċiżjoni jista' jitlob lill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea tiddeċiedi dwar il-legalita' ta' dik id-deċiżjoni jew att u biss dwar id-dispożizzjonijiet ta' proċedura msemmija fl-Artikolu I-59.

Din it-talba tista' ssir biss mill-Istat Membru konċernat fi żmien xahar minn meta' jsir l-att u l-Qorti għandha tiddeciedi fi żmien xahar fuq it-talba li tkun saret.

Għalkemm kif jingħad it-talba trid issir fi żmien xahar u l-Qorti għandna tiddeċiedi fi żmien xahar min dik it-talba, ma jingħad xejn li d-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew jew tal-Kunsill tal-Ministri tiġi sospiża sakemm il-Qorti tiddeċiedi.

Dan ifisser żewġ affarijiet.

L-ewwel li l-Qorti m'hijiex sejra tiddeċiedi favur l-Istat Membru u għalhekk ma jkunx hemm ħtieġa li tiġi sospiża d-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew jew tal-Kunsill tal-Ministri.

It-tieni hija li anki jekk għall-grazzja ta' l-argument il-Qorti taqbel ma' l-Istat Membru, dak l-Istat Membru jkun sofra s-sospensjoni sakemm il-Qorti tkun iddeċiediet intortament.

Ifisser ukoll li dak li jkun sar fil-Kunsill Ewropew jew fil-Kunsill tal-Ministri sakemm ikun dam sospiż ikun ġie deċiż mingħajr ma dak l-Istat Membru jkun ħa sehem fih kif kellu kull jedd li jagħmel mingħajr ma dak li jkun ġie deċiż jerġa' jsir mill-ġdid.

U x'jiġri jekk dak li jkun ġie deċiż sakemm l-Istat Membru jkun sospiż jkun jolqot ħażin l-interessi ta' dak l-Istat Membru sospiż imma kieku kien preżenti forsi ma kienx jiġi deċiż kif kien deċiż?

Qegħdin taraw kemm l-affarijiet jikkomplikaw ruħhom u kemm hemm arroganza fost il-mexxejja arroganti federalisti ta' l-Unjoni Ewropea u kemm taparsi jkunu qegħdin joffru soluzzjoni imma fil-fatt ma tkun soluzzjoni xejn?

## ARTIKOLU III-372

**Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea tkun kompetenti f'kull tilwima bejn l-Unjoni u l-impjegati tagħha fil-limiti u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-oħra ta' l-Unjoni.**

**<u>Kompetenza fil-Kundizzjonijiet ta' l-Impjieg</u>**

Din hija mistennija, għaliex ma tistenniex li l-impjegati ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea jmorru quddiem il-Qrati nazzjonali ta' l-Istati Membri għall-jeddijiet tagħhom jekk ikunu qegħdin jallegaw li nkisrulhom minn istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea, imma jmorru quddiem il-Qorti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

## ARTIKOLU III-373

**Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea tkun kompetenti, fil-limiti stabbiliti hawn taħt, biex tieħu konjizzjoni f'tilwim dwar:**

**a) it-twettiq minn Stati Membri ta' obbligi taħt l-Istatut tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment. F'dan ir-rigward, il-Bord tad-Diretturi tal-Bank għandu jgawdi l-poteri mogħtija mill-Kummissjoni bis-saħħa ta' l-Artikolu III-360;**

**b) miżuri meħuda mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment. F'dan ir-rigward, kull Stat Membru, il-Kummissjoni jew il-Bord tad-Diretturi**

**tal-Bank jistgħu jagħmlu rikors skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu III-365;**

**c) miżuri meħuda mill-Bord tad-Diretturi tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment. Rikors kontra dawn il-miżuri jista' jsir biss minn Stati Membri jew mill-Kummissjoni, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu III-365, u fuq bażi biss ta' nuqqas ta' ħarsien tal-proċedura prevista fl-Artikolu 19(2), (5), (6) u (7) ta' l-Istatut tal-Bank;**

**d) it-twettiq minn banek ċentrali nazzjonali ta' obbligi taħt il-Kostituzzjoni u ta' l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u l-Bank Ċentrali Ewropew. F'dan ir-rigward il-poteri tal-Kunsill tal-Gvernaturi tal-Bank Ċentrali Ewropew, fir-rigward ta' banek ċentrali nazzjonali, għandhom jkunu l-istess bħal dawk mgħtija lill-Kummissjoni fir-rigward ta' l-Istati Membri bl-Artikolu III-360. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea ssib li bank ċentrali nazzjonali jkun naqas milli jwettaq xi obbligu taħt din il-Kostituzzjoni, dak il-bank hu marbut li jieħu l-mizuri neċessarji biex josserva s-sentenza tal-Qorti.**

## Kompetenza Oħra għall-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea

Konferma oħra ta' kemm l-Istati Membri u l-istituzzjonjiet tagħhom iridu jobdu dak kollu ordnat mill-istituzzjonijiet kollha ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea. Jekk ma jobdux jittieħdu quddiem il-Qorti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

Innutaw kif jingħad li l-poteri tal-Kunsill tal-Gvernaturi tal-Bank Ċentrali Ewropew dwar il-banek ċentrali ta' l-Istati Membri huma l-istess bħal dawk mogħtija lill-Kummissjoni dwar l-Istati Membri.

Fi kliem ieħor, jekk bank ċentrali ma jobdix xi ordni li jkun ingħata, huwa jista' jittella quddiem il-Qorti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u jiġi kkundannat bħal ma jiġu kkundannati l-Istati Membri.

M'hemmx għalfejn ngħidu li jekk ma jobdix jerġa' jittella quddiem il-Qorti ta' l-Unjoni u meta jeħel il-multi, dawn ikollhom iħallsu għalihom iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.

Tajjeb li tkunu tafu li l-Bank Ċentrali ta' kull pajjiż suppost ikun indipendenti mill-indħil u l-ordnijiet tal-Gvern. Kif tistgħu taraw, il-Banek Ċentrali ta' l-Istati Membri ma jistgħux ikunu indipendenti mill-indħil u l-ordnijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew ta' l-Unjoni Ewropea.

Tajjeb hekk. L-Istati Membri ma jistgħux jindaħlu lill-Banek Ċentrali tagħhom, imbagħad il-Bank Ċentrali Ewropew ta' l-Unjoni Ewropea mhux biss jindaħal kemm irid, imma saħansitra jista' jtella l-Banek Ċentrali ta' l-Istati Membri quddiem il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea u jekk ma jobdux jitwaħħlu l-multi.

Dik hija l-**Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita'** li jibqalhom l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tagħhom meta jsiru membri ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

## ARTIKOLU III-374

**Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea tkun kompetenti li tagħti sentenza skond kull klawżola ta' arbitraġġ f'kuntratt konkluż minn jew għan-nom ta' l-Unjoni, kemm jekk dak il-kuntratt ikun irregolat bid-dritt pubbliku jew bid-dritt privat.**

### Il-Qorti Kompetenti Anki fl-Arbitraġġ

Fi kliem ieħor, il-Qorti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea sejra tkun ukoll Qorti ta' Arbitraġġ u tista' tagħti kull sentenza kif jingħad fejn ikun hemm klawsola ta' arbitraġġ f'kull kuntratt li fih tkun imdaħħla l-Unjoni Ewropea.

Dan ifisser ukoll li kull kuntratt li fih tkun imdaħħla l-Unjoni Ewropea fejn wieħed jistenna li jsib klawsola ta' arbitraġġ, jistenna wkoll li anki jekk ma jkunx hemm miktub speċifikament li l-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea għandha kompetenza biex taqta' u tagħti sentenza, dan ikun hekk għaliex qiegħed jiddaħħal saħansitra fil-Kostituzzjoni tagħha.

Fi kliem ieħor, il-partijiet f'kuntratt li fih tkun imdaħħla l-Unjoni Ewropea lanqas jistgħu jiftehemu li jmorru arbitraġġ quddiem xi Qorti oħra, imma jridu jmorru bilfors quddiem il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea li kif rajna trid tkun leali biss lejn l-Unjoni Ewropea.

Kieku tassew l-Unjoni Ewropea m'għandhiex x'taħbi kient taċċetta li Qorti oħra barra dik tagħha tkun tista' tiġi nominata bħala l-Qorti li quddiema jmorru arbitraġġ.

X'għandna x'taħbi, jew għalfejn tibża l-Unjoni Ewropea li l-kwistjoni tmur arbitraġġ quddiem Qorti indipendenti miż-żewġ partijiet, jiġifieri l-Unjoni Ewropea nfisha u l-parti l-oħra, kif normalment isir?

## ARTIKOLU III-375

**1. Ħlief meta l-ġurisidizzjoni tingħata lill-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea mill-Kostituzzjoni, it-tilwim li fih l-Unjoni hija parti m'għandux fuq dik il-bażi jiġi eskluż mill-kompetenza tal-ġurisdizzjoni nazzjonali.**

**2. L-Istati Membri jintrabtu li ma jissottomettux nuqqas ta' qbil dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-Kostituzzjoni għal kwalunkwe metodu ta' soluzzjoni barra minn dawk previsti hemmhekk.**

**3. Il-Qorti tal-Ġustizzja tkun kompetenti li tisma kull nuqqas ta' qbil bejn Stati Membri marbuta mas-suġġett tal-Kostituzzjoni jekk in-nuqqas ta' qbil jiġi sottomess lilha taħt ftehim speċjali bejn il-partijiet.**

**Il-Qrati Nazzjonali fil-Kawżi ta' l-Unjoni Ewropea**

L-ewwel nett, innutaw li dan ifisser li l-Unjoni Ewropea sejra tkun tista' tiftah kawżi kontra l-Istati Membri fil-Qrati tagħhom stess fi kwistjonijiet li m'humiex riservati għall-Qorti tagħha jekk ikun jidrilha li m'għandhiex tħabbat il-Qorti tagħha.

B'hekk, jista' jkun li tiffranka l-ispejjeż, imma m'hemmx dubju li tnaqqas il-piż tan-numru ta' kawżi quddiem il-Qorti tagħha.

Mhux biss, imma l-Qrati ta' l-Istati Membri jintużaw biex japplikaw il-liġi ta' l-Unjoni Ewropea direttament kontra l-Istati Membri jekk ikun il-każ u jikkundannaw lill-istess Stat Membru li tiegħu huma jkunu istituzzjoni.

Innutaw ukoll li l-Istati Membri qegħdin jintrabtu li ma jressqux nuqqas ta' qbil dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-Kostituzzjoni ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea quddiem il-Qrati tagħhom jew xi Qorti oħra, imma biss quddiem il-Qorti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

Fi kliem ieħor, jekk tgħaddi din il-Kostituzzjoni, jekk tqum kwistjoni dwarha f'Malta, Malta ma tistax tressaq il-kwistjoni quddiem il-Qrati Maltin jew xi Qorti oħra, imma trid bilfors tressaqha quddiem il-Qorti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea. Dan huwa dak li jfisser t-tieni subartikolu.

X'biża għandha l-Unjoni Ewropea li xi kwistjoni dwar il-Kostituzzjoni tagħha titressaq quddiem **Qorti Indipendenti** li ma tkunx marbuta u ma jkollhiex interess li tħares l-interessi ta' l-Unjoni Ewropea imma li tkun tassew **Indipendenti** u **Ħielsa** li taqta' skond il-ġustizzja?

X'għandha x'taħbi l-Unjoni Ewropea?

Għalfejn tibża minn **Qorti Indipendenti**?

Innutaw ukoll kif l-istess Qorti ta' l-Unjoni Ewropea qiegħda tingħata l-kompetenza wkoll biex tisma kwistjonijiet bejn l-Istati Membri dwar il-Kostituzzjoni tagħha jekk dawn jiftehmu u jiddeċiedu li jressqu l-kwistjoni quddiemha.

**ARTIKOLU III-376**

**Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea ma tkunx kompetenti fir-rigward ta' l-Artikoli I-40 u I-41 u d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu II tat-Titolu V li jikkonċernaw il-politika estera u ta' sigurtà komuni u l-Artikolu III-293 safejn tikkonċerna l-politika estera u ta' sigurta' komuni.**

**Madanakollu, il-Qorti tkun kompetenti sabiex tissorvelja l-ħarsien ma' l-Artikolu III-308 u sabiex tiddeċiedi dwar rikorsi, magħmula skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu III-365(4), dwar illegalità ta' deċiżjonijiet li jipprovdu għal miżuri restrittivi kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi adottati mill-Kunsill fuq il-bażi tal-Kapitolu II tat-Titolu V.**

**Il-Qorti u l-Politika Barranija u ta' Sigurta' Komuni**

Biex infakkrukom, **l-Artikolu I-40** huwa dwar **"Disposizzjonijiet speċifiċi li jirrelataw għall-politika estera u ta' sigurta' komuni"**, waqt li Artikolu I-41 huwa dwar **"Disposizzjonijiet speċifiċi li jirrelataw għall-politika ta' sigurta' u ta' difiża komuni"** li aħna ttrattajnihom fit-tul sewwa meta rajna dawn l-Artikoli**.**

Infakkrukom li skond dawn l-Artikoli, l-Unjoni Ewropea sejra tkun tista' tuża **l-forzi ċivili u militari għal operazzjonijiet barra mill-Unjoni** "**għaż żamma tal-paċi, għall-prevenzjoni ta' konflitti u biex tissaħħaħ is-sigurta' internazzjonali skond il-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. Dawn il-kompiti għandhom jitwettqu billi jintużaw il-kapaċitajiet provduti mill-Istati Membri."**

Hawnhekk m'aħniex sejrin nerġgħu noqgħodu nittrattaw dawn is-suġġetti, imma ftakru li **l-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea m'hijiex qiegħda tingħata l-kompetenza**, jiġifieri l-jedd u s-setgħa li tiddeċiedi dwar każi mqajjma taħt dawn l-Artikoli u oħrajn li jaqgħu taħt il-Kapitlu msemmi.

X'inhija r-raġuni?

Tgħid biex jagħmlu x'jagħmlu l-istituzzjonijiet ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea ma jkunx jista' jiġi eżaminat lanqas mill-Qorti tagħha stess biex il-mexxejja politiċi jkunu jistgħu jagħmlu li jridu?

Qegħdin taraw kif isiru l-affarijiet fl-Istat Federali ta' Unjoni Ewropea?

Tgħid għalfejn?

X'bi ħsiebhom jagħmlu l-mexxejja federalisti, arroganti, kolonjalisti u imperjalisti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea biex lanqas il-Qorti tagħhom stess li m'hemmx dubju li hija leali lejn l-Unjoni Ewropea ma jridu jafdaw?

Dawn l-affarijiet bilfors li jħassbuk ħafna x'għandhom moħbi li jridu jagħmlu aktar 'il quddiem il-mexxejja arroganti, kolonjalisti, federalisti u imperjalisti ta' l-Unjoni Ewropea.

L-**Artikolu III-308** huwa dwar il-jeddijiet u setgħat ta' l-istituzzjonijiet fl-implimentazzjoni tal-politika barranija u ta' sigurta' komuni, li l-implimentazzjoni tagħha m'għandhomx jolqtu l-kompetenzi ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea u viċi-versa.

L-**Artikolu III-365(4)** huwa dwar azzjonijiet li persuna tista' tieħu kontra l-istituzzjonijiet ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea meta tkun milquta minn att tagħhom ta' nteress direttament għaliha.

## ARTIKOLU III-377

**Fl-eżrċizzju tal-poteri tagħha li jirrigwardaw is-Sezzjonijiet 4 u 5 tal-Kapitolu IV tat-Titolu III dwar iż-żona tal-liberta' tas-sigurta' u tal-ġustizzja, il-Qorti tal-**

**Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea ma tkunx kompetenti biex tivverifika l-validita' jew il-proporzjonalita' ta' operazzjonijiet imwettqa mill-pulizija jew minn kull servizz ieħor ta' l-infurzar tal-liġi ta' Stat Membru jew l-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet li jaqgħu fuq l-Istati Membri fir-rigward tal-manteniment ta' l-ordni pubbliku u s-salvagwardja tas-sigurta' interna.**

**L-Istati Membri ma Jafdawx lill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea**

Dan l-Artikolu m'hemmx dubju li daħal fuq insistenza ta' l-Istati Membri li bl-ebda mod ma riedu li l-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea tindaħal fuq l-operazzjonijiet tal-pulizija u s-servizzi sigrieti u kull servizz ieħor ta' infurzar tal-liġi ta' Stat Membru u fl-eżerċizzju taż-żamma ta' l-ordni pubbliku u s-sigurta' interna ta' l-Istati Membri.

Dan ifisser biss li l-Istati Membri ma jafdawx lill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea għaliex jafu li l-lealta' tagħha hija lejn l-Unjoni Ewropea u lanqas lill-istess Unjoni Ewropea u qegħdin jiddejqu bl-indħil tagħhom fl-affarijiet interni tagħhom.

Mhux biss, imma dan ifisser li l-Istati Membri minkejja li huma membri fl-Unjoni Ewropea mhux tassew jinteressahom l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea, imma qegħdin membri biss biex jekk hemm xi vantaġġi jieħdu vantaġġ minnhom u jridu li jibqgħu jħarsu l-interessi tagħhom huma stess mingħajr indħil tagħha.

Daqshekk hija kbira l-vokazzjoni Ewropea ta' l-Istati Membri.

Hawnhekk irridu nerġgħu niġbdu l-attenzjoni tagħkom li bil-Malti ma ngħidux "**il-manteniment**", imma "**ż-żamma**" ta' l-ordni pubbliku.

**ARTIKOLU III-378**

**Minkejja l-iskadenza tal-perijodu stabbilit fl-Artikolu III-365(6), kwalunkwe parti tista' f'rikorsi li fihom ikun hemm involut att ta' applikazzjoni ġenerali adottata minn istituzzjoni, korp jew aġenzija ta' l-Unjoni, tibbaża ruħha fuq l-Artikolu III-365(2) sabiex tinvoka quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea l-inapplikabilita' ta' dik il-miżura.**

**Jeddijiet Limitati**

L-artikolu 365(6) jipprovdi li "**l-proċeduri previsti f'dan l-Artikolu għandhom jiġu istitwiti fi żmien xahrejn mill-pubblikazzjoni ta' l-att, jew tan-notifika tiegħu lill-attur, jew fin-nuqqas ta'dawn, fil-jum li fih l-attur sar jaf bih, skond il-każ.**"

Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 365(2) huwa dwar il-kompetenza tal-Qorti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea "**f'rikorsi magħmula minn Stat Membru, mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni fuq bażi ta' nuqqas ta' kompetenza, ksur ta' ħtieġa proċedurali essenzjali, ksur tal-Kostituzzjoni jew ta' xi regola tad-dritt dwar l-applikazzjoni tagħha, jew l-użu ħażin tal-poteri.**"

Għaldaqstant, l-Artikolu III-378 jipprovdi li minkejja li jkunu għaddew ix-xahrejn imsemmija fl-Artikolu 365(6), il-partijiet xorta waħda jistgħu jagħmlu rikors quddiem

il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea dwar l-inapplikabilita', jiġifieri li ma tistax tiġi applikata, xi miżura.

Madankollu, dawn ir-rikorsi jridu bilfors ikunu limitati għal dawk imsemmija, jiġifieri biss dwar "**nuqqas ta' kompetenza,**" jiġifieri l-istituzzjoni ma kellhiex kompetenza biex tagħmel dak li għamlet, **"ksur ta' ħtieġa proċedurali essenzjali,"** jiġifieri ma mxietx ma xi proċedura essenzjali, bħala eżempju suppost tikkonsulta ma xi ħadd u ma kkonsultat xejn, **"ksur tal-Kostituzzjoni jew ta' xi regola tad-dritt dwar l-applikazzjoni tagħha, jew l-użu ħażin tal-poteri"** li huma ċari biżżejjed.

## ARTIKOLU III-379

**1. Ir-rikorsi miġjuba quddiem il-Qorti tal-ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea m'għandhomx ikollhom effett ta' sospensjoni. Il-Qorti tista' madanakollu, jekk tikkunsidra li ċ-ċirkostanzi jeħtieġu hekk, tordna li l-applikazzjoni ta' l-att ikkontestat tiġi sospiza.**

**2. Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea tista' f'kull każ quddiemha tippreskrivi kwalunkwe miżuri proviżorja meħtieġa.**

**<u>Sospensjoni fid-Deskrizzjoni tal-Qorti</u>**

Innutaw kif minkejja li jkun hemm rikors quddiem il-Qorti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea, xorta waħda dik il-liġi, regolament jew miżura ma titwaqqafx sakemm tkun eżaminata fil-kawża u tingħata s-sentenza, sakemm il-Qorti ma tqisx li dan huwa meħtieġ miċ-ċirkostanzi.

Dan ifisser li minkejja li dik il-liġi, regolament jew azzjoni jkunu sejrin jikkaġunaw danni għal min jagħmel ir-rikors, jekk il-Qorti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea ma jkunx jidrilha li għandha twaqqaf l-applikazzjoni ta' dak l-att ma twaqqfux.

Madankollu, il-Qorti qiegħda tingħata wkoll il-jedd u s-setgħa li jekk ikun jidrilha, hija tista' tagħti kwalunkwe miżuri proviżorji meħtieġa sakemm tasal għad-deċiżjoni tagħha.

## ARTIKOLU III-380

**Is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea għandhom forza eżekuttiva taħt il-kondizzjonijiet previsti fl-Artikolu III-401.**

**<u>Infurzar tas-Sentenza</u>**

Fi kliem ieħor, is-sentenza tista' tiġi nfurzata kontra dak li tkun inqatgħet kontrih bħal ma jsir f'kull Qorti, dejjem taħt il-kundizzjonijiet li naraw aktar 'il quddiem li jinsabu fl-Artikolu III-401.

**ARTIKOLU III-381**

**L-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea għandu jiġi stabbilit fi Protokoll.**

**Il-liġi Ewropea tista' temenda d-disposizzjonijiet ta' l-Istatut, bl-eċċezzjoni tat-Titolu I u l-Artikolu 64. Għandha tkun adottata jew fuq talba tal-Qorti tal-Ġustizzja u wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni, jew fuq proposta mill-Kummissjoni u wara konsultazzjoni mal-Qorti tal-Ġustizzja.**

**<u>L-Istatut Jinbidel b'Liġi Ewropea</u>**

Innutaw li waqt li l-Istatut tal-Qorti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea sejjer jiġi magħmul fi Protokoll, u normalment il-Protokoll ikollu l-qbil ta' l-Istati Membri, dak l-istess Protokoll sejjer ikun jista' jinbidel permezz ta' liġi Ewropea mingħajr ma l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom jerġgħu jiġu kkonsultati.

Xejn ħlief arroganza mill-mexxejja arroganti federalisti ta' l-Unjoni Ewropea li l-ewwel jitolbu l-qbil ta' l-Istati Membri u f'dak l-istess qbil ikun hemm li huma permezz tal-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea jkunu jistgħu jibdlu kollox permezz ta' dik imsejħa liġi Ewropea.

Jistgħu jkunu arroganti u wiċċhom vili mingħajr l-iċken qatra żejt u agħar mill-għatba tal-Klistanija aktar minn hekk?

Tridu li nibqgħu taħt din l-arroganza kollha, l-madmad kolonjali u l-jasar li daħħluna fih il-**ĠUDIET** u **QUISLINGS** Maltin mixtrija ta' l-Unjoni Ewropea?

It-tweġiba tagħna hija le u li għandna kull jedd u setgħa li nitilqu meta u fi x'ħin irridu minn dan il-jasar kolonjali ta' l-Unjoni Ewropea.